# IL-MALTI

RIVISTA TA'
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)

**IL-KTIEB GĦAS-SENA 1988** **L-64 SENA**



*Ħarġa Speċjali*

# KARMENU VASSALLO

# IL-MALTI

IMWAQQAF F'MARZU 1925
MILL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
illum imsejħa
**AKKADEMJA TAL-MALTI**


**BORD EDITORJALI**

*Editur:* Joseph M. Ghigo S.J.
c/o 'Xavier House',
226 Triq S. Pawl,
Il-Belt.
Tel: 623681.

*Sub-editur:*
Joe Zammit Ciantar B.A., M.A.
*Membri:*
Joseph J. Camilleri B.A., M.A.
Alfred Ellul Galea B.A.
Anthony Mercieca B.A.


Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Editur.
All communications should be addressed to the Editor.
Ogni corrispondenza da spedirsi al Direttore.
Toute correspondance doit être envoyée au Dirècteur.


**© Il-Jedd ta' riproduzzjoni ta' artikli/poeżiji pubblikati f'*Il-Malti* huwa miżmum mill-awturi rispettivi tagħhom u mill-Akkademja tal-Malti u xejn ma jista' jiġi pubblikat mingħajr il-permess meħtieġ bil-miktub tagħhom.**


**MATERJAL GĦALL-PUBBLIKAZZJONI**

Mhux bilfors li kull xogħol li jintbagħat lill-Bord Editorjali jiġi pubblikat f'*Il-Malti*. Il-Bord għandu d-dritt ma jippubblikax artiklu/i u/jew poeżija/i mingħajr ma jagħti ebda raġuni. Il-materjal li jiġi ppreżentat għall-pubblikazzjoni f'*Il-Malti* għandu jkun oriġinali u qatt ma deher pubblikat banda oħra qabel.

Il-Bord Editorjali


Disinn u Produzzjoni tal-pubblikazzjoni **Joe Zammit Ciantar**
Issettjat għand **M.M. – Bugelli**, Valletta
Mitbugħ fl-istamperija **Gutenberg** – Żabbar



Karmenu Vassallo fl-aħjar ta' żgħożitu.

(Epitaffju għal mewti)

~~Kont. M'għadnix aktar. Intfejt.~~
~~Imma tixgħel jew tnemnem~~
~~Bħal xemgħa [illegible] galbi kallejt.~~
~~fi vrusi~~

---

Kont. M'għadnix aktar. Intfejt.
Imma warajja tixgħel
galbi fi vrusi ħallejt.
Ħuduli tsiebħa, ~~ki jogħġobkom~~.

# WERREJ

Tislima lil Karmenu Vassallo (Editorjal)
*Patri J. M. Ghigo S.J.* 1

Tagħlim il-Lsien Malti fl-Università
*Karmenu Vassallo* 3

Il-Malti fil-Kunsill tal-Gvern
*Karmenu Vassallo* 8

'Il-Għid il-Kbir'
*Karmenu Vassallo* 9

Poeżija ta' Karmenu Vassallo mogħtija bħala ta' A. Cuschieri 19

Fil-Mewt ta' Karmenu Vassallo
*Anton F. Attard B.A.* 21

Poeżija lil Studenta
*Rose Spiteri* 23

Karmenu Vassallo: Kellu Qalbu akbar Minnu
*Laurence Mizzi* 26

Karmenu Vassallo – Poeta li jibqa' għal dejjem
*Josette Attard* 27

Lil Karmenu Vassallo
*Manwel Nicholas-Borg* 31

Karmenu Vassallo u l-Ħajja Reliġjuża
*Hugh A. Mallia, O.Carm.* 32

Lil Ħabibi Karmenu Vassallo
*Pawlu Mifsud* 34

L-"Għażiż Karmenu . . ."
*Emmanuel F. Attard* 36

Kemmxejn Dawl Ieħor
*Joe J. Camilleri B.A., M.A.* 38

Karmenu Vassallo: Ħabib sinċier u onest
*Ġużè Chetcuti* 40

Karmenu Vassallo
*Anton Agius Muscat* 42

'Jekk . . .' ta' Karmenu Vassallo – Nota Stilistika
*Charles Briffa B.A. (Hons), M.A., Ph.D.* 45

"Tqattagħhomx . . . Żommhom b'Tifkira"
*Ġużè Cassar Pullicino* 53

Xi Aspetti ta' l-Esperjenza Leopardjana ta' Karmenu Vassallo
*Prof. Oliver Friggieri* 75

Reċensjoni: *Stilistika Maltija*
*Karmenu Vassallo* 89

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
(Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)

**Il-ktieb għas-sena 1988** **L-64 Sena**

***Editorjal***

# Tislima lil Karmenu Vassallo

KARMENU VASSALLO ħalliena fis-7 ta' April 1987. Jumejn wara mort nagħtih l-aħħar tislima fil-knisja tar-raħal li tant ħabb. . . Mur għidli dak in-nhar li fi żmien sena Malta kellha titlef erbgħa oħra minn uliedha, kollha msieħbin fl-Akkademja tal-Malti, kull wieħed ħabrieki f'diversi oqsma tal-Letteratura tagħna. . . Għax wara Karmenu ħalliena P. Alfred Previ, u mbagħad ftit ilu, f'medda ta' għaxart ijiem, daqqet is-siegħa għal Ġużè Cardona u għal P. Marjanu Vella. Il-Mulej iħenn għalihom u jdaħħalhom igawduh għal dejjem!

Mur għidli sena ilu, waqt il-liturġija ewkaristika konċelebrata biex tfakkar lil Dak li miet fuq is-salib imma reġa' għall-ħajja, li f'egħluq is-sena lil Karmenu Vassallo qegħdin nagħtuh tislima oħra! Għax matul is-sena li għaddiet, twieled il-ħsieb u ssaħħaħ fil-moħħ ta' ħafna li nippreżentawlkom dan-Numru Speċjali b'tifkira tal-Poeta tan-Nirien. Kemm hu minnu li l-poeta ma jmutx, kif qal Orazju madwar elfejn sena ilu!

Dan-Numru Speċjali ħabbarnieh fl-aħħar għadd ta' *Il-Malti* tas-sena l-oħra. Kif qegħdin taraw b'għajnejkom, il-kitbiet li waslulna huma ħafna u varjati. Fl-istess ħin kellna wkoll nagħtu kas tas-saħħa finanzjarja limitata li għandha l-Akkademja tal-Malti. Ħsibna għalhekk biex nitolbu għajnuna, u ttallabnieha bla mistħija u bil-perseveranza: għall-Poeta li qala' fuq wiċċu ma bżajniex nagħmlu wiċċna aħna wkoll. . . B'hekk tqarribna aktar lejn Karmenu Vassallo li twieled fqir, għex fqir, u miet fqir ukoll, iżda minkejja dinja xħiħa miegħu b'ħafna manjieri, madankollu bla xeħħa dewwaqna l-benna ta' Poeżija qawwija li biha stagħna Lsienna!

Jidhrilna li l-kitbiet fuq Karmenu Vassallo li dan-Numru speċjali ġibed lejh jixħtu dawl ġdid fuq l-istatura umana u letterarja tal-Poeta. Nittama li ftaħna triq biex insiru nafu aħjar min kien dan il-bniedem u x'wirt ħallielna. Bla dubju ta' xejn l-istatura ta' Karmenu Vassallo tissokta toħroġ aktar ċara mhux biss b'xi lejla letterarja jew minn xi monument tal-bronż, għalkemm dawn ukoll huma siewja, imma wisq aktar minn tiftix u studju tal-ħafna ittri u kitba oħra li jinsabu mrekkna

'l hawn u 'l hinn. . . Dan hu l-aqwa mod, u l-aħjar, biex it-tifkira ta' Karmenu Vassallo tibqa' ħajja f'din l-art ħelwa!

Inħoss li b'dawn l-erba' kelmiet qiegħed infisser is-sentimenti ta' ħafna Maltin u Għawdxin li lil Karmenu Vassallo jafuh biss mill-poeżija tiegħu miġbura f'diversi kotba u magħżula f'antoloġiji.

Fl-aħħarnett, bħala President ta' l-Akkademja tal-Malti u bħala Editur ta' dan il-qari tagħha *Il-Malti*, irrid niżżiħajr lil dawk kollha li għenu b'xi mod biex inwasslu lill-qarrejja din it-Tislima lil Karmenu Vassallo, Poeta, b'mod speċjali lil uliedu għar-ritratti li silfuna biex bihom inżejnu dan-Numru-Tifkira.

Ritratt ta' l-okkażjoni meħud f'Mejju ta' l-1975 waqt l-għoti ta' rigal lill-President ta' l-Akkademja il-Professur Ġużè Galea. Mix-xellug għal-lemin jidhru wkoll: is-Sur Ġużè Chetcuti, Karmenu Vassallo b'Ġużè Diacono fuq wara, Patri J. M. Ghigo, is-Sur J. Zammit Mangion, Dr. Wallace P. Gulia, in-nutar V. M. Pellegrini, u s-Sur F. X. Mangion.



# Tagħlim il-Lsien Malti fl-Università

*Karmenu Vassallo*

## Rapport ta' taħdita fil-Kunsill tal-Gvern

FIL-LAQGĦA tal-Kunsill tal-Gvern li saret nhar it-Tnejn, 23 ta' April 1946, is-Sur Karmenu Vassallo, li qam jitkellem fuq l-aġġornament, beda biex fisser is-sogħba tiegħu li ma satax jieħu sehem fid-diskussjoni li kienet qamet dwar l-Ilsien Malti fil-laqgħa tat-Tnejn ta' qabel billi hu dak in-nhar xejn ma kien iħossu f'siktu, u billi minn x'ħin wasal id-dar dik l-istess lejla sal-Ġimgħa fil-għodu ħtieġlu kontra qalbu jibqa' fis-sodda marid.

Imbagħad stqarr li hu jaqbel għal kollox ma' kulma kien fisser Dr. Boffa dwar il-kwistjoni tat-tagħlim tal-Malti fl-Università; u żied juri t-tama u x-xewqa tiegħu li l-Professur tal-Malti li hemm bħalissa ma jonqosx jilqa' bil-qalb u jimxi fuq it-twissija flokha u prattika tat-Tabib Boffa. Iżda qal li ma jaqbilx u ma satax jaqbel ma' dak li kien tarraf ħabibu u sieħbu Dr. Colombo, jiġifieri li ħafna żgħażagħ studenti Universitarji kienu tilfu l-ġbejna u l-qaleb billi ma rnexxilhomx igħaddu mill-Eżami tal-Malti. L-Aġent Logotenent Gvernatur żgurah (lit-tabib Colombo) li l-ebda student ma kien tilef il-kors tiegħu mħabba l-Malti. Għalhekk hu (K. Vassallo) ma deherlux li għandu għalfejn jissokta jisħaq u jtanbar fuq fatt li dwaru ebda dubju ma sata' jkun hemm fl-imħuħ tal-Membri wara stqarrija uffiċjali bħal dik li kienet saret min-naħa tal-Gvern. Barra minn dan, hu ta' min jinnota li tnejn fost is-suġġetti li l-aktar jeħlu fihom l-istudenti huma l-Ingliż u l-Matematka.

Wara dan, is-Sur K. Vassallo wera li l-objezzjoni tas-Sur Oscar Sammut dwar li kien hemm mill-inqas każ wieħed fejn ċertu student li kien għadda bl-unuri mis-suġġetti kollha tilef il-premju tal-Gvern billi ma ġiebx marki għolja biżżejjed fil-Malti, ma kinetx ħlief eċċezzjoni — u l-eċċezzjoni ma tagħmilx ir-regola. Barra minn hekk, dak l-istudent — żied igħid K. Vassallo — hu tabilħaqq ta' min ilumu u jitkaża bih meta jkun jaf li hu anqas midħla ta' Lsien art twelidu milli hu midħla ta' ilsna barranin u suġġetti oħra li huma wisq itqal mill-Malti. Dawk kollha li ma jafux jew ma jridux jafu bi Lsien art twelidhom imisshom jistħu u jiregħxu fihom infushom, fisser b'qawwa s-Sur Vassallo.

Imaqdru, iżebilħu u jiddieħku bl-Ilsien Malti — kompla igħid l-oratur — dawk li ma jagħirfux lilhom infushom u li ma jafux jew ma jridux igħożżu dak li hu

---

* Mill-bixra ta' din il-kitba li dehret f'*Il-Berqa* (29.4.46, pp. 3 u 7) jidher ċar li r-rapport inkiteb minn K. Vassallo nnifsu. Dwar xi punti msemmija fir-rapport il-qarrej irid iżomm f'moħħu li dan inkiteb fl-1946. Fir-riproduzzjoni ta' dan l-artiklu ftit sar tibdil u dan biss fl-ortografija.

*L-editur.*

tagħhom weħidhom. L-ilsien Malti jagħżel lil ġensna mill-bqija tal-ġnus l-oħra kollha tad-dinja. Ħadd minna ma jista' qatt jisfa barrani fi ħsibijietu jew fit-tqanqil nazzjonali ta' ruħu. Barra minn dan, l-Ilsien Malti hu wieħed mill-eqdem u mil-ogħna ilsna tad-dinja. Bl-Ilsien Malti nqdew u kitbu xi wħud mill-aqwa għorrief ta' din il-Gżira.

U hawn is-Sur Vassallo beda biex isemmi għadd ta' kittieba Maltin mejtin mill-aktar magħrufa, fosthom il-Kanonku Ġ.P.F. Agius de Soldanis (1712 – 1770) li ħallielna Grammatka, żewġ Dizzjunarji u ħannieqa ta' qwiel Maltin mill-isbaħ; Mikiel Anton Vassalli (1764 – 1829), miżmum u magħdud bħala "Missier l-Ilsien Malti," awtur ta' Grammatka, Dizzjunarju, traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti, ħannieqa ta' qwiel u xogħlijiet oħra mfaħħra ħafna; Ġalanton Vassallo (1817 – 1867) li kien avukat u professur tat-Taljan fl-Università ta' Malta, l-ewlieni fost il-kittieba tagħna li kiseb isem sabiħ ta' poeta Malti, u li ħalla jgħixu warajh għal dejjem xi poeżiji tassew ħelwin u epika qasira; Napuljun Tagliaferro (1843 – 1915) I.S.O. Professur u Rettur ta' l-Università tagħna u wieħed mill-aħjar kittieba ta' Lsienna fi żmienu; il-Kav. Ġużè Muscat-Azzopardi (1853 – 1927), L.P., B.M., P.E.P., rumanzier u poeta Malti mill-aqwa; Sir Temi Zammit (1864 – 1935), Kt., M.D., C.M.G., D.Litt. (Oxon.) Professur u Rettur ta' l-Università, Direttur tal-Mużew, awtur ta' kotba bl-Ingliż u bil-Malti fuq Mediċina u Arkeoloġija, u l-iprem kittieb ta' novelli bi Lsienna; il-Kommendatur Alfonsu Marija Galea (1862 – 1943) li, flimkien ma' Dun Pietru Pawl Grima, qaleb għall-Malti l-kotba kollha tal-Bibbja, barra milli ħareġ u ta lill-qarrejja tagħna xi 150 ktieb ta' tagħlim popolari magħrufin bħala "Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien." Ma' dawn hu qal li seta' jżid isemmi ħafna oħrajn, l-aħjar fosthom: A.E. Caruana, awtur tar-rumanz famuż *Ines Farruġ* u Vokabularju tal-Lsien Malti; G.B. Falzon, awtur ta' Dizzjunarju Malti-Taljan-Ingliż u Dizzjunarju ieħor Taljan-Ingliż-Malti; F. Vella, awtur ta' Grammatika Maltija u Dizzjunarju tal-but; Fortunat Panzavecchia, awtur ta' Grammatka tal-Malti; Ċensu Busuttil, awtur ta' żewġ Dizzjunarji, wieħed mill-Malti għall-Ingliż u l-ieħor mill-Ingliż għall-Malti; barra minn ħafna oħrajn.

Dawn il-persuni semmiehom b'isimhom, bid-data ta' twelidhom u ta' mewthom, bil-lawrji u bit-titli kollha tagħhom biex juri u jfiehem lil dawk li forsi sa dak in-nhar kienu għadhom ma jafux illi tabilħaqq lill-Ilsien Malti ma ħabbewhx u ma kitbux bih xi erba' rjus vojta jew boloh; imma faħħruh, għożżewh u kitbu bih persunaġġi Maltin mill-egħref u mill-aqwa f'kull fergħa tax-xjenza, ta' l-arti u tal-ħajja soċjali.

Iżda dawk li faħħru l-Malti u kitbu bih ma kinux Maltin biss, issokta jgħid is-Sur Vassallo. Lil Ilsienna għollewh u faħħruh ħafna għorrief barranin ukoll. U biex jagħti provi ċari ta' dan hu talab lill-Onorabbli Membri jistabru ftit ieħor u joqogħdu jisimgħu min kienu jew min huma dawn il-għorrief barranin.

Barra minn oħrajn hu semma lir-Rev. C. L. Dessoulavy, Ph.D., skular u

mgħallem kbir fl-ilsna Semin, li fis-Sbatax-il-Kungress Internazzjonali ta' l-Orjentalisti li sar f'Oxford fis-sena 1928 inqara studju minn tiegħu jismu "L-Iżvilupp tal-Malti bħala Lingwa Miktuba u x-Xebh ta' dan l-Ilsien ma' Ilsna oħra Semin"; ir-Rev. Fr. Edmund F. Sutcliffe, S.J., Professur tat-Testment il-Qadim u tal-Lhudi f'Heythrop College, li kiteb Grammatka tal-Lsien Malti li fuqha bħalissa qegħdin jitgħallmu l-istudenti ta' l-Università tagħna; Dr. Hans Stumme, Professur fl-Università ta' Leipzig u wieħed mill-aqwa skulari Orjentalisti tal-Ġermanja, li kiteb Grammatka ta' Lsienna mgħammda *Maltesische Studien*; Dr. Th. Nöldeke, Orjentalista Ġermaniż ieħor, li fela bir-reqqa u bil-għaqal ix-xogħol ta' Dr. Stumme u kiteb fuqu fit-tul fiż-*Zeitschrift der deutschen Morgenländischen Gesellschaft*; Wilhelm Gesenius, mgħallem ieħor mill-aqwa fl-Ilsna tal-Lvant, li kiteb studju meqjus ħafna fuq il-Malti jismu: *Versuch über die Maltesische Sprache, etc.*; M. Cohen, professur Franċiż li jaqra u jifhem il-kotba tagħna u kiteb fuqhom f'rivisti Franċiżi; I. Guidi, Taljan, wieħed mill-għorrief il-kbar nett fl-Ilsna tal-Lvant li għandu kotba bil-Malti, jaqrahom u jifhimhom, u li stqarr li jiswewlu mhux ftit għat-tagħlim tiegħu; P. Nakhla, S.J., minn Bejrut, li jaf tajjeb l-ilsna kollha li jixbhu lill-Malti u li jitkellmuhom minn Bejrut sal-Marokk, għalkemm – kif stqarr dan l-istess patri Ġiżwita – l-ebda wieħed minnhom ma jista' jinkiteb sabiħ daqs l-Ilsien Malti. Fuq kollox Patri Nakhla jħossu msaħħar wara l-poeżija ta' Dun Karm.

Dan kollu, ikkonkluda s-Sur Vassallo, juri biċ-ċar u bid-dieher illi fi Lsienna hemm qawwa, hemm ġmiel, hemm seħer li serqu l-qlub ta' għorrief kbar barranin, imma li diżgrazzjatament għal xi wħud minna donnhom ma jfissru xejn. Milli jidher aħna nbatu b'marda morali li twaħħax – f'dik li hi lingwa tagħna nfusna arana nagħmlu minn kollox biex nisfaw u nidhru barranin f'pajjiżna stess!

Għadd ta' Maltin, kompla jtarraf is-Sur Vassallo, ħaduha qatta' bla ħabel kontra Lsienna għax semgħu jew qraw li l-Malti hu lsien ta' nisel Feniċju jew Puniku. Oħrajn għamlu l-istess għax dehrilhom li għandna nbarru minn Ilsienna kull kelma safja jew qadima li l-lum fil-widna ddoqq bħala biċċa xaqqufa jew landa mġenġla. Dawn it-talin huma tal-fehma li l-Malti tas-seklu għoxrin m'għandu jkollu x'jaqsam xejn mal-Malti tas-seklu għaxra. Forsi dawn il-boloh għadhom ma ntebhux li l-ebda lsien tad-dinja ma jista' qatt jinbidel radikalment u sostanzjalment għal kollox u f'kollox – l-anqas jekk igħaddu minn fuqu d-doppju ta' mijiet ta' snin li għaddew s'issa minn fuqu.

Dawn is-sinjuri ma jaħmlux il-Malti għax jippretendu li l-kittieba tajba Maltin huma dawk li jsostnu s-safa jew puriżmu tal-lingwa. Imma dan m'huwiex minnu. Il-Professur Domenico Ronzoni fil-ktieb tiegħu *Nozioni d'Arte Letteraria* igħid illi: "Nessuna lingua è pura, e non deve nè può esserlo" – l-ebda lingwa ma hi, ma għandha u ma tista' tkun safja. U dan, il-kittieba kollha tal-'Għaqda' u kull min għandu fih uqija għerf u kultura jafuh aktar milli tajjeb. Safja biss hi din jew dik il-lingwa li l-poplu li biha jitkellem twieled u trabba f'art li qatt

ma kellha relazzjonijiet kummerċjali jew storiċi ma' pajjiżi oħra. Iżda jekk fid-dinja hawn pajjiż li kellu tabilħaqq u ta' sikwit x'jaqsam ma' pajjiżi oħra barranin, dan il-pajjiż hu mingħajr ebda dubju Malta tagħna. Għaldaqstant l-Ilsien Malti, bħall-bqija ta' l-ilsna tad-dinja, u la hu u anqas qatt ma jista' jkun safi. Madankollu l-egħdewwa ta' Lsienna ma tista' ssibilhom tarfhom b'xejn u qatt. Jekk flimkien ma' kelma ta' nisel Semitku tintuża kelma oħra ta' nisel Romanz (jew neo-Latin) dawn arahom jaqbżu fuqek u jgħidulek b'wiċċ imqarras: "U din Maltija?!"

Jekk, mill-banda l-oħra, wieħed ifittex li jinqeda fi kliemu jew fil-kitba tiegħu bi kliem barrani (jew barbaru) mill-anqas tarahom jiddieħku u jiżżuffjettaw bik huma u jgħidulek: "Din il-kelma mnejn qlajtha? Minn qabar il-Feniċi?" Iżda hu (K. Vassallo) ixebbah lil dawn il-għamla ta' nies mal-Lhud, għax huma wkoll, l-istess bħal-Lhud, jaraw, jisimgħu u jifhmu l-fatti u madankollu ma jaslu biex jemmnu u jikkonvertu qatt.

Kif kull min igħaddi minn fuq art imtarrba ma jonqosx iħalli l-atar jew il-marki ta' qiegħ saqajh, hekk ukoll kull nazzjon barrani li ħakimna mill-Feniċi sal-lum ma satax jonqos iħallilna warajh xi tifkira tar-razza u tal-lingwa tiegħu. Din hi ħaġa minn awl id-dinja li ma jista' jiċħadha ħadd. Għalhekk, żied igħid is-Sur Vassallo, huwa korollarju naturali li l-ewlieni fost il-ġnus li ħakmuna ma satax ma jħallilniex xi wirt lingwistiku minn tiegħu. Il-Feniċi kienu dawk li rnexxielhom ikunu minn ta' l-ewwel fit-tiswir ta' alfabet. Dak l-ewwel alfabet kien imsawwar minn 22 ittra, li kienu kollha konsonanti. Issa aħna fi Lsienna għandna l-akbar u l-aqwa prova ta' kemm dan il-fatt huwa minnu. Il-Malti jissawwar essenzjalment fuq il-konsonanti li qatt ma jbiddlu mkienhom fit-tibdil ta' l-istess kelma. Per eżempju, kieku kellna nieħdu l-verb *Ki Te B*, aħna naraw illi t-*T* qatt ma taqbeż u tiġi qabel il-*K*, kif anqas l-ittra *B* ma taqbeż u tiġi qabel l-ittra *T*. Bil-maqlub, il-vokali (li daħħluhom aktar tard il-Griegi fl-alfabet Feniċju) għandhom fil-Malti ħtieġa żgħira ferm, u huma dejjem suġġetti għat-tibdil u l-qbiż bejniethom. In-nies ta' l-ibliet jifhmu mingħajr tbatija lin-nies ta' l-irħula, allavolja dawn ta' l-aħħar jinqdew bil-vokali *a* jew *e* fejn l-oħrajn fl-istess kelma jinqdew bil-vokali *u* jew *i*. Madankollu fejn jidħlu l-konsonanti, aħna lkoll naqblu perfettament bejnietna fl-użu u fil-qagħda tagħhom u fit-tlissin ta' leħenhom. U dan ifisser fiż-żgur illi l-Ilsien Malti hu fondamentalment ilsien Semitku li miegħu, mal-mixja u mat-tibdil taż-żminijiet, daħħal u ħallat xi kliem ta' nisel Romanz. Iżda aħna u la għandna nistħu u lanqas nistmerru ndaħħlu fi Lsienna kliem ġdid li mingħajru l-lingwa tagħna ma tkunx tista' timxi u tlaħħaq ma' ilsna oħra b'xi mod. Hu ta' min jinnota li l-Ilsien Ingliż hu wieħed mill-ogħna ilsna tad-dinja sewwasew għax qatt ma baża' jissellef kliem barrani kważi minn kull lingwa oħra. U Ingliżi għorrief jiftaħru u jitkabbru biha din il-ħaġa. Kieku l-lingwa Ingliża ma ssellfitx u għamlet tagħha għadd tassew kbir ta' kliem barrani, kieku l-lum ma tgħoddx kliem daqskemm effettivament fiha, jiġifieri madwar 700,000 kelma.

Imbagħad is-Sur K. Vassallo wera kif jaħsbuha fuq l-Ilsien Malti xi għorrief

barranin u ġewwenin. U beda biex ikkwota r-Rev. Professur E. F. Sutcliffe S.J. li fil-Grammatka tiegħu bl-Ingliż fuq Ilsienna kiteb: ''Bil-maqlub tal-biċċa l-kbira ta' l-ilsna tal-Lvant, il-Malti jitkellmu poplu li ilu Nisrani minn żmien żemżem. Bħal ilsna oħra progressivi, il-Malti għandu xeħta għal forom eħfef ta' tifsir il-ħsieb u għal karattru aktar analitiku. Il-Malti huwa lingwa li biha wieħed jista' jilħaq l-ogħla quċċata fit-tifsir tal-ħsieb poetiku tiegħu. Fl-aħħarnett, bħala lsien ħaj, il-Malti, l-istess bħall-Ingliż, għandu fih dik il-ħila li jinqeda b'elementi ġodda u jwaħħadhom miegħu skond ma tkun titlob il-ħtieġa taż-żminijiet.''

Dr. L. H. Dudley Buxton, hu u jitkellem fuq razzitna, igħid illi: ''Il-ġens Malti, f'dak li hu bini skeletriku tiegħu, għadu l-lum bejn wieħed u ieħor dak li kien 3,000 sena qabel Kristu; u dan minkejja l-fatt li ħakmu fuqu ħafna ġnus differenti mix-xaqlibiet tal-Mediterran.'' U fl-aħħarnett, il-Professur Dr. Ġ. Aquilina jgħidilna: ''Bħala lingwa, il-Malti Modern hu minn qaddis ommu lsien Semitiku, għalkemm bit-tibdil u mat-taqlib ta' l-iżmna ħa sura u bixra neo-Latina. Fi ftit kliem il-Malti hu taħlita ta' kliem Romanz li jagħmel minna poplu magħżul b'lingwa tiegħu għalih waħdu — poplu magħżul mill-bqija bħalma huma t-Taljani, il-Franċiżi u l-Ingliżi, li lsienhom u razzithom, xorta waħda bħal ilsienna u razzitna, fihom ukoll taħlita ta' kemm-il nisel ieħor barrani.''

Dwar it-tagħlim tal-Malti fl-Università mbagħad is-Sur Vassallo tkellem bl-akbar qawwa u fiehem ċar li din il-kwistjoni kienet qamet saħansitra fi żmien ħajjet M. A. Vassalli, li lilu l-Onorabbli John Hookham Frere — l-ewwel President tal-Kunsill Ġenerali ta' l-Università ta' Malta — kien ħatar bħala l-ewwel Professur ta' Lsienna u ta' ilsna oħra Semin fl-istess Università. U ta' kulma tarraf dwar il-kariga ta' Professur tal-Malti, is-Sur K. Vassallo ġieb il-provi bid-dokumenti. Fost dawn id-dokumenti, hu qara ittra miktuba fis-sena 1825 minn Rev. C. F. Schlienz u mibgħuta lil Lady Erroll — ittra li fiha jidher biċ-ċar kemm tabilħaqq sa minn dak iż-żmien il-Malti kellu postu fl-Università flimkien ma' ilsna u suġġetti oħra.

Qabel ma temm it-taħdita tiegħu, is-Sur K. Vassallo widdeb u ċanfar bl-aħrax lil dawk il-Maltin fost ħutna li, jew imħabba injoranza volontarja jonkella mħabba skopijiet oħra faħxija, s'issa ma għamlux ħaġ'oħra għajr ippruvaw iwarrbu jew iċekknu l-kobor u l-ġmiel ta' Lsienna. Madankollu l-ħolma ta' dawn il-boloh ma seħħitx u anqas isseħħ f'li ġej. Min għandu qalbu marida u ħsieb moħħu qasir u dgħajjef, flok ma jirnexxilu jaħkem u jsaltan fuq għajru, jisfa megħlub u mjassar hu nnifsu taħt dwiefer dnewwietu stess!

(**Il-Berqa**, ***29.4.46, pp. 3 u 7.)***

# *Il-Malti fil-Kunsill tal-Gvern*

## Mistoqsijiet ta' l-Onor. K. Vassallo

### *2nd Sitting of the C. of G. Thursday, 29th Nov. 1945*

*38. Mr. K. Vassallo asked the Lieutenant-Governor:*

*Q. Owing to the ever-increasing output of Maltese literary works could the Hon. Gentleman please approve the increase to £200 of the provision of £100 for yearly subsidies hitherto provided by Malta Govt. for such purposes, and see that such an additional sum be included in the next General Estimates?*

*A. It is felt that for the time being local authorship is sufficiently encouraged by the provision of funds at the existing rate, but the hon. Member will have an opportunity of moving an increase in the vote under Head 8 Education B. Item 34, when the 1946/47 Estimates are under consideration by the Council.*

*45. Mr. K. Vassallo asked the Lieutenant-Governor:*

*Q. Whether the hon. Gentleman will find any objection to the forms for permits from the Building Control Board, as well as from other sources, being printed not only in English but also in Maltese?*

*A. – There is certainly no objection to any Government form being printed in the English and Maltese languages, and this is the normal course which is followed. In the case of application forms for the issue of licences by the Building Control Board, it does not appear that the use of the English language alone has been the cause of any inconvenience to the persons who were required to fill them in, but the hon. Member's suggestion will be adopted when the forms are reprinted.*

### *Sitting No. 15 of the C. of G. Friday, 8th February, 1946*

*517. Mr. K. Vassallo asked the Director of Education:*

*Q. – Can the hon. Gentleman say how many Maltese literary classics have been purchased by the Malta Government and distributed to the Elementary Schools Circulating Library of Malta and Gozo from 1938 to date, together with their titles and authors?*

*A. – The information asked for is being collected. I take the opportunity to point out however that the Circulating Libraries are under the management of the Librarian and my Department only provides premises.*

# 'Il-Għid il-Kbir' *

*Karmenu Vassallo*

## DUN KARM – l-ogħla għolja Maltija bl-ogħla żewġ qċaċet ta' għerf.

*RESURREXIT SICUT DIXIT* – Hu qam minn bejn l-imwiet kif stqarr hu nnifsu! Fuq dan il-għamil, fuq din il-ġrajja, fuq dan l-għaġeb ta' l-egħġubijiet li seħħ u twettaq minn bin xebba safja li kienet bintu, Dun Karm – l-ogħla poeta nazzjonali tagħna – niseġ u damm poeżija li la tasal qatt biex tmut u anqas biex tindifen miegħu f'qabru; hi tibqa' tgħix u ssaltan għal dejjem ma' ismu, fil-waqt li fuq il-ħerba u l-għabra ta' fdalijietu mmermra tissokta ttenni tgħanni u xxandar rebbieħa, sa ma jtulu ż-żmien u l-wisa', il-ġieħ u s-sebħ li kiseb u stħoqq f'ħajtu bħala poeta u fl-istess ħin qassis.

Kristu qam: qam mhux minn nagħsa ħafifa jew raqda twila; imma qam minn ħdan il-mewt u reġa' għall-ħajja biex qatt ma jmut iżjed – u dan għamlu bis-saħħa tiegħu biss u tiegħu waħdu meta għoġbu u ried jinqeda bil-milja kollha tal-qawwa ta' setgħatu bħala Bniedem u Alla li kien. Kristu ġġieled, issielet u tqabad ma' l-eħrex u l-eqqel għadu li jaf bih il-ħolqien – il-mewt – u kien l-ewwel u l-aħħar wieħed, anzi l-waħdani, li għelbu u rebħu u xejnu. Mela jekk il-mewt hi l-qerda u t-tmiem ta' kollox għal kull bniedem milqut minnha, għal Kristu kienet bil-maqlub il-bidu u l-ftuħ ta' ġrajja ġdida – ġrajja ta' apoteosi, ta' dawl, ta' sebħ u ta' ġieħ mill-akbar: għax kienet sewwasew il-mewt dik li wriet biċ-ċar u xehdet bid-dieher kif Kristu kien tabilħaqq Alla, Bin Alla li tlaħħam fil-ġuf safi ta' mara, li sfat Omm u baqgħet fl-istess waqt Xebba bla tebgħa, għall-ħelsien tagħna mill-jasar tad-dnub.

Fuq il-qawmien ta' Ġesù Sidna minn bejn l-imwiet ma kinux wieħed u tnejn dawk li għasru u ħallew għerfhom maħżuż fuq il-karti. Għad-dinja nisranija din il-ġrajja hekk kbira u tal-għaġeb – li l-ebda ġrajja oħra ta' l-imgħoddi jew ta' li ġej ma

* Fl-1942 ix-'Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti' (X.T.I.M.) nediet konkors dwar 'Kritika ta' xi Xogħol Letterarju bil-Malti'. Fost it-tlettax-il studju li ntbagħtu għall-konkors kien hemm wieħed, 'Il-Għid il-Kbir – Dun Karm l-ogħla għolja Maltija bl-ogħla żewġt iqċaċet ta' għerf', mibgħut minn Karmenu Vassallo bl-isem mibdul ta' *Conscript*. Fir-rapport tagħhom tad-19 ta' Novembru, 1942 l-eżaminaturi, P. Pawl Tabone, O.F.M. u A. Cremona, semmew b'tifħir l-istudju ta' Vassallo. Ix-X.T.I.M. ma kenitx f'qagħda li tistampa l-istudji, u xi Ms. tagħhom – fosthom dak ta' Vassallo – baqgħu merfugħin għandi billi jien kont is-Segretarju tax-Xirka. Meta ġie li semmejtlu din il-kitba, Vassallo kien igħidli biex il-Ms. nibqa' nżommu jien u 'l quddiem imbagħad nara x'l-aħjar isir bih. Inħoss li huwa xieraq issa li f'dan in-numru speċjali ta' *Il-Malti* jidher l-apprezzament li kien kiteb Vassallo fl-1942 dwar il-poeżija ta' Dun Karm 'Il-Għid il-Kbir'.

Ġ. Cassar Pullicino



jew ta' li qed ma tista' titqabbel jew tixxiebah magħha — tiġbor fiha l-qofol u s-sisien kollha tal-Knisja u id-Dîn ta' Kristu. Kieku Kristu ma reġax mill-mewt għall-ħajja bil-ħila u l-qawwa tiegħu biss u tiegħu waħdu, kieku l-Knisja u id-Dîn tiegħu ma kinux ikunu ħaġ' oħra għajr ħoss ta' leħen fieragħ, kluba ta' ġenn bla isem, debra sabiħa ta' tlellix li tgħammixlek għajnejk f'lekka ta' ħolma u li mbagħad tmur tfittexha u ma ssib xejn. Iżda kollma jgħid u jlissen Alla ma jistax jonqos u ma jqarraqx — *Nè sillaba di Dio mai si cancella* (Monti, Sulla Morte di Giuda, Son. III, v. 42). Kollma ħabbru l-bxxara fuq il-qawwa ta' Kristu minn ħdan l-imwiet seħħ u twettaq fis-sewwa: u b'hekk il-Knisja u d-Dîn [illegible] Nisrani, li bihom jemmnu u jaħilfu wlied id-dawl, issaħħew u saddqu darba għal dejjem hekk illi l-bibien ta' l-infern ma jistgħu qatt jagħmlu xejn kontrihom.

* * *

Jista', hawn, xi ħadd jistaqsi u jitlob li jsir jaf il-għala minn kotra hekk kbira ta' poeżijiet li ħareġ għad-dawl Dun Karm jien għażilt sewwa-sew din il-għanja reliġjuża li, billi s-suġġett tagħha hu hekk popolari, hekk magħruf u hekk imxerred bil-kelma u bil-pinna, aktarx li l-originalità tagħha tiddellel, tiddenness u titgħajjeb — jekk mhux ħafna, xi ftit. Din il-mistoqsija, kieku kollha ssir, ma kinitx tkun għal kollox fiergħa: u għaliha rrid inwieġeb b'wiċċi minn quddiem u b'idejja fuq qalbi. L-ewwelnett, b'poeżija originali ħadd m'għandu l-jedd jifhem jew ifantas dawma, missqa, ħamrieqa ta' versi dwar suġġett li qatt ma tħaddem qabel; jew li, imħabba t-tixrid u t-tagħrif kbir tiegħu, fil-għalqa ta' l-istorja tal-Knisja jew tat-tagħlim u t-tibdil fil-ħakma tal-ġnus, jidher nikdud u rħis: ikollu kitba jew biċċa xogħol *originali* kull min jagħraf jinqeda tajjeb b'moħħu u b'qalbu u jirnexxilu mbagħad issib fil-maturna ta' setgħathom u ta' qawwiethom kollma hu biżżejjed biex

Silta mill-Ms. ta' l-artiklu 'Il-Għid il-Kbir' ta' Karmenu Vassallo.

tista' titqabbel jew tixxiebah magħha – tiġbor fiha l-qofol u s-sisien kollha tal-Knisja u d-Dîn ta' Kristu. Kieku Kristu ma reġax mill-mewt għall-ħajja bil-ħila u l-qawwa tiegħu biss u tiegħu waħdu, kieku l-Knisja u d-Dîn tiegħu ma kinux ikunu ħaġ'oħra għajr ħoss ta' leħen fieragħ, bluha ta' ġenn bla isem, deħra sabiħa ta' tlellix li tgħammixlek għajnejk f'leħħa ta' ħolma u li mbagħad tmur tfittixha u ma ssib xejn. Iżda kulma jgħid u jlissen Alla ma jistax jonqos u ma jseħħx – *Nè sillaba di Dio mai si cancella* (Monti, Sulla Morte di Giuda, Son. III, v. 42). Kulma ħabbru l-bassara fuq il-qawma ta' Kristu minn ħdan l-imwiet seħħ u twettaq fis-sewwa: u b'hekk il-Knisja u d-Dîn Nisrani, li bihom jemmnu u jaħilfu wlied id-dawl, issaħħew u sseddqu darba għal dejjem hekk illi l-bibien ta' l-infern ma jistgħu qatt jagħmlu xejn kontrihom.

* * *

Jista', hawn, xi ħadd jistaqsi u jitlob li jkun jaf il-għala minn kotra hekk kbira ta' poeżiji li ħareġ għad-dawl Dun Karm jien għażilt sewwasew din il-għanja reliġjuża li, billi s-suġġett tagħha hu hekk popolari, hekk magħruf u hekk imxerred bil-kelma u bil-pinna, aktarx li l-oriġinalità tagħha tiddellel, tiddennes u titgħajjeb – jekk mhux ħafna, xi ftit. Din il-mistoqsija, kieku kellha ssir, ma kinetx tkun għal kollox fiergħa: u għaliha rrid inwieġeb b'wiċċi minn quddiem u b'idejja fuq qalbi. L-ewwelnett, b'poeżija oriġinali ħadd m'għandu l-jedd jifhem jew ifantas damma, nisġa, ħannieqa ta' versi dwar suġġett li qatt ma tħaddem qabel; jew li, imħabba t-tixrid u t-tagħrif kbir tiegħu fil-għalqa ta' l-istorja tal-knisja jew tat-taqlib u t-tibdil fil-ħakma tal-ġnus, jidher mikdud u rħis: ikollu kitba jew biċċa xogħol *oriġinali* kull min jagħraf jinqeda tajjeb b'moħħu u b'qalbu u jirnexxilu mbagħad isib fil-matmura ta' setgħathom u ta' qawwiethom kulma hu biżżejjed biex dak li jkun kiteb jew għamel ikun jista' bil-jedd u l-ħaqq kollu jsejjaħlu tiegħu, tiegħu biss, tiegħu waħdu. It-tininett, l-*oriġinalità* ma titnissilx mill-għażla tas-suġġett, imma biss mill-qatgħa, mit-tifsila, mill-bixra u s-sura tal-ħsieb u l-ħjiel u l-lehma li wieħed jagħtih. It-tielet u l-aħħarnett – kif tfisser il-kelma fiha nfisha – jekk f'kulma jingħad bil-fomm u f'kulma jissawwar bl-id jew bil-pinna jkun hemm dak li hu bidu, nisel jew ħolqien (jiġifieri nuqqas ta' teħid, tiġbid u tagħsir minn egħjun oħra barranija), hemmhekk ikun hemm ukoll dik li aħna nsejħulha *oriġinalità*.

Dun Karm! Dejjem poeta fil-milja kollha tiegħu bħala saċerdot: dejjem saċerdot fil-milja kollha tiegħu bħala poeta! Xi ħlewwa u għożża jnissel ismu f'qalb dawk li rnexxielhom jaslu biex jifhmuh u jagħarfuh mill-qrib bis-saħħa ta' seħer għanjietu! Kien hu li bil-għana tiegħu reliġjuż, patrijottiku u nazzjonali għolla l-isem u l-ġieħ ta' Artna u ta' niesna hekk li ġiebu fl-istess qies u kejl ma' dak ta' artijiet u ġnus oħra li jisbquna sew fil-medda u l-firxa kemm ukoll fil-għadd u l-kotra tagħhom; kien hu l-imgħallem ewlieni fil-bini u t-tlugħ u t-twaqqif tal-Letteratura Nazzjonali tagħna; kien hu li żara' u xettel f'qalb iż-żgħażagħ Maltin tal-lum l-akbar ħeġġa u l-eħreq imħabba għal Gżirithom, għal Dinhom,

għall-egħmejjel kbar u tal-għaġeb li wettqu fl-imgħoddi missirijietna – l-aqwa rahan u l-isbaħ xhieda ta' kobor ċkunitna għaż-żmien mistur li għad irid jiġi.

* * *

'Il-Musbieħ tal-Mużew', 'Il-'Jien' u Lilhinn Minnu', 'Non Omnis Moriar', 'Alla Mhux Hekk', 'Omm' u 'Bjuda', barra minn xi oħrajn, huma magħdudin mill-aħjar, anzi bħala l-aqwa biċċiet fost ix-xogħol kollu poetiku li fawwar u ġelben mill-pinna mlewna, għalliela u lieżma ta' Dun Karm (Monsinjur Psaila). Iżda l-għan tiegħi l-lum mhux dak li nitħaddet fuq il-lehma tal-għaġeb li xegħel u kebbes f'moħħ Dun Karm daqsxejn ta' musbieħ mill-eqdem tal-fuħħar b'ħuta minquxa fuqu bħala għelma nisranija li, għall-għożża ta' fakret ġrajjietu, intrefa' u nżamm fiż-żgieġ għall-wirja ġol-Mużew tal-Belt tagħna; anqas fuq kif dan l-awtur, bl-akbar sempliċità, ifisser u jħoll wieħed mill-itqal problemi filosofiċi u teoloġiċi fil-ħajja tal-bniedem, jiġifieri l-għażla relattiva bejn ir-Raġuni u l-Qalb, il-Għerf u l-Imħabba flimkien mal-ħlas ta' kull waħda minnhom; anqas fuq li l-poeta, mitwieled hekk minn ġuf ommu u magħmul u misjur fil-milja ta' rġulitu, ma jintemmx kollu kemm hu – billi wara mewtu, ismu jibqa' ħaj u miftakar fil-għana bla tmiem tiegħu; anqas fuq il-qabża u d-divrenzja kbira li tgħaddi bejn pittur għaqli u mixhur tad-dinja li, wara li jinqeda b'dehnu u ħiltu kollha, jirnexxilu jħażżeż fuq daqsxejn ta' tila smajra l-ġmiel ta' "nżul ix-xemx li qatt ma tinżel" u bejn il-pittur tas-sema li "minn dawk l-egħġubijiet – jagħmel mija kull jum u mija jħassar"; anqas fuq il-ħlewwa ta' dik l-omm li, għall-imħabba tal-ġenn li għandha għat-tarbija tagħha, tixtieq imma ma tissograx tfaqqgħalha bewsa għax b'hekk tiksrilha l-ħolma ta' ngħasha u tqajjimha mis-sħana tan-nieqa u dan ma jaqbilx li jsir billi "is-silġ għadu jtektek, ir-riħ qed iżid"; u anqas, fl-aħħarnett, fuq il-mistiċiżmu liriku li hemm fix-xebh tassew milqut bejn il-bjuda tas-silġ li tiksi l-għoli ta' l-iġbla u l-bjuda tas-safa bla mtiefes ta' Marija – ix-Xbejba magħżula mill-bqija tan-nisa u mqiegħda minn Alla hekk fil-għoli li saret Ommu u Omm il-bnedmin kollha. Hsiebi l-lum huwa dak li ngħarbel, nifli u niżen poeżija oħra li, għas-siwi u l-popolarità tas-suġġett tagħha, aktarx li ssibu oħrajn bħalha f'ilsna barranin u li għalhekk aktar tkunu tistgħu tixhdu safejn iwassal u jlaħħaq il-ġenju poetiku ta' Dun Karm: u hawn nifhem infisser 'Il-Għid il-Kbir' li dehret mitbugħa f'*Il-Għana ta' Dun Karm*, Paġ. 17, it-Tieni wieħed mit-Tliet Kotba li għaqqad u ħareġ għad-dawl il-mibki u qatt minsi Tabib Ġużè Bonnici, hu wkoll kittieb mill-aħjar, fl-1939.

X'hemm f'din il-għanja li lili, bħala Malti wild Malta Maltija, jogħġobni u jolqotni l-aktar barra milli jħeġġiġni nitħaddet fuqha qabel kull poeżija oħra ta' l-istess awtur? Hemm żewġ ħwejjeġ li, bħal żewġ ħoloq, jagħmlu katina waħda: il-kobor ta' Dîni u l-ġieħ ta' Lsien Arti! Niseġ Dun Karm f'din il-għanja u rabat u għaqqad flimkien l-egħżeż żewġ ħwejjeġ li għandu jkollu l-aktar għal qalbu kull min fil-vini tiegħu jħoss jiġri u jbaqbaq demm tabilħaqq Malti: Reliġjon u Lsien – l-aqwa żewġ sisien u l-ifrem żewġ imrammi tal-karattru spiritwali u

nazzjonali tagħna, iż-żewġ għeliem waħdanin li jagħżlu l-ġens Malti mill-bqija tal-ġnus l-oħra kollha tad-dinja.

Jiftaħ tassew bil-qawwi u bil-kbir Dun Karm meta jibda biex jagħmel mistoqsija (mistoqsija li għaliha jwieġeb dak li l-Filosofija tgħammdu bl-isem ta' *dubium methodicum*) dwar kif Kristu seta' jkun Alla meta wasal biex itemm ħajtu msallab fuq għuda bla ġieħ. U għal din il-mistoqsija miġbura fl-ewwel strofa ta' 'Il-Għid il-Kbir' ta' Dun Karm u magħmula f'isem il-ġens Lhudi nnifsu, twieġeb it-tieni strofa – magħmula hija wkoll f'isem l-istess ġens – li ddoqq hekk:

Imdawwar bil-qawwa li taħkem, li tirbaħ,
Li teqred l-egħdewwa miġbura flimkien,
Elf darba l-profeti ħabbruli l-Messija
Li Alla kien w'għedni fil-bidu taż-żmien.

Minn hawn jidher biċ-ċar li kienu l-Lhud infushom dawk li wieġbu għall-mistoqsija li kienu għamlu huma bejnhom u bejn ruħhom dwar kif Dak li sallbu u qatlu sata' jkun Alla: u jekk f'mistoqsithom huma fehmu jew riedu juru li kellhom xi *dubju* u b'dan id-dubju ħolmu *jiċħdu* d-divinità tal-Vittma Bla Ħtija tal-għamad u l-bluha tagħhom, bit-tweġiba li taw dwar li l-profeti kienu ħabbrulhom Feddej mibgħut fl-art minn Missieru tas-Sema huma wettqu u seddqu li Kristu kien tabilħaqq Alla: u għalhekk id-dubju tagħhom safa metodiku, iċ-ċaħda sfatilhom wetqa, u l-ħlas ta' qerq ħżunithom kien dawl is-sewwa biss.

Sa hawn il-bidu u l-ftuħ ta' 'Il-Għid il-Kbir' ta' Dun Karm. Madankollu l-ħsieb u l-ħjiel ewlieni ta' din il-għanja reliġjuża huwa diġà milħuq u mitmum; is-sies li fuqu baqagħlu jitla' l-bqija tal-bini letterarju-poetiku-dommatiku tagħha hu mhejji u lest; il-qofol u l-għaqda ta' kollox qegħdin hawn. Kulma hemm miġbur, midmum u mfisser fil-bqija ta' l-istrofi l-oħra ta' wara l-ewwel tnejn mhux ħaġa oħra ħlief dak li għarfet toħloq il-fantasija dejjem imkebbsa tal-Poeta Nazzjonali tagħna li, f'din il-poeżija, ma jonqosx li jurina x'ħażna tassew kbira għandu ta' tagħlim u ta' għerf – tagħlim u għerf li bihom il-poeta-qassis jaf u jrid jinqeda dejjem *ad maiorem Dei gloriam et populi nostri beneficentiam*.

Mogħni bid-dawl u d-dehen li ħassel mill-kitba ta' San Pawl, ta' Santu Wistin, ta' San Tumas t'Aquinu u ta' ħafna għorrief oħra ta' Ommna l-Knisja Mqaddsa; mibluħ u msaħħar wara l-ġmiel u l-benna ta' waħda mill-aqwa fost is-Snajja' s-Sbieħ – il-Poeżija; u miġbud u mħajjar biex jixrob u jduq kull ilma safi u wtieqi li jfawwar mill-bqija ta' egħjun ix-Xjenza, l-Arti u l-Letteratura, Monsinjur Dun Karm Psaila rnexxielu jilħaq u jikseb grad hekk għoli fil-għalqa tal-għerf xjentifiku, kulturali u letterarju, li forsi ma jitqarraqx u anqas jitgħallet min igħoddu u jagħarfu bħala Malti *nullius dogmatis expers*. U dan ġarrbu fih mhux biss min qara u tiegħem kull kitba prożajka u poetika ta' Dun Karm, jew min kellu x-xorti xi darba jiltaqa' u joqgħod iqatta' xi siegħa taħdit miegħu; imma l-aktar u l-iżjed min irnexxielu jagħmel il-waħda u l-oħra. U biex wieħed jikxef il-kobor u l-ġmiel

li hemm mistur fil-għanja reliġjuża ta' 'Il-Għid il-Kbir', jeħtieġ iħarsilha f'dan id-dawl – id-dawl tal-għerf xjentifiku-kulturali, filosofiku-teoloġiku, artistiku-letterarju-poetiku li jagħni moħħ in-*nostrorum princeps poetarum lyricorum*.

Araw daqsxejn b'liema sengħa għaqlija ta' mgħallem jidħol Dun Karm fil-qalba ta' l-argument ewlieni tas-suġġett ta' għanjietu meta jistaqsi:

> 'Mma għidli, ja Lhudi, jekk inti fis-sewwa
> Sallabt 'il dal-bniedem u ħajtu temmejt,
> Għaliex ġewwa qalbek jistaħba bħal biża'?
> Għaliex il-għassiesa fuq qabru ħallejt?

Jekk ma kellhom ebda faħam miblul, jekk il-kuxjenza tagħhom kienet iddoqqilhom li Bin il-mastrudaxxa Ġużeppi ma kienx għajr bniedem ħati ta' delitt jew għadd ta' delitti, jekk kienu jħossu fihom li ma għamlux ħlief is-sewwa u l-ħaqq meta 'l Kristu sallbuh u qatluh, mela għala mbagħad beżgħu Minnu mejjet meta kontriehom ma seta' jagħmel xejn u ħallew l-għassiesa fuq qabru biex dawn jaraw jekk jinsteraqx jonkella jqumx minn qabru u jaħrab? Ma kienx dan tagħhom għama u l-akbar biċċa ġenn? Ma beżgħux minn Ġesù ħaj u beżgħu Minnu mejjet! Mhux dan jewwilla l-aktar argument sod, sħiħ u qawwi li bih il-Lhud infushom iwettqu u jseddqu li Kristu kien tabilħaqq Alla?

Boloh u għomja minn naħa, kiefra u bla qalb mill-oħra, il-Lhud issoktaw juru kemm Kristu kien tabilħaqq Alla Bin Alla għax tkexkxu, irtogħdu u daħlu f'qoxrithom bil-biża' malli qillet il-għadab tan-Nazzarenu waqgħet bħala saħta fuqhom u fuq uliedhom fil-milja ta' toqolha, u dwiet u damdmet f'ħin wieħed bħala ragħda qawwija t-"theżhiża li qanqlet – iż-żonqor li fuqu l-belt tagħhom inbniet." U dik kienet is-siegħa li fiha l-ħolma tal-Lhud sfat fix-xejn, fil-waqt li Kristu u dawk li qatgħu li jimxu warajH kisbu r-rebħ u s-sliem għal dejjem ta' dejjem.

* * *

'Il-Għid il-Kbir' hi waħda mill-poeżiji ta' Dun Karm l-aktar magħrufa għas-sempliċità tagħha mħabba r-rabta sfiqa li għandha ma' l-istorja tal-Knisja. Għaldaqstant, dawk li huma żîna u xejxi, ftit li xejn niltaqgħu magħhom f'din il-għanja; mix-xbihat estetiċi, mit-tixbih u t-taqbil retoriku nieqsa ħarira wkoll; dehriet sbieħ, lelliexa u fantastiċi, li ssibhom fil-kotra l-kbira tal-għanjiet l-oħra tiegħu, f'din il-għanja storiko-reliġjuża ma ssibhomx bl-irfus. Mela fejn huma l-kobor, il-qawwa, l-oriġinalità tagħha? Bħalma ġisem u ruħ fi bniedem wieħed ma jingħażlux minn xulxin, hekk ukoll jiġri minn dawn – magħġunin u mwaħħdin kif inhuma mas-sempliċità li bihom f'daqqa Dun Karm sawwar poeżija waħda b'ġisem storiku-reliġjuż u ruħ lirika.

Biex inwettqu u nuru kemm hi tassew sempliċi u fl-istess ħin kbira għal dik li hi qawwa u oriġinalità, sejrin inqabblu hawnhekk 'Il-Għid il-Kbir' ta' Dun Karm ma' 'La Risurrezione' ta' Alessandro Manzoni. Sew din u kemm dik, it-tnejn

għandhom qofol storiku, għad li dejjem imsieħeb minn ħjilijiet liriċi. Iżda fejn il-għanja ta' Manzoni hi aktarx mgħobbija bi *traslati* jew *tropi* u tiżjin ieħor retoriku, dik ta' Dun Karm hi bil-maqlub ħafifa ġmielha minnhom. B'dankollu dawn il-għanjiet huma t-tnejn sbieħ u ħelwin fil-qatgħa ta' lbieshom, it-tnejn kbar u qawwija fil-milja tal-ħsieb.

F'dak li hu qofol storiku-reliġjuż 'Il-Għid il-Kbir' u 'La Risurrezione' jimxu id f'id, għax ġrajjet il-qawma ta' Ġesù Sidna mill-mewt torbot 'il-wieħed u 'l-ieħor bl-istess jeddijiet li ħadd ma jista' jaħrabhom wara li jkun indaħal biex jikteb fuq hekk. Bħallikieku fejn Manzoni jgħanni ħelu ħelu u fil-qosor:

Era l'alba; e molli il viso,
Maddalena e l'altre donne
Fean lamento sull'Ucciso;

Dun Karm għandu dawn il-versi li jpinġulna fil-kobor u aktar bir-reqqa l-istess kwadru:

Fuq l-ibħra taż-żara', fuq l-oqsma tad-dwieli
Kien għadu kif qiegħed iżernaq il-Ħadd,
Xhin ħarġet Marija, li ħabbet 'il Kristu,
U ġriet ma' nisa oħra minn qabel kulħadd,
Mogħnija bil-ħwawar biex tidlek il-mejjet,
Kif kienet id-drawwa Lhudija fiż-żmien . . .

Il-qawwa tal-ġmiel liriku – kif jista' jixhed kull min għandu ħjiel ġmielu ta' dik li hi Poeżija u Sengħetha – tidher u tinħass sħiħ sew fil-versi tal-poeta Taljan kemm fil-versi tal-poeta Malti. Hemm ukoll xebh kbir (biex ma ngħidux ħaġa waħda mfissra b'żewġ ilsna wieħed mhux bħall-ieħor) fid-dehra ta' l-Anġlu tal-Mulej lin-nisa twajba. Arawha din id-dehra fil-versi Manzonjani:

Un estranio giovinetto
Si posò sul monumento:
Era folgore l'aspetto,
Era neve il vestimento:
Alla mesta che 'l richiese
Diè risposta quel cortese:
È risorto; non è qui. –

u qabbluha ma' dik li hemm fil-versi tal-poeta tagħna:

Bil-qiegħda fuq l-għatu, bħal berqa dawl wiċċu,
Bħas-silġ bojod ħwejġu raw qiegħed żagħżugħ,
Li b'leħen ta' ħlewwa fis qal'lhom: – Xejn tibżgħu;
Mill-mewt qam kif wiegħed: naħa oħra ssibuh.

Għedna aktar 'il fuq li għanjet Dun Karm m'hix hekk mgħobbija b'dak it-tiżjin retoriku u estetiku bħalma hija dik ta' Manzoni. Araw kemm hu hekk. Fit-tielet

u r-raba' strofa (kull waħda minnhom ta' seba' versi tat-tmienja mqabblin *ababċċd*, bl-aħħar vers maqtugħ u l-bqija watja) ta' 'La Risurrezione' il-poeta Taljan iqabbel u jxebbah il-waqgħa ta' werqa ħafifa minn siġra mal-qalba tal-għatu tqil minn fuq qabar Kristu bi kliem magħżul poetiku li, fi lsienna, idoqq kif ġej: "Bħalma pellegrin, għajjien imħabba l-mixja twila, jieqaf jistrieħ f'nofs triqtu u jorqod ġo masġar, iżda minnufih jistenbah u jqum ma' l-iċken ħoss ta' waqgħa ta' werqa minn siġra biswitu; hekk ukoll, malli l-għatu tqil imma bla siwi nqaleb u tar minn fuq wiċċ il-qabar u fl-istess waqt ruħ Kristu li kienet niżlet il-Limbu – reġgħet ingħaqdet ma' ġismu, Ġesù qam minnufih mill-mewt għall-ħajja." Xebh u taqbil ta' din il-għamla f''Il-Għid il-Kbir' ta' Dun Karm ma nsibuhx. Manzoni fl-istrofa ħdax ta' l-istess innu jitħaddet fuq il-bidla ta' l-ilbies minn vjola f'abjad li issa jxidd is-saċerdot waqt li joħroġ qalb il-mixegħla tax-xemgħa biex ixandar ir-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt. Ma' dan, fl-istrofa tnax, Manzoni jissokta jdomm fi vrusu l-għana li bih Ommna l-Knisja Mqaddsa xxandar dan il-misteru. Fl-istrofa erbatax (u b'aktar ħlewwa imma anqas qawwa fl-istrofa ta' qabilha) l-istess kittieb Taljan igħid li jum il-Għid inissel ferħ kbir f'qalb kulħadd u jagħmel li l-għani jaqsam ħobżu mal-fqir u hekk kulħadd jixxierek u jkollu sehem indaqs mill-ġid u l-barka li jġib miegħu dan il-Għid. Dun Karm fl-innu tiegħu tal-*Għid* ma qagħadx jintilef żejjed biex igħabbi vrusu f'dawn l-irqaqat. Żamm ukoll ħafif kemm sata' f'dik li hi nisġa storika. Għax billi l-istorja u l-poeżija qajla u xejn jimxu id f'id u billi, kif ġarrab fih innifsu kull min hu tabilħaqq poeta, l-istorja fil-poeżija hi bħall-kamla fl-ilbiesi u bħas-susa f'sieq ta' siġġu jew ta' mejda, il-Poeta Nazzjonali tagħna jidhirlu li, meta f'poeżija ma jkunx jista' jeħles għal kollox mill-istorja, tkun biċċa għaqal u ħaġa bil-wisq flokha jekk jinqeda biha kemm jista' jkun mill-anqas. Min-naħa l-oħra (u Dun Karm jidher li hu ta' dil-fehma) meta poeta jaqbad biex jinseġ u jdomm poeżija fuq suġġett (l-aktar jekk reliġjuż) li jkollu rbit sfiq u sħiħ ma' l-istorja, l-awtur ikun aktarx naqas u ssaffel mill-għoli li kellu jilħaq jekk kemm-il darba hu jgħabbi l-għanja tiegħu b'ħafna xejxi u tlellix retoriku żejjed. Għaldaqstant Dun Karm qata' li jaħrab iż-żewġt itruf u jżomm fit-triq tan-nofs għax, kif igħid il-Latin, *in medio stat virtus*.

B'danakollu f''Il-Għid il-Kbir' ta' Dun Karm il-lirika ma tonqosx. Jekk jittieħdu f'daqqa, bħala ġisem u ruħ fi bniedem wieħed, aħna nsibu u naraw li l-ħmistax-il strofa li fih l-innu kollu ma jiġbrux fihom minn fuq s'isfel għajr lirika waħda biss. L-istess jista' jingħad minn kull strofa oħra meħuda għaliha waħedha. F'kull vers ta' kull strofa, f'kull strofa li fih l-innu, fil-versi u l-istrofi kollha li jsawru 'Il-Għid il-Kbir' ma jistax wieħed ma jsibx jew ma jħossx dak li *stricto sensu* aħna nifhmu nfissru meta ngħidu POEŻIJA.

L-innu ta' Dun Karm hu mibni fuq metru safi ta' erba' versi kull strofa, li għalhekk tissejjaħ *kwartina*, bit-tieni vers jaqbel mar-raba' wieħed. Kull vers fih tnax-il sillaba; – jista' wkoll jissejjaħ vers tas-sitta mżewweġ. It-tieni u r-raba' vers ta' kull strofa huma *maqtugħa*; l-ewwel u t-tielet *watja*. Il-versi kollha kemm

huma għandhom mixja rżina u ħafifa u xejn m'hemm x'ixekkilhom jew itaqqalhom fi triqthom. Ir-rimi la huma mfittxa u anqas imġebbda, imma jgelglu u jfawru naturali bħall-ilma safi minn xquq il-blat. L-ogħla u l-itqal ħsibijiet li hemm fl-innu tiegħu, Dun Karm ifissirhom ċar bl-akbar sempliċità. Bejn kull ħsieb u ieħor, bejn dan u dak il-ħjiel, bejn kull fergħa u oħra ta' argument hemm irbit hekk sfiq, sħiħ u tajjeb, li int u taqra din il-poeżija tistħajlek qiegħed taqra biċċa proża. U tabilħaqq Dun Karm għandu jagħnuh żewġ preġji: jikteb versi li għandhom mill-proża; u jikteb proża li għandha mill-versi.

Tarrafna ftit aktar 'il quddiem li l-innu tiegħu Dun Karm żammu ħafif kemm seta' mit-tiżjin retoriku. B'daqshekk ma barrejnilux il-ftit li hemm fih; l-iżjed meta nafu li dan *il-ftit* jiswa *ħafna* – u ħafna mhux fid-daqs u l-medda, imma fil-għamla u s-sura. Bħallikieku, ma jiġbrux fihom poeżija u ġrajja sħiħa dawn il-versejn:

> Min siket fil-kesħa mudlama tal-qabar,
> F'seteghtu qam waħdu mill-ħdan tal-mejtin. –?

Min ma jarax il-kobor tal-ħsieb u ma jtigħemx fl-istess ħin il-ħlewwa u l-qawwa ta' poeżija tabilħaqq lirika meta jiltaqa' ma' versi bħal dawn:

> Insew, fit-tgħanniqa ta' tjieba li taħfer,
> Ir-regħxa li tatkom ċanfira bla jedd. –?

Rajna f'dan l-artiklu analitiku-kritiku kif minn Dun Karm il-poeta ma jwarrab qatt Dun Karm il-qassis. F'dan id-dawl, lil Dun Karm ħadd ma jisbqu fostna. Hu għalhekk li aħna ngħodduh bħala "l-ogħla għolja Maltija bl-ogħla żewġ qċaċet ta' għerf."

*CONSCRIPT*



Karmenu Vassallo meta kellu erbgħa u għoxrin sena.

# *Poeżija ta' Vassallo mogħtija bħala ta' A. Cuschieri*

*TISWIJA*

FIL-ĠABRA ta' poeżiji *CUSCHIERI: Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija* (1967) hemm waħda jisimha 'Jekk lil tmiemek trid tagħti ftit serħ / Ġorr salibek fin-niket . . . fil-ferħ.' Daħlet mal-poeżiji ta' Cuschieri għaliex l-ewwel darba li kienet stampata, fl-1932, l-awtur tagħha nqeda bin-*nom-de-plume* ta' tliet asteriski (* * *) li bih, kif inhu magħruf, il-Prof. A. Cuschieri kien iħobb jinqeda għall-poeżiji tiegħu bil-Malti.

Madankollu, f'dal-każ it-tliet asteriski wara xulxin ma kenux ta' Cuschieri iżda ta' Karmenu Vassallo. Dan nafuh minn dak li qal Vassallo nnifsu[1] meta, erbatax-il sena wara l-ħruġ tal-ġabra ta' Cuschieri, iċċara l-malintiż li kien sar billi kiteb:

> "Il-poeżija 'Jekk lil tmiemek trid tagħti ftit serħ – Ġorr salibek fin-niket . . . fil-ferħ', mitbugħa fil-ħarġa t'Awissu, 1932 (aktar minn 56 sena ilu), ta' *Il-Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù* bi tliet asteriski wara xulxin (* * *) flok isem min kitibha, hija traduzzjoni li kont għamilt jien tal-poeżija bit-Taljan *La Croce* ta' P. P. Parzanese (1910–52). Bi żball, u b'nuqqas ta' tiftix meħtieġ, din il-poeżija nsibuha miġbura u mitbugħa ma' oħrajn fil-ktieb *CUSCHIERI: Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija* (1967, pp. 107–108), bħallikieku kienet waħda mill-poeżiji oriġinali ta' Patri Anastasju Cuschieri, O.C., waqt li mhix."

Naraw mela li mhux biss il-versi huma ta' Vassallo, iżda huma traduzzjoni u mhux oriġinali. Biex inwettqu iżjed din it-tiswija nġibu hawnhekk il-versi stampati bi żball fil-ktieb ta' Cuschieri.

*Nota tad-Direzzjoni*

## JEKK LIL TMIEMEK TRID TAGĦTI FTIT SERĦ
## ĠORR SALIBEK FIN-NIKET . . . FIL-FERĦ

Meta jiena twelidt, ħassejt x'jgħidli:
– Int twelidt biex salibek iġġorr –
Għalhekk jiena s-salib għannaqt miegħi,
Waqt li bkejt, bla ma xejn qgħadt ingorr.

U bdejt nikber u nagħraf il-ħajja
B'dieqa w niket mimlija w bil-hemm;
U fis doqt ta' l-imrar xi tbatija,
Li taf tagħti d-dinja ta' semm.

1. Karmenu Vassallo, *Għażiż Karmenu* . . . Edizzjoni ta' Ġorġ Mifsud, Pubblikazzjoni Gulf, 1982. -- "Kelmtejn fuq l-Ittri," p. 42. Ara wkoll *ibid.*, p. 147, nota 1.

Jien ħarist fuq il-foqra w fuq l-għonja;
  Ħadt mill-kelma taż-żgħażagħ, tax-xjuħ:
  W intbaħt dlonk li, f'dal-wied, fejn iġelben
  Dmugħ l-għajnejn, salib għandha kull ruħ.

Rajt suldat xejn ma jonqsu ta' ħakma . . .
  'Ma bi ġbinu fuq idu . . . ħosbien;
  Dritt għaraft li Ħallieqi mas-saltna
  Salib tqil għoġbu jtih lil dal-flien.

Rajt suldat ġej mill-gwerra b'driegħ nieqes,
  'Ma fuq sidru s-salib tat-tifħir:
  Madankollu l-qalbien kien imdejjaq,
  Għax ma' dak kellu ieħor wisq kbir.

Rajt mar' għanja titbekka ħdejn binha,
  Li fuq sodda tal-mewt kien mimdud,
  u malajr l-għajnejn tagħhom ħabbruli
  Li salib jiġi b'ieħor mirfud

Rajt għarusa bħal hienja w fuq tagħha,
  Tal-ħarir imgħottija b'mantar,
  Iżda dina wkoll kellha ġe' qalbha
  Salib moħbi ta' żmien mimli mrar.

Ilmaħt tifel lejn xwejjaħ iħares,
  Waqt li l-logħ'b ħalla bilġri w iċ-ċajt,
  U fil-ħin rajt fuq ħsiebu bħal jaqa'
  Toqol kbir illi nifhmu le stajt.

Iżda mbagħ'd ħarist u flejt sewwa . . .
  Smajt bħal-leħen qed jidwi fil-bogħ'd,
  Illi ħiemed ried donnu jsemmagħli
  Kliemu, w jgħidli: – Xejn toqgħod
tirtogħ'd . . .

– Żmien għad jgħaddi: w iċ-ċkejken fis
jikber . . .
  Jinsa l-ħlieqa w id-daħka w iċ-ċajt:
  Għax quddiemu x-xjuħija tleħħ jilmaħ
  Sew mimlija b'kemm slaleb int rajt.

# Fil-Mewt ta' Karmenu Vassallo

***Anton F. Attard***

Riferenzi għall-Kitbiet dwaru fil-Ġurnali Lokali

IL-POETA MALTI Karmenu Vassallo miet l-Isptar San Luqa nhar it-Tlieta, 7 ta' April, 1987, fil-għomor ta' 74 sena.

Ftit jiem wara xxandru dawn l-artikli speċjali u ta' interess dwar il-poeta:

1) 'Tislima lil Karmenu Vassallo', *It-Torċa*, 12.4.87, p. 11, (+ ritratt); *ibid.*, 19.4.87, p. 15 (+ ritratt); *ibid.*, 26.4.87, p. 15, (+ ritratt).
2) 'Karmenu Vassallo Ħabib Sinċier', Ġużè Chetcuti, *L-Orizzont*, 13.4.87, p. 15, (+ ritratt).
3) 'Riflessjonijiet għall-Ħajjin – wara l-Mewt ta' Karmenu Vassallo', Prof. Ġużè Aquilina, *Il-Ħajja*, 13.4.87, p. 7.
4) 'Il-Bniedem fil-Poeta – Tislima lil Karmenu Vassallo', Lino Spiteri, *L-Orizzont*, 15.4.87, p. 7.
5) 'Karmenu Vassallo – Appreciation', Dr. Mark Said, LL.D., *The Times*, 15.4.87, p. 9.
6) 'Il-Poeta Karmenu Vassallo – Il-Poeta tan-Nirien u n-Nisrani Twajjeb u Ġwejjed', Paul Saliba, L.P., *Leħen is-Sewwa*, 18.4.87, p. 7, (+ ritratt).
7) 'Il-Poeta Karmenu Vassallo – Apprezzament', William Arena, *L-Orizzont*, 20.4.87, p. 7.
8) 'Il-Poeta Karmenu Vassallo – Tifkiriet', ta' Dun Lawrenz Cachia, *Il-Ħajja*, 21.4.87, p. 7.
9) 'Tan-Nirien', Nikol Spiteri, Siġġiewi, *Il-Ħelsien*, 24.4.87, p. 5.
10) 'Dwar Karmenu Vassallo', Anonimu, *Il-Ħelsien*, 24.4.87, p. 8, (+ ritratt).
11) 'Miet il-Poeta tan-Nirien – Karmenu Vassallo', *In-. . . Tagħna*, 25.4.87, p. 14, (+ ritratt).
12) 'Miet il-Poeta tan-Nirien – Karmenu Vassallo', *Il-Mument*, 26.4.87, p. 15.
13) 'Tifkiriet ta' Karmenu Vassallo', Ġanni Zammit, *Il-Ħajja*, 1.5.87, p. 5.
14) 'Ittra oħra lil Karmenu Vassallo – Riflessjonijiet quddiemu fil-Jum Speċjali tiegħu', Oliver Friggieri, *Leħen is-Sewwa*, 2.5.87, p. 7, (+ ritratt).
15) 'Fil-Mewt ta' Karmenu Vassallo', poeżija ta' Ġanni Zammit, *Il-Ħajja*, 8.5.87, p. 4.
16) 'Karmenu Vassallo u Jien', Anton F. Attard, *It-Torċa*, 10.5.87, p. 23, (+ 2 ritratti).
17) 'Memories of Karmenu Vassallo', Ileana Curmi, B.A.(Hons.), *The Sunday Times*, 10.5.87, p. 19.
18) 'Karmenu Vassallo miet fis-7 ta' April, 1987', Nekroloġija, Karmenu Ellul Galea, *Il-Malti*, il-Ktieb għas-sena 1987, pp. 44–46, (+ ritratt).



Ritratt ta' Fra Tumas Vassallo li Karmenu bagħat lil zitu Rosanna bħala turija ta' mħabba u rikonoxxenza.

# Poeżija lil Studenta

*Rose Spiteri*

WAĦDA mill-istudenti li kont ngħallem fil-Prima ta' l-Iskola Sekondarja tal-Bniet, fil-Qala, Għawdex, imqanqla mill-poeżija 'Raħal Twelidi' ta' Karmenu Vassallo, kitbet daqsxejn ta' poeżija, bil-valuri li jista' jkollha kitba ta' tfajla ta' tnax-il sena: 'L-Anzjan'.

Din it-tfajla, bagħtet din il-poeżija lil Karmenu Vassallo, poeta li f'ħajti ħabbejt u ammirajt ħafna jien stess.

Kif jidher mill-istess dati, sebat ijiem biss wara li ntbagħtet l-ittra tat-tfajla, Karmenu Vassallo, xahar u nofs biss qabel il-mewt tiegħu, kiteb żewġ ittri, waħda lili u l-oħra lit-tfajla li kitbet 'L-Anzjan' flimkien ma' poeżija tiegħu dedikata lilha.

Fl-ittra tat-tfajla, tidher il-ħeġġa għall-Malti. Fil-poeżija tagħha, tidher u tinħass il-preokkupazzjoni għas-solitudni ta' l-anzjani – liema solitudni tidher li qanqlet il-kitba tal-versi ħelwin imma qawwija ta' Vassallo f''Lill-Istudenta Edel Mary Camilleri'. Fil-poeżija u fl-ittra li bagħat lili l-poeta Vassallo, imbagħad, jidher ukoll l-apprezzament kbir li kellu għall-għalliema, sengħa li fiha qatta' ħafna snin minn ħajtu. Sa l-aħħar jiem ta' ħajtu, jinħass ukoll jieħu interess u jagħmel il-kuraġġ, il-qalb lil min igħallem u/jew jikteb il-Malti.

Skola Sekondarja tal-Bniet,
Qala, Għawdex.
17 ta' Frar, 1987.

Għażiż Poeta Karmenu Vassallo,

Il-poeżija tiegħek 'Raħal Twelidi' tfakkarni fik, fir-raħal tiegħi x-Xagħra u fir-raħal tiegħek is-Siġġiewi.

Aħna l-istudenti sirna nafuk iżjed, permezz ta' l-għalliema tagħna tal-Malti Miss Spiteri għax ġie li taqralna xi poeżiji tiegħek.

Dan l-aħħar ktibt poeżija jisimha 'L-Anzjan'. Lill-għalliema għoġbitha u ssuġġerietli li nibgħatlek kopja tagħha.

Jiena studenta fil-Form IA u għandi 12-il sena. Il-Malti nħobbu ħafna. Nirringrazzjak għas-sehem kbir tiegħek fil-poeżija. Huwa ta' pjaċir għalija li qed nikteb lil poeta kbir.

Inselli ħafna għalik.

L-istudenta,
Edel Mary Camilleri.

L-ANZJAN

Minn wara l-ħġieġ tat-tieqa
Iħares ta' kuljum,
Sew x'ħin ikun qed jidlam,
U anki malli jqum.

Għaliex ma jistax joħroġ
Imsejken minn ġod-dar,
U ħadd ma baqa' miegħu;
Jgħix waħdu lejl u nhar.

Kultant xi ġar jixriflu
Biex igħinu u jaqdih,
Jagħtih jiekol xi ħaġa,
Imbagħad waħdu jħallih.

U jerġa' wara t-tieqa,
Biex jara għaddejjin
Lin-nies u tfal minn triqtu
Pass pass jew imgħaġġlin.

U jilqa' xi tislima
Ta' dawk li ftakru fih,
Tat-tfal jilqa' t-tbissima,
Li draw jifirħu bih.

10.2.87 Edel Mary Camilleri.

"Pulvis et Umbra",
Siġġiewi.
28–2–87.

Għażiża, twajba, ħelwa u ħanina ROSE ta' qalbi, qed nibgħatlek il-*carbon-copy* tal-ftit versi ħfief u sempliċi li ktibt u bgħatt fl-istess ħin lill-istudenta tiegħek, Edel Mary Camilleri.

Ħassejt li l-oriġinal kelli nibagħtu lilha.

Il-poeżija li ktibtilha qajla fiha xi tfaħħar. Ħsiebi kien li nagħmlilha l-qalb.

Lilkom it-*teachers* urejt li ngħożżkom u nqimkom.

Lilek xtaqt nurik li ngħożżok u nqimek b'mod speċjali. – Tinsieni QATT.

Saħħa u Sliem!
K. Vassallo.

LILL-ISTUDENTA EDEL MARY CAMILLERI

Tifla brava! Minn qiegħ qalbu
ħajr iroddlok dak l-anzjan
u jifraħlek. L-għanja tiegħek
bħal t'għasfura tat-tajran!

Jien ma nafx kontx bravu daqsek
meta bħalek kelli tnax.
Naf li kont inħobb l-iskola
u nistudja ma nixbax.

Ħelu jdoqqu l-versi tiegħek.
Ħsibijietek sbieħ, safjin.
Int għad tkun, nittama, it-tieni
Mary Meylak għall-Għawdxin!

Ħobbha 't-'teacher', għożżha u qimha
għax tassew tridlek il-ġid.
Hi lkoll tħobbkom u tarakom
imlaħħqin tixtieq u trid.

Ħobb mal-'Madam' lill-għalliema
kollha tiegħek. Tinsihomx.
Ftakar fihom fit-talb tiegħek.
Tgemgimx minnhom. Tmaqdarhomx.

Wara DAK li ħalaq kollox,
wara dawk li l-ħajja tawk
x'għandek egħżeż mill-għalliema
ħerqanin biex jedukawk?

Edel Mary Camilleri
li ma nafx u ma tafnix,
li bħall-ħelwa Miss Spiteri
qalbi nsewwed ma tridnix,

minn qiegħ qalbi jien nixtieqlek
ħajja tajba m'għomor twil.
Jekk għad tisfa poetessa,
j'Alla dellek ma jkunx tqil

bħalma kien u baqa' tiegħi
jiġri, jħuf, imqabbad miegħi —
miegħi li twelidt sabiex
nibki mmut . . . Ma tafx għaliex?

28/2/87. K. Vassallo.

# Karmenu Vassallo: Kellu Qalbu Akbar Minnu*

*Laurence Mizzi*

JIENA kelli x-xorti li f'medda ta' 40 sena bejn l-1947 u l-1987 (meta miet) insir naf mill-qrib lil Karmenu Vassallo, l-ewwel bħala student tiegħi fil-Liċeo, wara bħala kollega fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni u, aktar tard fit-Taqsima Xandir għall-Iskejjel ta' l-Awtorità tax-Xandir, u fl-aħħar għoxrin sena bil-kuntatti personali permezz ta' laqgħat bla ħsieb fit-triq (meta kien għadu joħroġ) u aktar bl-ittri u t-telefonati.

Fil-fehma tiegħi l-akbar rigal li l-Mulej għoġbu jżejjen bih lil Karmenu Vassallo kien l-umanità tiegħu. Aktar mill-ħila letterarja magħrufa biżżejjed fostna l-Maltin, ħila li kienet taqtgħu 'l fuq minn ħafna oħrajn; akbar mill-elokwenza u l-qawwa u s-sengħa li fihom kellu l-ħila jfisser u jlissen ħsibijietu bil-kelma Maltija, aqwa minn kollox kienet il-qalb immensa li kellu tħabbat ġewwa sidru.

Karmenu kien iħobb u jħenn. Lil kulħadd, iżda ħaġa naturali, l-iżjed lil dawk li jkunu l-aktar fil-bżonn, hu x'inhu l-bżonn. Iżda kuntrarjament għal uħud, ma' l-imħabba u l-ħniena tiegħu għaż-żgħir u għall-maħqur u l-batut Karmenu ma kienx iħoss qrusa, stmerrija, imrar jew mibegħda għall-għani jew is-setgħani. Għall-kuntrarju lejn il-għonja u s-setgħana hu kien juri rispett li fil-fehma tiegħi kultant kien x'aktarx esaġerat.

Dwar l-umanità tiegħu nista' nsemmi għexieren ta' inċidenti minn ħajjet Karmenu biex nuri kemm kienet kbira l-ħniena li kellu lejn il-proxxmu tiegħu u kemm kien rett u dritt meta kien iwieġeb għas-sejħa ta' qalbu . . . Għal Karmenu kif nafu jien, l-irġulija, il-ħbiberija, l-għajnuna, l-imħabba tal-proxxmu, il-ħniena, il-bniedem innifsu kienu jiġu qabel kull ħaġa oħra, hi x'inhi. Għalih ma kinux jeżistu l-kuluri li bihom sfortunatament hu "mżewwaq" pajjiżna. Karmenu Vassallo kulur wieħed kellu: il-lewn tal-ħniena u ta' l-imħabba. U f'din il-ħaġa kien xempju ħaj ta' Nisrani konvint li kien jemmen tabilħaqq u li l-fidi tiegħu kienet tidher minn egħmilu. U minn kliemu sinċier, ġenwin, ħiereġ ibaqbaq minn ġo fih.

Nistqarr pubblikament għal darb'oħra li jiena ma għandix ħlief tifkiriet sbieħ ta' dan ir-raġel letterat kbir li għamel ġieħ mhux biss lil raħal twelidu li tant kien iħobb iżda lill-pajjiż kollu.

Jiena nsellimlu u nistqarr li nibqa' dejjem grat lejh.

* Silta mid-diskors li l-awtur għamel fis-serata ta' mużika u letteratura f'ġieh il-Poeta Karmenu Vassallo li saret il-Ħadd 17 ta' April, 1988, fis-Siġġiewi.

# Karmenu Vassallo – Poeta li jibqa' għal dejjem

*Josette Attard*

## Post Vassallo fil-letteratura Maltija

KARMENU VASSALLO llum nistgħu nqisuh bħala wieħed mill-esponenti kbar tal-moviment romantiku f'pajjiżna. Kien Dun Karm li fetaħ it-triq tar-romantiċiżmu letterarju f'pajjiżna. Dan il-moviment kompla jiżviluppa bil-kontribut tal-poeti li ġew wara l-poeta nazzjonali tagħna fosthom R. Briffa, A. Buttigieg u K. Vassallo.

Il-poeżija ta' Vassallo hi kollha kemm hi djarju ta' intimità u privatezza. Ħafna mill-poeżiji tiegħu huma suġġettivi dwar il-jien. Iżda hu ma jiqafx hawnhekk. Jilħaq l-ogħla livell poetiku meta mis-suġġett partikolari jgħaddi għal temi universali – temi filosofiċi li jolqtu kull bniedem bla ebda limitu ta' post jew żmien. Id-dwejjaq ta' Vassallo huma d-dwejjaq ta' kulħadd. Għalhekk it-triq li għażel għall-poeżija tiegħu hija mid-djarju għall-kredu – għat-twemmin.

## It-tema eżistenzjali

It-tema ta' l-eżistenza umana sabet fortuna kbira fil-poeżiji tiegħu. Iżda aktar ifittex li jistaqsi milli jfittex it-tweġiba. Il-mistoqsijiet li jistaqsi huma dwar l-eżistenza tiegħu. Għalhekk poeżiji bħal 'Dejjem Qatt', 'Mysterium Mysteriorum', 'Ħbiebi', 'Vanġelu Ieħor', 'Poeta Nisrani' u oħrajn huma egoċentriċi fejn permezz tal-monologu jpoġġi quddiemna problemi eżistenzjali. Jien min jien? Għaliex neżisti? X'jedd kellu ħaddieħor li jġibni fid-dinja? Huma kollha poeżiji li jitkellmu dwaru stess u jħoss il-ħtieġa tad-djalogu biex joqrob lejn is-soluzzjoni. Lil Ada Negri, poetessa ottimista Taljana, igħidilha li hu ma kellu l-ebda tort li safa l-ħlas ta' l-imħabba bejn żewġ bnedmin. Is-soluzzjoni m'hix qiegħda fil-bnedmin. Fil-fatt fi 'Ħbiebi' jitlob lil Alla biex jagħtih il-ħbieb. Iżda mhux kollox hu ħabib tiegħu – il-ħxejjex u l-bhejjem iva; il-bnedmin le:

> Mulejja niżżik ħajr għall-ħbieb li tajtni:
> Ħbiebi kulma ħlaqt int: barra l-bnedmin!

Hawnhekk tinħass il-kawża ta' iżolament soċjali u l-effett ta' l-esperjenza persunali kerha li għadda minnha. Vassallo jesprimi wkoll l-isfiduċja fil-bniedem f'kuntrast mal-bqija tal-ħlejjaq l-oħra.[1]

Jasal biex jisħet it-twelid tiegħu stess u jsostni li l-bniedem ma jista' jifhmu

1. 'Mysterium Mysteriorum'.

ħadd. Fih jinħoloq konflitt bejn dak li jixtieq jagħmel u dak li jista' jagħmel. Il-poeta hawnhekk jilħaq l-ogħla punt tal-pessimiżmu tiegħu – 'Irrid u ma nistax' – hi l-karba kontinwa tiegħu. Jeħodha kontra s-soċjetà anonima u kiefra u jgħid li din tgħaffeġ lill-bniedem sensittiv u tiċħdu mis-sentiment tiegħu għax tagħti importanza żejda lir-raġuni.[2]

Saħta għalija t-twelid! Vanġelu ieħor
min jaf jaqrah fid-dlam, isib miktub:
il-Vanġelu taċ-ċaħda ta' l-imħabba;
il-Vanġelu tal-mewt f'min twarrbu l-qlub.

Vassallo, bħal kull poeta romantiku Ewropew, iqis lilu n-nifsu superjuri għall-bnedmin l-oħra għax hu poeta. Madankollu qatt ma ċaħad it-twemmin nisrani tiegħu. Hu proprju għalhekk li sab ruħu f'konfront mal-poeta Taljan Leopardi.[3] Iżda l-poeta Malti jiċħad lil Leopardi u jsostni li huma żewġ bnedmin differenti li m'għandhomx x'jaqsmu ma' xulxin. Leopardi jemmen fin-'natura possente,' fid-destin li jiddetermina kollox u f'alla kattiv. Vassallo mill-banda l-oħra, jilqa' r-reliġjon u ċ-ċiviltà tas-soċjetà tiegħu, iżda jiċħad li hu bniedem komuni. Fih tinsab is-sublimazzjoni ta' l-ideat leopardjani.

Jien nisrani, bin l-insara;
Malti demm ta' qlub Maltin;
Iżda qatt ma nisfa bhima,
għad li l-bhejjem sfaw bnedmin.

It-teorija ta' l-ispirazzjoni ta' Vassallo hija ħatfa ta' sentiment. Hija esperjenza maħtufa minn sentimenti diversi. Għalhekk irid igħasses dwar sentimenti li huma kontra xulxin. Dan hu tip ta' poeżija li tinkiteb f'ħatfa. L-idea tad-determiniżmu tal-bniedem tinsab f'bosta mill-poeżiji tiegħu. Mhux biss determiniżmu mekkaniku u fiżjoloġiku iżda wkoll determiniżmu teoloġiku, psikoloġiku u metafiżiku. Dan id-determiniżmu hu neċessarju għax iwassal għat-twemmin fid-destin. L-ebda egħmil m'hu ħieles iżda huwa determinat mill-forzi ta' fuqna. Għalhekk hi poeżija ta' bniedem li qiegħed ibati u miegħu qegħdin inbatu aħna wkoll.

**Il-poeżija bħala tbatija**

Vassallo jidentifika l-poeżija mat-tbatija. Jinsab maqsum bejn żewġ forzi – il-loġika tar-raġuni u l-loġika ta' l-emozzjoni. Il-ġlieda bejn it-tnejn twasslu biex jirraġuna skond is-sentiment. U għalhekk xtaq li jkollu ħajja veġetattiva, mingħajr sensazzjoni u raġuni għax il-konflitt bejn dawn it-tnejn inissel tbatija fil-poeta. Min ma jbatix ma jistax isejjaħ lilu nnifsu poeta għax il-poeżija vera hija dejjem riżultat tat-tbatija. Għalhekk igħid:

2. 'Vanġelu Ieħor'.
3. 'Poeta Nisrani'.

Min qatt ma laqqat kwies l-imrar mill-qiegħ
poeta m'hux, m'hemmx poeżija fih.

It-tbatija hija proċess neċessarju bejn dak li tħoss u dak li toħloq. Hija tarġa bejn l-esperjenza li jġarrab il-poeta u l-bidla estetika li tidher f'opra artistika. Aktar ma l-poeta jsofri, aktar jilħaq livell għoli fix-xogħol tiegħu, għaliex il-poeta huwa kundannat li jgħaddi ħajja ta' tbatija.

Il-kobor tal-poeta romantiku hu l-esitu tal-proċess ta' awto-eżami.[4] Jibda biex jistaqsi l-għaliex ta' l-eżistenza. Xtaq li kieku seta' jagħżel bejn ix-xejn u l-ħajja. Ħass il-ħtieġa li jitkellem ma' xi ħadd biex isib tweġiba għall-mistoqsijiet kollha li jistaqsi. Spiċċa biex ifittex soluzzjoni fil-ktieb kbir tal-ħolqien. U s-soluzzjoni hi determiniżmu totali. Ma jista' jbiddel xejn mill-eżistenza u għalhekk għandu jibqa' dak li hu.

**Is-sbuħija, l-imħabba u l-glorja**

Vassallo kien influwenzat mill-illużjonijiet il-kbar tar-Romantiċiżmu Ewropew. Il-ġmiel huwa għajn ta' rimors fejn il-ħażen fiżiku jidher minn barra. Skond Vassallo stess, il-poeta huwa wieħed li jsib sfog fis-sabiħ u fl-ideal – wieħed li jħobb is-sabiħ u jissodisfa ruħu bl-ideali għolja.[5] L-imħabba hija biss xewqa. Vassallo huwa l-poeta li m'hux maħbub. Il-poeta huwa eskluż mis-soċjetà minħabba l-għoli u l-integrità morali li għandu bħala poeta. Il-poeta huwa bniedem li jħobb. Għalhekk l-ebda poeta fid-dinja ma jista' jkun nieqes minn din il-forza ta' mħabba miġnuna. Il-veru poeta ma jistax ma jħobbx anzi jħobb b'mod tal-ġenn.[6] Il-glorja hija wkoll illużjoni romantika li sabet fortuna mal-poeti Ewropej. Vassallo jfittex il-glorja bħala sublimazzjoni tat-tbatija. Il-poeta jikteb biex jikseb l-unur u l-glorja li jixraqlu.[7] Għalhekk igħaddi minn proċess sħiħ ta' individwaliżmu poetiku fejn il-poeta huwa xi ħadd uniku u irripetibbli. Filwaqt li kulħadd huwa destinat għall-mewt mhux kulħadd huwa minsi wara mewtu. Il-mewt ma ġġibx fix-xejn lill-poeti. L-opra tagħhom ma tispiċċax mat-tmiem tal-ġisem iżda tkompli tgħix. Il-lirika poetika hija aqwa mill-qawwa tal-mewt għaliex il-poeżija hija t-tieni ruħ tal-poeta.[8] Dan il-ħsieb jaqbel ma' dak leopardjan li jgħid li l-poeżija hija *"la seconda vita più cara della comune."*

Illum Karmenu Vassallo bħala bniedem-poeta m'għadux magħna iżda Vassallo bħala poeta u l-opra poetika tiegħu reġgħu twieldu mill-ġdid mal-mewt ta' l-awtur

4. 'Jien'.
5. "Il-Poeżija u Aħna" f'*Il-Malti*, Ġunju 1962, p. 38.
6. 'Alla taż-Żgħażagħ', Malta, G. Muscat, 1939, p. 51.
7. *Elementi Leopardiani nella riflessione estetica di un poeta maltese: Karmenu Vassallo*, O. Friggieri, Salerno, Silarus, 1983.
8. *Mill-Art għas-Sema*, Malta, Dipartiment ta' l-Informazzjoni, 1960, p. 26.

biex ma jmutu qatt aktar. Il-personaġġi l-kbar tal-letteratura jirċievu l-glorja tagħhom wara mewthom. Il-poeżija hija l-mera u l-immaġini tal-poeta stess u għalhekk ix-xogħol poetiku tiegħu sar kif dejjem xtaq hu stess "*monumentum aere perennius*."[9]

9. "Kelmtejn Qabel", *Nirien*, Malta, G. Muscat, 1938, p. 6.

Membru ta' l-Għaqda Kulturali Siġġiewi. Is-Sur Vassallo jidher bil-qiegħda fuq ix-xellug.



# Lil Karmenu Vassallo

*(Vivit post funera virtus)*

Il-lum il-Muża siktet
U saret sehem mill-ġrajja.
L-id tal-Poeta mietet,
'Mma l-għanja tibqa' ħajja.

Għax l-għanja kien tahielna
Minflok li ħadha miegħu,
U b'rieda ħallihielna
B'tifkira tal-qalb tiegħu.

Jien naf l'hu jibqa' magħna
Fl-ispirtu tal-għajxien,
Għax dan il-ħabib tagħna
Poeta tan-Nirien.

Dal-kompajżan jixraqlu
Li jinsa kull uġigħ,
U li ħadd ma jisraqlu
Il-jedd tas-sedq u l-ġieh.

Hu kien u jibqa' għalija
L-ewliemes f'kliem mirquma,
U vrusu bl-għerf mgħobbija
Ma jkunu qatt mitmuma.

Kien jaf isaffi b'ħerqa
Sisien grammatikali,
U jħaddem kliem bir-reqqa
Ta' l-arti radikali.

Sejjaħlu ħdejH minn ħdejna
Biex jibda ħajja ġdida,
Imbiegħed minn għajnejna,
Mirfud minn kull theddida.

***Manwel Nicholas-Borg***
*L-Awstralja 1987*

# Karmenu Vassallo u l-Ħajja Reliġjuża

***Hugh A. Mallia, O.Carm.***

KARMENU VASSALLO ma kienx bniedem bħall-oħrajn u dan jixhduh mhux biss il-kotba li ħalla warajh, iżda wkoll it-tifkiriet li għandhom u jgħożżu l-ħbieb tiegħu li ma kenux wieħed u tnejn u lanqas ma tgħoddhom fuq subgħajk!

Lis-Sur Vassallo sirt nafu meta kont għadni żgħir ħafna għaliex missieri kien ħabib tiegħu u sa minn dejjem niftakar il-kotba ta' Vassallo fil-bibljoteka ta' missieri. Aktar 'il quddiem sar surmast tiegħi fil-Liċeo u r-rispett tiegħi lejn dan il-bniedem kiber fuq li kiber għaliex kont fhimt, flimkien ma' sħabi Ġużi Abela u Manwel Cassar (illum it-tnejn fl-Awstralja), kemm kien raġel ta' qalb kbira u bniedem li għall-ideal tiegħu kien lest li jagħmel u jbati minn kollox.

Iż-żmien li fih kont nistudja għal patri kien żmien ieħor . . . żmien meta kienu jaqtgħuna u jżommuna 'l bogħod minn kulħadd u għalhekk għal xi żmien ftit kelli kuntatti miegħu, imma f'dak iż-żmien jien bdejt inħarbex xi poeżija u meta kelli l-ewwel ċans bdejt nerġa' mmur għandu u nurih xi nkun ktibt: hu, bil-paċenzja kollha, kien joqgħod jurini fejn kelli nibdel u kif kelli nagħmel. Minn kliemu kont inħoss li kellu rispett kbir lejja għaliex kont saċerdot u reliġjuż Karmelitan, ta' l-istess Ordni tal-Prof. A. Cuschieri li mhux biss kien jammira imma kien iqis bħala s-surmast ta' kif wieħed għandu jħaddem bil-ħlewwa l-kelma Maltija.

Hawn nixtieq nuri naħa mill-karattru sod tas-Sur Vassallo li ftit jafu bih. Għal xi żmien, kif jaf kulħadd, kien ħass il-vokazzjoni biex isir saċerdot u reliġjuż u ħalla meta fehem li dik ma kenitx it-triq ta' ħajtu, imma f'qalbu baqa' dejjem rispett kbir lejn din is-sejħa u kien jiddispjaċih ħafna meta xi wieħed li hu kien iħobb kien jogħtor u ma jissoktax fit-triq li jkun qabad. Kien jagħmel minn kollox, għalkemm ma kienx bniedem li ser jindaħal fil-kuxjenza ta' ħaddieħor, biex igħin lil min kien ikun qed jerġa' jaħsibha.

Għandi l-ittri li kien jiktibli meta kont sifirt Londra biex nistudja. Hu qatt ma siefer, sa fejn naf jien, u għalhekk id-dinja ta' barra minn Malta kienet dinja tal-biża', ambjent ma tantx hu tajjeb għal min għandu vokazzjoni saċerdotali. Għalih din kienet dinja fejn wieħed irid jimxi b'għajnejh miftuħa l-ħin kollu għaliex it-triqat tagħha kienu mimlijin ħofor jistennew li jwaqqgħu lil min igħaddi minnhom.

F'waħda mill-ittri tiegħu kitibli hekk: ''Ibża' ħafna wkoll (agħdirni u aħfirli talli qed nazzarda) għall-virtù tas-safa li hi l-qofol tal-virtujiet kollha. . . Biex Alla jgħinek u jibqa' jieqaf miegħek, agħmel kollox f'ġiehu u f'Ismu. Żomm dejjem f'rasek li fuq kollox u qabel kollox int *saċerdot ta' Kristu.*'' (L-enfasi fuq l-aħħar tliet kelmiet huwa tiegħu.)

Sa l-aħħar darba li kellimtu, li kien xi sena ilu, is-Sur Vassallo kellimni b'dak

ir-rispett kbir li kellu lejn is-saċerdot li kien jersaq lejh u jiena elf darba kont għedtlu: ''Sur Karm, jiena Arthur jisimni u mhux Patri Ugo!'' Imma dejjem kien jibqa' jinsisti b'dak il-mod tiegħu u jgħidlek: ''Le, le Patri Ugo, ir-rispett hu rispett!''

B'dan ma rrid lil ħadd li jaħseb li jiena qed ngħid li s-Sur Vassallo kien xi qaddis minn dawk li npoġġu fuq l-artali. Li kieku kont qiegħed ngħid dan, l-ewwel wieħed li kien jiddieħak bija kien ikun huwa nnifsu. Imma ridt li nuri din in-naħa tal-karattru tiegħu għaliex naħseb li ftit jafu biha.

Jiena nizzi ħajr 'l Alla li laqqagħni ma' raġel kbir u għani f'ruħu u li naf ħafna lilu minn dan il-ftit li rnexxieli nagħmel f'ħajti. Grazzi Sur Karm.

Karmenu Vassallo (fuq il-lemin) bħala Membru tal-Kunsill tal-Gvern fl-1945 flimkien mat-tmien Kunsillieri l-oħra Laburisti. Mix-xellug (quddiem) it-tabib A. Schembri Adami, il-perit Dom Mintoff, it-tabib Pawlu Boffa, il-Ministru Ingliża ta' l-Edukazzjoni, ta' dak iż-żmien, Dr. A. F. Colombo, u l-avukat J. Cassar. Fuq wara s-Sur Robbie Bencini, l-avukat G. G. Ganado u l-ispiżjar J. J. Raimondo.



# Lil Ħabibi Poeta Karmenu Vassallo

***Pawlu Mifsud***

FIL-1970, KARMENU VASSALLO kien ippubblika ġabra ta' versi tiegħu stess bl-isem ta' *Tnemnim.*

Minbarra l-għadd sabiħ ta' poeżiji li jidhru f'dan il-ktieb Vassallo kien għoġbu jikteb ukoll, xi ftit fit-tul, introduzzjoni bil-wisq interessanti. It-titlu li taha hu "Daħla Għal Vrusi". Meta wieħed jaqra dan it-trattat mill-ewwel għandu jinduna bl-istqarrija tal-fidi tiegħu soda kif ukoll bil-fiduċja kbira li dan ħabibna, poeta qawwi fi ħsibijietu sa mill-bidu tal-ħajja letterarja tiegħu, kellu f'Alla l-Imbierek, il-Ħallieq u s-Sid ta' kollox u ta' kulħadd.

Vassallo, f'parti minn din id-daħla, jistqarr li hu x'aktarx magħruf mill-oħrajn bi bniedem pessimista. Din il-ħaġa hu jaċċettaha u jammettiha imma, fl-istess ħin, jiddikjara li s-sabiħ u l-ferħ tal-ħajja kien jaf jaraħ u jħossu wkoll u kien iqis lilu nnifsu bniedem ottimist daqs kemm hu pessimist. Naqraw f'paġna 28 ta' din id-Daħla kliem Vassallo nnifsu fuq dan il-punt: "*L-Ottimiżmu tiegħi hu sehem sħiħ minn siġret ħajti daqskemm hu l-pessimiżmu.*" U jien, din l-istqarrija tiegħu emmintha dak in-nhar u għadni nemminha sal-lum li m'għadux ħaj fostna.

Imma niftakar li dak in-nhar li qrajt din id-"Daħla" . . . kont bqajt milqut f'qalbi u f'moħħi bil-kliem ta' l-aħħar paragrafu li, kif ġà għedt Vassallo kien kiteb hu nnifsu, u li hu x'aktarx mimli swied il-qalb. Dan l-aħħar paragrafu żgħir fl-introduzzjoni tal-poeta – bid-data tad-9 ta' Frar 1970 – naqraw dan li ġej:

> "Kelma ta' l-aħħar. Semmejt dal-ktieb *Tnemnim* għax inħoss li hu u jien għandna minn xemgħa tnemnem li waslet biex tintefa. Kemm ser indum ħaj ma nafx u ħadd ma qalli. Imma naħseb li bħala kittieb ta' versi mitt diġà. Ikun imbierek Alla kemm fis-Sema u kemm fuq l-Art."

Meta qrajt u xtarrejt sewwa dan il-kliem nibet f'moħħi l-ħsieb u tnisslet f'qalbi x-xewqa li nikteb lil Vassallo biex ngħidlu ma jaqtax qalbu mill-ħajja, jagħmel kuraġġ u ma jintelaqx mal-wied tad-dmugħ u tan-niket li jsuqna ta' sikwit tul ħajjitna. U dawn il-ħsibijiet, minflok ktibthom f'sura ta' ittra milli niktbu s-soltu, insiġthom f'versi – poeżija ta' forma tradizzjonali kif inħobbha jien u kif kien jistenna minni hu.

**Lil Ħabibi Poeta Karmenu Vassallo**

DIN tiegħek, għażiż ħija, xejn ma ddoqqli
Li tiġi tgħid li w'salt f'xifer it-triq;
Li int bħal xemgħa li dalwaqt tintefa,
Li daqt tindifen taħt salt xewk w għollieq.

Għax tmut qabel il-waqt? Għaliex tinħela,
Meta, nħoss jien, għad hemm il-ħajja fik?
Għad hemm il-qalb u l-moħħ safjin itektku,
Ukoll jekk, forsi, saħħtek xejn ma ttik?

Huwa, ngħid jien, min twieled w għex poeta
Jista' xi darba ma jibqax li jkun?
Jista' jiftaqar kif jiftaqru l-kotra?
Irrid infisser jien li jsir komun?

Din żgur ma tinżillix, ħabib ta' qalbi,
Għax il-poeta mhux xi kantant fin
Li darba kellu leħen jgħaxxaq dinja
U llum garġih intebqu, sfaw nexfin.

La kont poeta lbieraħ, tkun u tibqa' –
Jekk taħsel tkun poeta kbir tassew –
Poeta bħalm'int int, mhux xi ħarbiexi
Ta' vrus bla sens li lanqas jaf kif ġew.

Ħallik, għalhekk, minn qtigħ il-qalb u t-telqa,
U qis li qalbek bl-għana dejjem tfur,
Għax jekk emmintek dejjem f'dak li għedtli,
F'dil-ħaġa, tgħid xi tgħid, ma nemmnekx żgur.

(30.9.70)

Ta' ħabib li kien, Vassallo kien weġibni. Iżżieni ħajr u wrieni wkoll il-gost li ħa meta qara l-versi li kont ktibtlu għaliex ra fihom messaġġ sinċier ta' ħbiberija ħiereġ mill-qalb ta' poeta ieħor ferm inqas minnu fil-ħila f'dik li hi sengħa u ħsibijiet fin-nisġa tal-poeżija. Ta' wieħed li kien jixtieqlu mill-qalb gliegel ta' hena u ta' tama tul is-snin li kien għad baqagħlu jgħaddi fuq din l-art. Xejn inqas, kif tabilħaqq seħħ, minn sbatax-il sena oħra!

L-ittra, it-tweġiba ta' ħabibi Karmenu, fittixtha u ma sibthiex. Għalhekk ma rrid inżid xejn ma' dak li għedt. Ħlief li jien nibqa' dejjem niftakar fih, nitlob għalih, nitkellem fuqu ma' kulħadd bl-akbar gost għaliex inqis u nħoss li Vassallo kien, u jibqa', wieħed mill-poeti kbar li għamel ġieħ kbir lil Artna fil-qasam tal-Letteratura Maltija.

# L-"Għażiż Karmenu . . ."

*Emanuel F. Attard*

INTERESSANTI L-FATT li minn tlitt irħula ġirien tagħna ħarġu għadd ta' persunaġġi li, fost oħrajn, għamlu isem u huma ta' ġieh kbir fil-qasam tal-Letteratura Maltija. Minn Ħaż-Żebbuġ ħarġu Mikiel Anton Vassalli u Dun Karm; minn Ħal Qormi, Ġużè Muscat Azzopardi; u mis-Siġġiewi Patri Ġużeppi Delia u Karmenu Vassallo: kollha m'għadhomx fostna – l-aħħar wieħed minnhom li ħalliena kien l-"Għażiż Karmenu" li miet f'April, 1987. Tabilħaqq, għalkemm kien ilu ma jiflaħx u rtirat ġewwa daru xorta waħda, iżda, mewtu ħasditna lkoll. Ma stennejnihiex hekk malajr. . .

Mogħni b'personalità qawwija u li tiġbdek konna tant drajnieh li, hekk, bħal stħajjilnieh li kien sejjer idum fostna għal ħafna aktar snin. . . Karmenu Vassallo kien bniedem ta' qalb kbira u raġel fuq l-irġiel – kif jammetti kull min kellu x-xorti li jkun jafu mill-qrib. Kif kien jixraq u wkoll mistenni – għaliex le? – minn Poeta kbir, mill-ewlenin ta' pajjiżna: wieħed li għamel isem u li għolla sewwa 'l Ilsienna, l-Ilsien li tant ħabb, għażż u ħabrek għalih matul ħajtu kollha! Il-vojt li ħalla nħass u jibqa' jħossu kull min igħożż il-Letteratura, l-aktar il-Poeżija Maltija. L-Għażiż Karmenu miet u ħalliena – imma ismu ma jintesa qatt – u l-poeżija li għanna minn qalbu tibqa' għal dejjem, kif kien qal tant tajjeb il-Poeta Nazzjonali, Dun Karm, u kif insibu miktub fuq l-istess qabru Ħaż-Żebbuġ.

Sirt nafu mill-qrib meta ltqajt miegħu għall-ewwel darba jum minnhom fl-1946 fi Pjazza Reġina, il-Belt. Allura student żagħżugħ kont smajt ħafna bih u qrajt bosta minn xogħlijietu. Ġie d-diskors – għax il-kliem bħaċ-ċirasa, kif ngħidu – niftakar kien qalli li ma kienx ġej minn xi familja għanja għax missieru dari kien armat bil-karrozzin. Mill-ewwel inġbidt lejh u żidt l-ammirazzjoni kbira li kelli għalih għax, barra l-ġenju poetiku li kellu – ġenju Malti f'kull sens! – kien imżejjen b'umiltà tassew rari. Don li, b'xorti tajba, baqa' jispikka fil-karattru uniku tiegħu sa l-aħħar ta' ħajtu: effett ta' intellett qawwi u riflessiv. Bħalxejn, jitlef sabru u jitlagħlu – imma wara jisgħobbih u jgħaġġel jiskuża ruħu: l-istess ħarstu u t-ton ta' kliemu xhieda tas-sinċerità tiegħu. Li Karmenu Vassallo kien bniedem tabilħaqq umli u sinċier (u Nisrani eżemplari għalkemm, kollox ma' kollox, pessimist) u, fl-istess ħin, poeta kbir Malti jammettih kulħadd.

Tifkira għażiża tiegħu li għandi hija l-ġabra ta' versi, *Tnemnim*, li kien irrigalali ftit wara li dehret fl-istampa fl-1970. Ngħid għalija, bqajt dejjem impressjonat b'dak li l-Poeta ħalla miktub fl-ewwel paġni ta' din l-antoloġija u, li ta' miħ jikkwotaha hawnhekk u jixtarrha – għax nistgħu nifhmu xi ftit aħjar is-sigriet tal-kobor tal-lehma Vassalljana: Qallu Dun Karm fl-1932: "Aħseb ħafna, għarbel sewwa u ikteb ftit." Wieġbu Vassallo fl-1970:

"Biex inħares li għedtli nfnejt, tmermirt:
bilkemm flaħt nimxi meta messni tirt."

Fil-fatt, madankollu, issa li m'għadux magħna dan jista' jingħad – għax ħoll xagħrek u ġib iż-żejt kif kien jisbel għalija li kellu jaqra dan! – Vassallo ħallielna għadd sewwa ta' poeżiji l-ġmiel tagħhom u l-lehma tiegħu, bħall-ajkla Danteska fl-Italja u dik Dunkarmjana f'pajjiżna, ittajret hekk 'il fuq u laħqet qċaċet li, tabilħaqq ftit poeti oħra Maltin seħħilhom jilħqu sa issa. Din m'hijiex il-fehma tiegħi biss iżda ta' wħud mill-aqwa kritiċi letterarji tagħna. Bil-poeżiji li damm u għanna stagħniet il-Letteratura Maltija u stagħna intellettwalment kull Malti ġej minn liema naħa ta' pajjiżna ġej, hu min hu u hu x'inhu. . . Bla xejn dubju li ma kellniex lil Karmenu Vassallo l-wirt nazzjonali tagħna kien ikun wisq ifqar milli, irroddu ħajr 'l Alla, hu l-lum. Intenni dak li darba għedt: tkun ħaġa mill-aktar xierqa għall-memorja ta' Karmenu Vassallo li xi darba, xi ħadd kompetenti, jaqliblu xogħlijietu – jew talanqas uħud mill-aħjar fosthom – f'ilsna barranin (bl-Ingliż jew bit-Taljan, ngħidu aħna) ħalli jsir magħruf aħjar barra mix-xtut tagħna, għax aħna poplu żgħir wisq, "mitlufa" qalb tant ġnus oħra. . . Inħoss li l-Letteratura Maltija u n-Nazzjon ċkejken tagħna jogħlew sewwa fl-istima tal-barranin.

Karmenu Vassallo (it-tieni mix-xellug) flimkien ma' grupp taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara.



# Kemmxejn Dawl Iehor

*Joe J. Camilleri*

LIL KARMENU sirt nafu mill-qrib mhux wisq ilu. Il-karattru tiegħu fabbli u miftuħ, is-sinċerità, l-edukazzjoni fl-imġiba impekkabbli tiegħu, il-frankezza fi kliemu jiġbduk mill-ewwel. Tintebah li tkun sibt ħabib sinċier. Igħidlek dak li jħoss, mingħajr ambigwità u bla ma joqgħod idurlek mal-lewża. Tieħu pjaċir titkellem miegħu, għax jaf xi jgħid u biex iżomm taħdita interessanti għal sigħat sħaħ jinqala' u ma jgħaddih ħadd. Ftit naf nies li għandhom dil-kapaċità bħalu. Bniedem sensittiv, jibqa' jafħulu lil dak li jagħmillu pjaċir, imqar żgħir kemm hu żgħir. Fir-relazzjonijiet tiegħu ma' ħaddieħor, l-aġġettivi li juża biex jikkumplimenta dejjem fis-superlattiv.

Karmenu hu l-poeta, ftit jissemma bħala l-bniedem tal-politika. Ta sehmu wkoll f'dan il-qasam. Kien marbut mal-klassi tal-ħaddiema, ikkuntesta l-elezzjonijiet għall-Partit Laburista u kien kburi li darba kien deputat fil-Kunsill tal-Gvern. Meta jien kont nagħmel programmi fuq ir-Radju, kien sikwit iċempilli, u bis-soltu kariżma tiegħu jikkumplimentani u jħeġġiġni biex nissokta f'dil-ħidma. Karmenu kien isegwi l-programmi mill-qrib, mhux biss, kien ukoll jixrobhom. It-telefonati tiegħu kienu jkunu twal, ma jintemmu qatt, u l-ħabel jibqa' f'idejh għax jien ftit ninqala' biex nitkellem fit-tul fuq it-telefon.

Darba fost l-oħrajn ma kienx kuntent li ċempilli biss, iżda bagħatli ittra wkoll dwar l-istess argument li konna diġà tkellimna dwaru. Ittra tipika tiegħu, ġenwina, diretta u ċara. Il-kontenut tagħha hu spjiega fih innifsu.

27 t'Awissu, 1983

Għażiż Sur J. J. Camilleri,

Biex nitkellem le, imma biex nikteb sirt inbati ħafna minħabba l-mardiet u l-uġigħ li għandi. Emminni.

Il-karti ttajpjati bil-proposti/suġġerimenti dwar l-ortografija tal-Malti bagħathomli s-sur Manwel Attard ta' B'Bugia. Mhix ħaġa ħafifa li taqbad u taqta' kif għandu jinkiteb ċertu kliem — l-aktar dak ta' nisel 'purament' rumanz u/jew anglo-sassonu. Jidhirli li ma nistgħux inkunu dommatiċi f'hekk: '*there can be no hard and fast rules where such Romance words are involved.*' L-aktar li jmissna nisħqu llum fuq l-iżbalji grammatikali u sintattiċi li qed jingħadu ta' sikwit minn xi *announcers* ta' Xandir Malta. Xi wħud minnhom jagħtuk taħseb u temmen li qatt ma tgħallmu ħabba jew ħajta skola. (Tfal ta' bejn it-tliet u l-ħames snin jitkellmu Malti wisq aħjar minn dak li jsemmgħulna dawn fuq il-mezzi tax-xandir.)

Xi ġimgħat ilu kont fraħtlek bit-telefon (u fraħtlek tassew u bis-sħiħ) għall-programmi tassew interessanti u illuminanti tiegħek dwar "X'tagħmel l-Istorja" li qed jixxandru fuq C.R.1 u C.R.2 jew R.M.N. B'danakollu, jekk m'iniex sejjer imqarraq, ħassejtni (biex ingħid hekk) maqrus u mwaġġa' meta rajt u sibt li int injorajt u ħallejt barra

għal kollox mill-ġrajja ta' l-Edukazzjoni f'pajjiżna *l-Kunsill tal-Gvern* (1945–46) li fi żmienu sar liġi *t-Tagħlim ta' Bilfors*. U tabilħaqq, "*Compulsory Education in Malta became law on the 12th Sitting of the First Session of the Council of Govt. on 24th January, 1946, while the Compulsory School Attendance Bill was approved on the 13th sitting of the C. of Govt. held on January, 29 1946.*" (Ara *Civilization* No. 8, p. 224).

Saħħa. Karmenu.

Fil-fatt kellu raġun, għax għad li dil-parti ta' l-Istorja kienet waslet biex tixxandar, fil-fatt kienet għadha ma nstemgħetx sa dak in-nhar. Dwar dan kont ktibtlu u serraħtlu rasu.

Għandi tlitt ittri tiegħu interessanti. Waħda hi bl-Ingliż u din kien kitibha fis-6 ta' Frar, 1939, lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, Dr. A. V. Laferla, jitolbu sussidju biex ikun jista' jistampa *Alla taż-Żgħażagħ* jew – *Siltiet ta' Kritika Letterarja* b'introduzzjoni ta' Dr. John Bugeja, LL.D., l-editur ta' *Il-Berqa*. Dik il-ħabta Karmenu kellu sitta u għoxrin sena. Meta fil-11 ta' Frar, id-Direttur wieġbu li ma kienx fadal flus u t-talba tiegħu ma setgħetx tiġi kkunsidrata qabel sena finanzjarja oħra, Karmenu reġa' kitiblu, did-darba bil-Malti.

13.2.1939
Musarum Aedes
Siġġiewi

Sur Direttur,

Ġimgħa ilu kont bgħattlek ittra bl-Ingliż fejn tlabtek tkun hekk ħanin u hekk qalbek tajba miegħi li tweżinni xi ħaġa biex inkun nista' noħroġ għad-dawl il-ktieb tiegħi ta' kritika letterarja mgħammed *Alla taż-Żgħażagħ*.

Aħfirli u agħdirni jekk illum ser intennilek bil-Malti kulma ktibtlek dak in-nhar bl-Ingliż.

Jien ma fhimtx nitolbok tagħtini somma ta' flus minn butek. Le. Biss ridt infissirlek li hi x-xewqa tiegħi li tidħol għalija Int – kif kont għamilt miegħi meta jien ħriġt l-ewwel ktieb tiegħi ta' poeżija *Nirien* u titlob lill-Gvern jagħtini somma żgħira ta' flus hu.

Jien naf li Int bniedem awtorevoli ħafna u kelmtek tiswa u tgħodd mhux ftit; u Inti, naħseb, taf ukoll li jien żagħżugħ fqir u li xejn ma nista' nidħol għal spejjeż kbar mingħajr l-għajnuna ta' ħaddieħor.

Mela, jekk jogħġbok, ħenn u idħol għalija Int; u agħtini tweġiba malli tkun tista' u malli jkun jogħġbok.

Niżżik ħajr bil-quddiem – Karmenu Vassallo.

# Karmenu Vassallo: ħabib sinċier u onest

*Ġużè Chetcuti*

AKTAR MINN nofs seklu! Daqshekk konna ilna nafu 'l xulxin jien u Karmenu Vassallo.

Ħamsin sena u fuqhom – wieħed jista' jaħseb tul din il-medda twila ta' snin kif jien u Karmenu qrajna qalb xulxin f'kull mument meta minn ruħna ħarġet il-poeżija daqqiet imbaqbqa bl-inkwiet li taf tagħti l-ħajja daqqiet imfawra bil-passjoni ta' mħabba nazzjonali, reliġjuża jew profana.

Kienet is-sena 1933 – forsi qabel ukoll – meta ltqajna l-ewwel darba mhux personalment imma permezz tal-poeżija f'*Il-Pronostku Malti*. Minn dik is-sena 'l hawn il-kuntatti tagħna ma qatgħu qatt. Anqas fis-snin tal-gwerra għax bqajna niktbu 'l xulxin u kienu diversi l-okkażjonijiet li ltqajna wkoll il-Belt meta hu kien jiġi mis-Siġġiewi għal xi laqgħa tal-Kunsill tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", u ma kinitx okkażjoni waħda meta stajna nħallu ħajjitna flimkien f'attakki mill-ajru waqt laqgħa tal-Kunsill. Okkażjoni minnhom meta waqa' t-Teatru Rjal. Hemm konna fix-xelter ta' taħt dak it-Teatru.

Il-ħbiberija tagħna kien hemm mument qasir li xxellfet imma xxellfet biex aktar issaħħet għax Karmenu kien il-bniedem b'qalb tad-deheb, qalila fir-rabja imma safja fl-imħabba u fir-rispett. Bħan-nar tat-tiben kien jikbes biex jintefa malajr. Dan kien kollu riżultat tal-personalità temperamentali li kellu.

Tant kellha r-rabta tagħna tkun hekk sħiħa li x-xorti laqqgħetna mhux biss fil-poeżija u fil-ġlieda tagħna għat-tisħiħ ta' l-Ilsien Malti imma wkoll bħala għalliema fil-Liċeo u eżaminaturi diversi drabi f'eżamijiet tal-Malti ta' l-iskrivani taċ-Ċivil u ta' l-ispetturi tal-Pulizija.

Karmenu kien sinċier fil-veru sens tal-kelma. Kien żbukkat, dak li jħoss igħidu, jekk abjad abjad, jekk iswed ma joqgħodx jinħeba wara sebgħu u jgħidlek li hu abjad: igħid ċar u tond li ma għoġbux.

M'għandix il-ħsieb noqgħod nikteb u nfaħħar il-kwalitajiet letterarji għolja ta' Karmenu Vassallo. Dak għamluh oħrajn, u b'ħila mhux żgħira kitbu dwaru l-Professur Aquilina, Dr. Oliver Friggieri u l-Imħallef Wallace Gulia. Anqas ma rrid nitkellem dwar il-karattru simpatiku, għalkemm temperamentali, li kellu li kont tħossu jiġbdek bis-sempliċità u bl-onestà tiegħu. Imma dwar karatteristika rari li f'qalbu kienet hekk faċli u hekk qawwija: is-sinċerità. Għax kien sinċier u onest li darba l-ħbiberija tagħna xxellfet ftit, kif ġà għedt. Dan jikkonfermawh żewġ ittri li kitibli u li rnexxieli nsib fost ħafna ittri oħra; żewġ ittri li ma dehrux fil-ktieb ferm interessanti "*Għażiż Karmenu* . . ." Inkitbu b'distanza żgħira ta' erba' xhur bejniethom u juru ċar kif il-qalb ta' Karmenu taf tinbidel fil-mument li tħossha trid tgħajjat meta tkun imweġġgħa u taf tinsa qisu qatt ma kien xejn u togħla m'ogħla s-sema bil-ferħ ta' tifel żgħir. Inħoss li dawn l-ittri għad jitqiegħdu

bħala eżempju tal-karattru flessibbli fil-bijografija tal-ħajja mħabbta ta' Karmenu Vassallo.

Karmenu kien ħabib sinċier u onest. Ukoll mis-sodda li fiha għamel snin twal marid kien iċempilli sikwit, u meta ħriġt il-ktieb *Stilistika Maltija u Movimenti Letterarji oħra* tant entużjażma ruħu bil-ktieb li kiteb reċensjoni fit-tul meta għalih il-kitba kienet saret uġigħ u tbatija.*

L-aħħar ktieb li bgħattlu u li għoġbu ferm kien id-dramm *1919*. Laqat is-sentimenti tiegħu ta' bniedem li bħall-karattri tad-dramm ġarrab il-faqar u sfida l-umanità li ħaqritu. Ma lħaqtx bgħattlu l-aħħar ktieb tiegħi *Qabel Telgħet ix-Xemx*. Kien laħaq miet ftit ġranet qabel ippubblikajtu.

L-aħħar ċempila tiegħu kienet sewwa sew ġimgħa qabel miet. Domna nitkellmu kważi siegħa fuq it-telefon fuq kotba u fuq ħbieb kittieba. Moħħu kien ċar, kliemu sod, ma kontx tgħid li kien ta' bniedem li l-Mewt kienet diġà qed tistennieh wara l-bieb.

Għalija Karmenu jibqa' eżempju dejjem ħaj ta' sinċerità u onestà.

* Ara reċensjoni *infra*.

Karmenu Vassallo, bħala Fra Tumas, flimkien ma' membri reliġjużi oħra tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl fl-Imdina waqt in-novizzjat.



# Karmenu Vassallo

***Anton Agius Muscat***

KARMENU VASSALLO daħal igħallem il-Malti ġewwa l-Liċeo, il-Belt, meta jiena kont fil-"Quarta". Għadni nġibu quddiem għajnejja fl-ewwel jum li ġie għandna fil-klassi.[1]

Kien żmien meta l-Liċeo kien ifisser xi ħaġa, kemm jekk tkun student u kemm jekk tgħallem fih. Kien ukoll żmien meta tkun poeta magħruf fl-ilsien Malti u membru akkademiku ta' l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" ifisser daqqa ta' id ġmielha ħalli tara xewqtek isseħħ jekk trid tidħol tgħallem il-Malti.

Mhux biss K. Vassallo kien laħaq għamel isem bħala poeta tajjeb, minkejja t-tikketta li tawh bħala "poeta tan-nirien" u xi daqqa ta' għajn minn taħt ukoll bħala 'pessimist' a la Leopardi, talli kellu maħżun f'moħħu paragrafu b'paragrafu t-*Tagħlim fuq il-Kitba Maltija* ta' A. Cremona, u kien jikkwota r-regoli waħda f'waħda, bin-numru b'kollox, barra wkoll il-paġna tal-ktieb, xi daqqiet!

Hekk kif daħal fil-klassi, ta' żgħażagħ li konna, bla għaqal imma bla ħjiena wkoll, tbissimna xi ftit għad-dehra tiegħu kif rajnieh ftit imgerrex fid-daħla tal-kamra u mal-ħarsa ftit u xejn suspettuża tiegħu lejna huwa u tiela' fuq il-katedra. Qalilna li huwa Poeta u Kunsillier tal-Poplu. Aħbar bħal din qajla qanqlet fina xi bukkett kliem ta' ġieh jew ħarrkitna għal sens ta' xi rispett speċjali aqwa minn dak jixraq lil xi *Lyceum Master* ieħor. Wisq anqas meta beda jfendi kliem bil-Latin u jikkwota siltiet sħaħ mill-oriġinal ta' poeti klassiċi Taljani. Jekk dak in-nhar ma stajniex nitgħallmu wisq Malti imma ltqajna ma' bniedem minn tagħna għall-aħħar u li bdejna nifhmuh xi ftit wara li għadda ż-żmien.

Meta kbirna minn jeddna konna mmorru fuqu meta narawh fit-triq, nifirħu bih, u ngħidulu li l-poeżija tiegħu togħġobna. Aktar minn hekk, il-personalità tiegħu kellha kwalità turi mill-ewwel li Karmenu Vassallo huwa bniedem qalbu f'idu u fommu jrodd dak li fiha qalbu.

Dak li K. Vassallo ħabbrilna u saħaq fuqu meta rana f'dik il-klassi tal-Liċeo bħala li huwa Poeta, ma kienx xi tagħrif bla tifsir. Għalina, dak in-nhar, jista' jkun ftit li xejn. Għalih, madanakollu, ħafna u ħafna.

Il-kelma, Poeta, għalih fissret toqol daqskemm dak kollu li Poeta jista' jiftaħar bih: "Int wild poeta minn ġuf omm . . ."[2] Kien jistenna u jrid min jifhmu bħala

1. Il-ħsieb ta' dil-kitba huwa aktar milli naghti "tifkiriet" għall-istorja. Il-Liċeo fis-sitt snin li għaddejt fih kien għadu jtiegħem mit-tradizzjoni ta' għażla ta' snin twal. Ġewwa l-Ħamrun, fil-bini ta' żewġ sulari ma' dahar l-arja u l-bini li kien l-Istazzjon tal-Ferrovija, kien hemm il-klassijiet, Prejjem, Sekondi u Triezi. Wara konna ngħaddu ħalli nattendu l-Kwarta, il-Kwinta u s-Sesta fil-bini tal-Liċeo l-'Qadim', il-Belt. Wisa' biżżejjed għal kulħadd ma kienx hemm, tant li kellhom jagħmlu klassijiet fid-dar biswit il-bieb ta' l-Università fi Triq San Pawl.
2. Il-ftuħ tal-poeżija, 'Lil Ibni Oliver Paul': *Il-Malti*, 1944.

bniedem sensittiv kemm għal egħmil il-bnedmin ħutu u kemm għal dak kollu li jgħaddi mingħalih.

Mhux ta' b'xejn fejn joqgħod bid-dar kien tahom l-isem, 'Aedes Musarum' u 'Pulvis et Umbra'.

Kien maqbud fil-paradoss ta' dak li huwa dejjiemi u ma jinqeridx, għal dak li jintemm u tfittxu u ma ssib xejn fih!

Deher fix-'xena letterarja' Maltija tal-1930 u fl-1938 bl-antoloġija tiegħu, *Nirien*. Malajr waħħlulu t-tikketta "pessimist" u rawlu xebh ma' Leopardi. Bejn ħa pjaċir li l-versi qanqlu tranja u bejn ma ħax meta ra li għaġġlu ttimbrawh "pessimist".

Kull meta tkellimt miegħu kien iħaqqaqli kemm-il darba fuq kemm iħoss sħiħ fir-ruħ tiegħu t-taqbida ħalli s-sewwa jgħix u ħsiebu mtaqqal minn dak kollu li ma jaqbilx ma' dal-ħsieb. Għalih it-tajjeb jew il-ħażin mhux ħsieb fil-moħħ imma jgħix personifikat fil-ħajja ta' kuljum.[3]

Ma kienx isib il-ħajja ta' kuljum xi ħaġa ħafifa. Irqiq miegħu nnifsu, jaf ireqqeq ukoll, bla ma jrid, ma' ħaddieħor. Mhux għaġeb kien isib ħajtu mtaqqla bi ħsibijiet, aktar u aktar għax qalbu f'idu.

Sab il-wens tiegħu fis-Siġġiewi, raħal twelidu. Meta niżel joqgħod il-Marsa fi Triq Zerafa, bħallikieku ma ħassux f'siktu. Kien qisu ħuta barra mill-ilma. Baqa' baqa' sa ma raġa' lura s-Siġġiewi. Kien itarrafli kemm man-nies tas-Siġġiewi jħossu f'daru magħhom. L-aħħar indirizz tiegħu hemm kien: "Pulvis et Umbra", Triq Ħal Xluq.

Kemm u kif kienet tgħix ir-rabta tiegħu ma' bnedmin oħra huwa ħsieb importanti ħalli nifhmu l-ġabra ta' ittri li bagħtulu fl-antoloġija, *"Għażiż Karmenu . . ."*[4]

Huwa u jitkellem kien joqgħod b'seba' għajnejn xi jgħid għax ma kienx irid jirgħex lil dak li jkun. Kellu ċerta xeħta meta jkun f'ġemgħa nies u jqum igħid tiegħu. Kellu ċerta karatteristika persunali kemm għal dik li hi għażla tal-kelma Maltija u kemm għal kif ilissinha.[5] Meta f'xi dibattitu jqum jitkellem, kelmtu tolqtok. Għal xi żmien niftakru jattendi l-laqgħat tal-kunsill tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (Akkademja tal-Malti).

K. Vassallo fl-ittri tiegħu ma kienx joqgħod lura jikteb ħsibijietu kif jiġuh dak il-ħin, għalkemm il-prudenza ftit li xejn jonqosha. Ingħid li l-ittri tiegħu huma għajn ta' tagħrif mill-aqwa kemm fuqu nnifsu u kemm fuq ħaddieħor.

Ta' min iżid, għall-istorja, li l-gazzetta *Ix-Xewka* ġie li kienet tinqeda

3. Fihom it-tifsir tagħhom l-ismijiet li K.V. kien jagħżel għall-antoloġiji tiegħu, bħal, *Ħamiem u Sriep*. K.V. kien poeta jaħseb u jqis mitt darba qabel iħożż kelma.
4. Pubblikazzjoni Gulf, 1982.
5. Hija tassew ħasra li l-programmi televiżivi *Ħarsa mill-Qrib* (1980/81) mid-dehra nqerdu. Programm minnhom kellu lil K.V. bħala protagonist. Kien l-aħħar dokument ta' meta K.V. kien għadu fuq saqajh. Fuq din is-serje ta' programmi televiżivi, li wara das-snin u li fihom mietu Karmenu Vassallo u Erin Serracino Inglott, għad irrid nagħti tagħrif relattiv għall-istorja, ladarba fi *Il-Malti* għad ma deher xejn, minkejja li kienet serje tippreżenta Imseħbin ta' l-Akkademja tal-Malti.

bil-psewdonomu 'Karmenu Wassallu' bħala firma ta' awtur ta' versi – u dawn, ġeneralment, kienu jkunu ta' sura aħjar mill-oħrajn fil-binja jew fl-importanza tas-suġġett. Il-qarrej, dak iż-żmien, bla ma jrid kien jitħajjar jiftakar fil-poeta K. Vassallo meta jara l-kliem "K.W.". Il-għażla tal-psewdonomu "K.W." kienet, aktarx, saru umoristika ta' rikonoxximent ta' kemm K. Vassallo kien magħruf, magħdud u meqjus bħala poeta ta' kolp.

K. Vassallo, wara li ħalla minn mal-Gvern, għażluh bħala membru tal-Bord taċ-Ċensura. Ġie li ltqajt miegħu qabel jew wara l-qadi ta' dmirijietu bħala ċensur tal-films. Bħal dejjem, kien jieħu x-xogħol fdat f'idejh bl-akbar serjetà. Kliemu kien jixhed.

Raġel b'sens qawwi ta' dak li huwa reliġjuż, Vassallo ħass it-talent tal-poeżija jaħkimlu ħajtu. Sab tfixkil fil-ħajja; sab ukoll min wennsu u għenu. Bniedem sensittiv u ta' qalb kbira, xtaq il-ġid lil għajru. Japprezza ħafna min jagħmillu l-ġid, daqstant ieħor iħoss fil-laħam il-ħaj il-weġgħa tat-tingiża. Wild ir-raħal Malti, aktarx ma kienx iħossu f'siktu qalb min jiddeletta b'sofistifikazzjoni beltija, imma għaraf jagħti lil Malta wirt poetiku sofistikat u mitqlu deheb. Wirt jixraqlu jkun aktar magħruf barra mix-xtut żgħar ta' Malta.



Waqt sessjoni tal-Kumitat tal-Kuntratti li tiegħu s-Sur Vassallo kien membru.



Karmenu Vassallo flimkien mal-membri tal-Kumitat tal-Kuntratti li tiegħu kien membru. Ritratt meħud fl-1979.

# 'Jekk . . .' ta' Karmenu Vassallo – Nota Stilistika

*Charles Briffa*

IL-LINGWA tippermetti bosta tipi ta' repetizzjoni formali[1] li spiss iqanqlu, speċjalment fl-arti, repetizzjonijiet f'livelli oħra. L-istilista jeħtieġlu l-għodda tal-lingwistika mhux biex joħroġ nomenklatura twila bħalma kien isir fir-retorika tradizzjonali, imma sabiex jifhem ir-realtajiet li biċċa artistika tpoġġilu quddiemu. L-arti hija konxja u fl-istruttura tinsab parti mill-messaġġ ta' l-artistà.[2] Hija tiffunzjona ġo kultura[3] u l-kontroll tal-messaġġ permezz ta' l-istruttura huwa indikattiv tal-ħakma li l-bniedem soċjali għandu fuq l-ambjent tiegħu.

B'repetizzjoni nifhem kopja eżatta ta' element (kelma, frażi jew sentenza) li ngħata qabel f'test. Jekk ikun hemm repetizzjoni parzjali jkollna paralleliżmu.[4] Ir-repetizzjoni tista' tmur kontra l-prinċipju ta' konċiżità fil-poeżija li fil-qosor tiftaħ intensità kbira. Iżda fl-użu emottiv tal-lingwa, b'mod partikolari fl-arti verbali, it-tennija ta' elementi ttella' stati ta' emozzjoni. Aktar milli tikxef faqar ta' riżorsi lingwistiċi, ir-repetizzjoni tpoġġi sentiment b'qawwa. Ir-repetizzjoni għal wieħed u tletin darba ta' ''jekk,'' fil-poeżija 'Jekk. . .' ta' Karmenu Vassallo, għandha l-elokwenza tagħha. ''Jekk'' timplika bidu ta' twissija, u twissija jista' joffriha l-imġarrab (f'dan il-każ, il-poeta li hu l-ewwel persuna) lit-tieni persuna. Is-sensiela ta' twissijiet għalhekk tissuġġerixxi intensità emozzjonali li forsi għamlet żmien miżmuma – sentiment ikkalzrat itanbar fuq ħitan il-lingwa ħa jaħrab f'psikoloġija wiesgħa.[5]

Iżda r-repetizzjoni f''Jekk. . .' ma tinsabx biss fil-livell lessikali. Bħala kelma,

1. ''Formali'' hawnhekk qiegħda tintuża fis-sens tekniku. Dan l-istudju jagħraf it-tliet livelli ewlenin tal-lingwa skond kif imfissra mill-moviment Neo-Firthjan fl-Ingilterra: SUSTANZA (fonoloġija/grafoloġija) – FORMA (grammatika u lessiku) – SITWAZZJONI (semantika). Il-kategoriji jidħlu f'xulxin u din hi biss rappreżentazzjoni ġeneralizzata tal-kategoriji u wieħed jista' jikseb aktar dettalji f'M.A.K. Halliday: *Categories of the Theory of Grammar* (The Bobbs-Merrill Reprint Series in Language & Linguistics, New York 1961) p. 244.
2. Marshall McLuhan: *Understanding Media* (The New American Library, New York 1964) pp. 23–35.
3. V. Lowenfeld, W. Lambert Brittain: *Creative and Mental Growth* (Macmillan Publishing Co., New York, 1975) pp. 19–22.
4. G. N. Leech: *A Linguistic Guide to English Poetry* (Longman, London 1969) p. 77.
5. Dan il-kunċett spjegajtu f'aktar tul f'''Ir-Repetizzjoni fil-Poeżija ta' Mario F. Bezzina'' f'*In . . . Tagħna* (21/2/87).

"jekk" tintroduċi l-kondizzjonal ta' bixra possibbli li ssaħħaħ il-ħsieb li l-poeta huwa mġarrab – każ fejn l-istruttura sintattika ssaħħaħ l-istruttura semantika, il-forma tikkumplimenta l-kontenut, il-kitba tiġġenera t-tifsira. Allura, fuq il-livell sintattiku huwa l-kondizzjonal li huwa repetut għal wieħed u tletin darba f'għoxrin strofa. Lessikalment hija "jekk" biss li qiegħda mtennija. Għalhekk ir-repetizzjoni tal-kondizzjonal ixxaqleb għall-paralleliżmu. Il-mekkaniżmu tal-paralleliżmu jidħol f'forgrawnd lingwistiku[6] u jissawwar minn element kostanti (ir-repetizzjoni ta' l-istess kelma, f'dan il-każ) u element varjanti:[7]

i. Paralleliżmu = element kostanti + element varjanti (P = k + v)

Il-paralleliżmu verbali li fiha l-poeżija jissawwar b'repetizzjonijiet f'pożizzjonijiet ekwivalenti. Ir-repetizzjonijiet qegħdin fil-bidu ta' silta relevanti. Din is-silta tieħu xejriet prosodiċi differenti: daqqa vers jew tnejn u kultant strofa sħiħa. Ir-repetizzjoni tinħass fil-bidu ta' vers jew strofa u tagħti l-element kostanti, filwaqt li fil-kumplament hemm il-biċċa varjanti tas-silta. Jekk nanalizzaw daqsxejn l-istruttura lingwistika nkunu nistgħu nifhmu l-paralleliżmu sintattiku.

Fil-Malti l-mod kondizzjonal (K) li juri possibbiltà huwa magħmul minn protasis (jew kondizzjoni) u apodosis (jew riżultat tal-kondizzjoni) li l-għaqda strutturali tagħhom tista' tkun waħda minn dawn:[8]

a. protasis + apodosis (p + a) –
*Jekk tidħol fil-ġlieda,*
*Taqlagħha bis-sħiħ.*

b. apodosis + protasis (a + p) –
*Warajk jiġu jnemmsu*
*jekk toħroġ fit-triq.*

Biex nissimplifikaw l-argument nippreżenta din is-sekwenza:[9]

$$\text{ii.}\quad K \rightarrow \begin{Bmatrix} p + a \\ a + p \end{Bmatrix}$$

U biex nevitaw aktar komplikazzjoni grammatikali nieqaf hawn fir-regola

6. Ara: Oliver Friggieri: *L-Idea tal-Letteratura* (Pubblikazzjoni Bugelli, Malta 1986) pp. 37–40, għal tifsira sħiħa ta' l-idea tal-forgrawnding letterarju.
7. Leech *op. cit.*, p. 67.
8. G. Aquilina: *The Structure of Maltese* (The Royal University of Malta, 1959) pp. 332–333.
9. Dan ifisser li l-kondizzjonal (K) jista' jiġi espress bl-alternattivi (imfissra bil-brekits imgħawġin) protasis (p) magħquda ma' (+) apodosis (a) jew apodosis magħquda ma' protasis.

ġenerattiva tal-kondizzjonal. Jekk issa nikkombinaw regola (i) ma' regola (ii) jista' jkollna din il-figura:




li turi li l-element varjabbli ħiereġ kemm mill-protasis u kemm mill-apodosis fiż-żewġ alternattivi.

Tradizzjonalment meta l-element kostanti jaħbat fil-bidu bħalma hu fil-kondizzjonal permezz ta' "jekk" jissejjaħ anafora. Hekk ir-repetizzjoni ta' kelma, "jekk," hija akkompanjata bir-repetizzjoni ta' struttura sintattika, il-kondizzjonal, li minħabba r-regoli tal-binja fil-Malti ssawret anafora. Għaldaqstant il-paralleliżmu verbali huwa interkonness ma' dak sintattiku, u ma nistgħux nifirdu 'l wieħed mill-ieħor.

Il-poeżija hija magħmula minn 26 struttura fuq il-mudell (p + a) u ħames strutturi (a + p). Jiġifieri l-pattern qed jiġi interrott u l-paralleliżmu jitwaqqaf għal ftit, imbagħad jerġa' jissokta u jerġa' jitwaqqaf u jibqa' sejjer hekk sa l-aħħar. Dan it-tfixkil fil-pattern tal-paralleliżmu, aktar milli huwa nuqqas, iwaqqaf il-formalità tad-diskors biex jagħti aktar stħajjil ta' espressjoni ġenwina ta' sentiment. F'dan it-tbandil mill-paralleliżmu għat-twaqqif u lura jidhru l-burdati tal-poeta.

'Jekk. . .' hija mnebbħa mill-poeżija memorabbli 'If. . .' ta' Rudyard Kipling li tinsab fil-pubblikazzjoni tiegħu *Rewards and Fairies* (1910). Din il-poeżija Ingliża hija pożittiva ħafna tant li hemm ġrajja li tgħid li ġeneral Ingliż, hu u jirrakkonta fuq l-esperjenzi tiegħu tal-gwerra, kultant kien ikollu xi jiem meta l-ħajja kienet tidher qiegħda tingħax għalxejn. F'mumenti ta' dwejjaq bħal dawn, dan il-ġeneral kien joħroġ mill-but kopja mgħaffġa ta' 'If. . .' u joqgħod jaqraha u jixtarrha. Kien iħobb jaqraha aktar minn darba u l-ħajja kienet tieħu tifsir ieħor. Tant kienet taħjih li kien bagħat għal qabda kopji tal-poeżija sabiex kull meta jiltaqa' ma' xi suldat iddisprat kien jagħtih kopja ħa jsib il-konsolazzjoni tiegħu.[10]

10. A. Mee ed.: *The Children's Encyclopedia* (The Educational Book Co. Ltd., London) Vol. IX, p. 6285.

Il-ħsieb ta' Kipling kien li permezz ta' sensiela ta' "jekkijiet" mimlijin bi sfortuni għall-individwu u mqegħdin f'paralleliżmu sintattiku joħroġ mudell li fuqu tista' tfassal is-sens ta' rġulija tiegħek:

> Yours is the Earth and everything that's in it,
> And – which is more – you'll be a Man, my son!

Din il-konklużjoni ta' Kipling għandha ton bil-wisq differenti minn dik ta' Vassallo:

> Jekk ħaj trid titqabad
> u titlef sa tmut,
> biex tirbaħ għal dejjem
> hemm biss it-Tebut!

Il-ħsieb huwa negattiv x'aktarx imqanqal mill-pessimiżmu li Vassallo huwa akkreditat li għandu. Il-poeta Malti jistqarr li dan il-pessimiżmu jżommu marbut mar-realtà tal-ħajja, b'saqajh dejjem ma' l-art. Huwa pessimiżmu, igħid Vassallo, "*li ma ħriġtx bih biex ningħażel minn poeti oħra Maltin, imma għannejtu għax nibbtuh u qanqluh fija ħsarati li, jekk ma ttaffewlix bih, ħallewli għallinqas b'riħtu rasi flokha.*"[11]

Hawn hu l-imġarrab lest illi jwissi. Imma b'daqsxejn ta' tirqim ieħor naraw x'xejra tieħu t-twissija tal-poeta. Il-pattern ta' l-istress fil-prosodija Maltija jagħtina ħjiel. Il-vers tas-sitta fil-Malti huwa sillabiku aċċentwattiv għaliex fih pattern fir-regolarità kemm ta' l-għadd ta' sillabi u kemm ta' kwantità ta' aċċenti. Is-senarju ma hu xejn għajr paralleliżmu ritmiku:[12] tfassil ta' sillabi b'aċċenti ritmiċi f'suċċessjoni ma' oħrajn non-ritmiċi b'regolarità aktar minn dik meħtieġa fit-taħdit Malti ta' kuljum. Il-paralleliżmu fis-senarju jinsab fir-ritmu mhux fil-ħsejjes konsonantali jew vokaliċi, u għalhekk m'aħniex inqisu bħala repetizzjoni sħiħa. Nieħdu b'eżempju l-ewwel strofa ta' 'Jekk. . . ':

> Jekk tískot għax jáqbel,
> int b'ġífa tingħád;
> jekk féhmtek bla bíża'
> tfissírha, tinbágħ'd.

Il-forma aċċentwattiva hija regolari ħafna. Hemm ritmu perjodikali li jista' jnissel analoġija ma' ħbit il-qalb fejn jitwettqu avvenimenti (f'dan il-każ, l-aċċenti ritmiċi) regolari fil-ħin. Fonoloġikament dan jissejjaħ isokroniżmu li hija kondizzjoni li tagħti tul indaqs lil xi elementi tal-prosodija. Fl-ewwel vers il-paralleliżmu bejn l-ewwel nofs u l-aħħar nofs – *Jekk tískot / għax jáqbel* – juri sew dan il-prinċipju

11. K. Vassallo: "Daħla għal Vrusi" f'*Tnemnim* (Empire Press, Malta, 1970), p. 26.
12. K. Vassallo: *Metrika Maltija* (Emporium, Malta 1967) pp. 15–16; O. Friggieri: *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* (PEG 1986) p. 50.

isokroniku permezz ta' l-enfasi fuq l-elementi ritmiċi stabbli tal-vers tas-sitta. Grafikament dan ir-ritmu parallel nindikawh hekk (X / X) + (X / X),[13] fejn ir-repetizzjoni ta' l-istess forma qed toħloq kondizzjoni li tagħti waqt uniformi fit-tħarrik tal-vers bħaċ-ċaqliq tal-pendlu jew bilanċ ta' arloġġ. Hija uniformità fir-rata ta' aċċenti ritmiċi. L-għelm tal-plass qiegħed juri l-lok ta' l-għaqda fil-katina metrika, imma rridu nuru rappreżentazzjoni oħra: (X / X) . . . (X / X) fejn it-tikek jindikaw il-pawsa meħtieġa f'nofs il-qies. Imma ma hijiex din il-pawsa li l-aktar tagħti l-proprjetà ta' paralleliżmu metriku minkejja li tippriserva l-pattern stabbli tas-senarju mingħajr ma nisthajluh biss tennija tal-vers tat-tlieta. Għaliex f'versi fejn din il-pawsa ma ssirx b'mod naturali, bħal f'*Jekk tkún twaj / jeb żéjjed*, xorta waħda jibqa' jeżisti l-mudell metriku (X / X) + (X / X). Il-proprjetà tal-paralleliżmu għadha hemm. Imma f'dan l-aħħar każ il-mudell grafiku jista' jintwera hekk: (X / [X) (X] / X).[14] Il-mudell ewlieni tagħna jiġbor sa issa żewġ patterns:

iii. (X / X) + (X / X) < (X / X) . . . (X / X)
(X / [X) (X] / X)

Din hija daqsxejn ta' varjazzjoni li l-effett tagħha ġenerali huwa li tnaqqas ħarira mill-monotonija tal-poeżija.

Varjazzjoni oħra tinħoloq bl-alternazzjoni ta' vers pjan ma' ieħor tronk. Dak li għidna sa issa japplika għall-pjan. It-tronk ukoll għandu l-mudell ewlieni (X / X) + (X /) li jiġbor fih żewġ patterns rappreżentati bil-versi, *int b'ġifa tingħad* u *m'għandekx għarbiel fin:*

iv. (X / X) + (X / ) < (X / X) . . . (X / )
(X / [X) (X] / )

It-tieni verżjoni twaqqa' l-pawsa lessikali tal-vers. Din il-varjazzjoni tagħti l-qawwa lill-paralleliżmu. Duplikazzjoni jew repetizzjoni eżatta ma tagħtix paralleliżmu, għax il-paralleliżmu jitlob elementi varjabbli fil-pattern: elementi li joħolqu kuntrast u li huma paralleli f'dak li għandu x'jaqsam mal-qagħda tal-mudell.

Jekk issa nieħdu strofa sħiħa biex naraw il-pattern ritmiku tagħha komplet ikollna struttura interessanti li nistgħu nissimbolizzawha hekk:[15]

13. X tfisser sillaba mingħajr aċċent ritmiku u (/) tfisser sillaba b'aċċent ritmiku. Il-brekits joħorġu aktar il-paralleliżmu tas-senarju, u l-plass juri l-għaqda bejn iż-żewġ nofsijiet.
14. Il-brekits kwadri jiġbru fihom kelma waħda.
15. Din ir-rappreżentazzjoni turi li l-paralleliżmu mhux minnu li huwa "marbut l-iżjed ma' repetizzjoni sintattika" (Friggieri: *L-Idea tal-Letteratura* p. 36). Il-paralleliżmu fil-letteratura Maltija nsibuh f'kull livell lingwistiku.

X / X X / X
X / X X /
X / X X / X
X / X X /

Il-forma (iii) talterna ma' (iv), u t-twaħħid taż-żewġ forom joħolqu l-paralleliżmu. It-twaħħid huwa mtenni fl-istess strofa. Imbagħad, billi din l-istruttura fonoloġika hija dduplikata għal għoxrin darba, għandna repetizzjoni. Hekk għandna:

a. paralleliżmu fis-senarju
b. paralleliżmu fit-twaħħid tal-pjan mat-tronk
ċ. paralleliżmu fit-tennija tat-twaħħid tal-pjan mat-tronk
d. repetizzjoni ta' l-istruttura ritmika ta' l-istrofa

Il-paralleliżmu fonoloġiku jispikka ħafna u jissaħħaħ bil-forma tar-rima mħaddma (a — b — ċ — b): rima mqabbża mit-tieni għar-raba' vers li billi huma tronki l-poeta jinqeda b'rimi maskili t-tul kollu. Skond din l-għamla tar-rima qiegħed jiġi mmarkat il-ħsieb. L-ewwel żewġt ivrus ġeneralment jiġbru idea sħiħa u t-tieni tnejn idea oħra li tipparallelizza (u kultant tikkumplimenta) 'l-ewwel waħda. Hekk ir-rima qiegħda taqsam l-istrofa fi tnejn, u l-linja tal-ħsieb fl-ewwel parti tidħol f'paralleliżmu mal-linja tal-ħsieb tat-tieni parti biex it-tnejn f'daqqa jwasslu l-filosofija tal-poeta. Barra minn hekk, nifhmu li repetizzjoni formali spiss tkarkar magħha repetizzjoni fonoloġika.

Ir-repetizzjoni ta' element tikkaġuna r-repetizzjoni tal-ħsejjes tiegħu, kemm il-fonemi segmentali u kemm dawk sopra-segmentali. Eku verbali jidwi b'eku fonoloġiku. U kollox jikkontribwixxi għas-sinfonija ta' l-iskema fonoloġika. Din l-iskema tagħti sens ta' repetizzjoni akustika. Donnha eku ħiereġ mil-lingwa letterarja. Bi skema, hawnhekk, qed nifhem mudell sustanzjali (fonoloġiku/grafoloġiku) jew formali (grammatiku jew/u lessikali). F'din l-iskema r-repetizzjonijiet jiġu fforgrawndjati għax jiddependu mill-espressjoni lingwistika li hija l-fonoloġija/grafoloġija u l-grammatika u l-lessiku, jiġifieri l-binja tal-wiċċ. Għalhekk il-paralleliżmu, ħiereġ mir-repetizzjoni, jidher bħala regolarità mhux devjazzjoni għaliex il-kreattività lingwistika flimkien ma' dik artistika tidħol fi skema ta' arranġamenti mhux tas-soltu li jwasslu preżentazzjoni qawwija u armonjuża ta' ideat.

Karmenu Vassallo dan ix-xogħol jirrepetih għal għoxrin strofa. Tmenin vers senarju mfasslin fuq il-mudelli li tkellimna fuqhom. U kull strofa tirrepeti l-istess filosofija: f'kulma tagħmel issib 'il min itellgħek il-ġenna u 'l min jitfgħek f'qiegħ ta' infern. Il-poeżija tidher donnha litanija sħiħa ta' tgergir għaliex kull ħaġa li hawn f'ħajjitna hija kollha mqanqla mill-istess: ħadd ma jaħsillek wiċċek biex

tkun aħjar minnu. Kull aspett minn ħajjitna huwa ħolqa f'kantaliena waħda. L-individwu ġeneralment jintrema jew għallanqas ma jitqiesx bil-potenzjalitajiet tiegħu kollha. Mhux dejjem tagħrfu s-soċjetà, mhux dejjem tapprezzah. L-individwu jitbandal minn riżq għal reżħa skond il-burdati soċjali. Il-mewt biss trid tagħtih rebħa fuq din il-ħakma li s-soċjetà għandha fuqu.

Il-kittieb iħossu insinjifikanti bħala individwu. Imma bħala poeta jinqeda bil-paralleliżmu ħa jixħet parodija fuq is-soċjetà. F'dan il-każ il-paralleliżmu huwa indispensabbli għall-proċess totali tal-komunikazzjoni poetika. Il-paralleliżmu f'din il-poeżija huwa evidenti u twil, forsi wkoll idejjaq xi daqsxejn speċjalment għaliex jista' joħloq distrazzjoni fil-komunikazzjoni. Iżda l-implikazzjoni tiżżerżaq ftit ftit malli nifhmu l-iskop tal-poeta. Għalkemm hemm għoxrin strofa kollha jagħtu aspetti ta' l-istess filosofija, kull aspett jidħol f'relazzjoni ta' ekwivalenza. Il-konnessjoni hija waħda ta' similarità bejn l-aspetti kollha. F'din is-sensiela ta' similaritajiet il-bniedem jidher mifni bil-ħsarat li l-kotra titfgħu fihom, tifgalu l-kapaċitajiet tiegħu u x'sens hemm f'ħajja bħal din? U l-konklużjoni li l-poeta jwassal lill-qarrej għaliha permezz tal-paralleliżmu twil (u l-qarrej forsi jasal għaliha qabel tmiem il-poeżija) hija ta' *aħjar mejjet tassew milli ħaj taparsi.*[16]

Jekk inneħħu r-repetizzjoni u l-paralleliżmu noħonqu bosta mill-valuri artistiċi tal-poeżija. Il-poeta qed jesprimi suġġett li laqtu ħafna. Laqtu għax fnieh u ħass li jrid jinfexx f'proċedura iterattiva bħal f'ritwal. Il-qarrej jisma' u jara r-repetizzjoni u l-paralleliżmu għax iż-żewġ elementi jtellgħu relazzjoni speċjali bejn espressjoni u kontenut: il-forma ta' barra tal-poeżija mhux biss qed tagħti l-implikazzjoni ta' ħsarat repetuti f'ħajja taparsi, iżda qed timita l-bixra attitudinali tagħha, tant li donna naraw u nisimgħu s-"sura" ta' l-ideat. L-espressjoni ttanbar il-kontenut: il-ħoss jimita s-sens. F'dan tinsab il-ġustifikazzjoni artistika għall-istruttura ta' *Jekk. . .*

16. Vassallo: *Tnemnim*, p. 27.



Karmenu Vassallo flimkien ma' xi għalliema tal-Liċeo fuq il-vapur t'Għawdex fil-vaganzi ta' l-Għid ta' l-1953.

Quddiem il-Knisja ta' Pinu f'Għawdex flimkien ma' għalliema oħra tal-Liċeo. Ritratt meħud fil vaganzi ta' l-Għid fl-1953.



# ‘‘Tqattagħhomx . . . Żommhom b’Tifkira’’

*Ġużè Cassar Pullicino*

## *Ittri u Poeżiji m’humiex magħrufa ta’ Karmenu Vassallo*

FLIMKIEN ma’ din il-kitba qegħdin inġibu, b’xi tagħrif u kummenti meħtieġa, (a) xi ittri li Karmenu Vassallo bagħat lil tlieta minn ħbiebu letterati jew li waslulu minn għandhom, (b) erba’ poeżiji bil-Malti m’humiex magħrufa, u (ċ) tagħrif dwar xi poeżiji tiegħu bit-Taljan.

Kull kittieb li, bħal Vassallo, jogħla ’l fuq mil-livell ordinarju jsir, wara mewtu, suġġett ta’ studji fuqu li jieħdu s-sura issa ta’ żjidiet ta’ tagħrif dwar ħajtu, issa ta’ tifkiriet minn bosta ħbieb li jkunu għożżewh jew ħadmu miegħu, kif ukoll ta’ ħruġ ta’ versi jew ittri oħra li baqgħu manuskritti jonkella ta’ kritika letterarja serja.

Jiena llum ngħodd ruħi ma’ dawk, li l-għadd tagħhom qiegħed jonqos, li jiftakru lil Karmenu Vassallo sa minn qabel l-aħħar Gwerra Dinjija. Jekk xi ħadd jistaqsini meta ltqajt miegħu l-ewwel darba, ngħid li ma niftakarx sewwa. Biss, dan kien żgur fl-1939. Sena qabel, fl-1938, Vassallo ħareġ l-ewwel ġabra tiegħu ta’ poeżiji, u minnufih beda jissemma bħala l-poeta tan-*Nirien*, barra li kien ukoll sar magħruf bħala l-editur tal-‘‘Paġna Letterarja’’ tal-ġurnal *Il-Berka* li fiha huwa ġie li kien ħareġ xi kitbiet tal-ħabib tiegħi Ġorġ Bonavia, li llum jafu kulħadd għall-ħidma tiegħu b’riżq l-emigranti Maltin fil-Kanada. F’dik il-ħabta wkoll jiena, u bħali Bonavia u Ġorġ Chetcuti, emigrant ieħor li baqa’ jħobb il-Malti fl-Awstralja, konna msieħbin fil-*Literary and Debating Society*’’ ta’ Bormla, li l-laqgħat tagħha kienu jsiru nhar ta’ Sibt wara nofsinhar fl-Iskola tal-Gvern t’hemmhekk. Dik is-Soċjetà kienet twettaq ħafna ħidmiet kulturali, fosthom dibattiti serji u taħditiet minn persunalitajiet magħrufa f’oqsma differenti f’Malta, bħalma kienu l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici, LL.D., u Erin Serraċino Inglott. Sibt minnhom, niftakar, kien ġie jkellimna Karmenu Vassallo fuq il-poeżija Maltija u, jekk ma kienx laqqagħni miegħu diġà Ġorġ Bonavia, dak in-nhar iltqajt miegħu żgur u kellimtu. Bqajt niftakar dan id-dettal għax fit-taħdita tiegħu Vassallo kien iċċita żewġ versi ta’ awturi differenti li, wara dawn is-snin kollha, għadhom friski f’moħħi daqs dak in-nhar li smajthom minn fommu. Dawn kienu: *Where there is no vision the people perish*, u l-vers l-ieħor: *National enthusiasm is the nursery of genius*.

Għall-ħabta ta’ nofs is-sena 1939 Vassallo żied issoda postu fil-qasam tal-Letteratura Maltija bil-ħruġ tat-tieni ktieb tiegħu *Alla taż-Żgħażagħ*, li kien milqugħ tajjeb fil-gazzetti u r-rivisti Maltin. F’qasir żmien Vassallo u jien sirna ħbieb sewwa, u kulfejn naraw ’il xulxin konna nieqfu nitkellmu fuq il-Malti. U kien sewwasew Vassallo li, fl-ewwel jiem ta’ Diċembru, 1939, waqt li konna mexjin flimkien fi Triq Irjali, il-Belt, lemaħ lil Ġużè Aquilina mal-bankina l-oħra tat-triq, u qalli biex naqsmu flimkien u introduċieni miegħu. Aquilina kien għadu kif wasal

lura minn Londra u meta, f'Jannar ta' l-1940, beda jagħti l-*lectures* fl-Università, jien kont fost l-ewwel studenti tiegħu tal-Malti.

Meta Vassallo ħalla minn ma' *Il-Berka* u beda jgħallem fil-Kulleġġ San Alwiġi f'Diċembru tal-1939, kif ukoll wara li bdiet il-gwerra ma' l-Italja f'Ġunju, 1940, sa ma nqabad bil-lieva nhar l-4 t'Awissu, 1941, jiena ma tantx bqajt naraħ. Iżda tul it-tliet snin li kien suldat konna niltaqgħu kull meta, kemm dam stazzjonat f'Sant'Iermu, kien jiġi biex jara lit-Tabib Ġużè Galea fl-Uffiċċju tas-Sanità, fejn kont naħdem jien ukoll, u jgħaddi għandi biex nitkellmu ftit. Dak kien żmien iswed ħafna, l-aktar għal bniedem tat-temperament ta' Karmenu, u jien kont nipprova nikkalmah u nagħmillu l-qalb. Għandu mnejn kien għalhekk li, 14-il jum wara li kiteb il-ballata traġika 'Il-Poeta u l-Kaptan' (26 ta' Nov. 1942), ispirata minn kif kien jittrattah ċertu Kaptan Vella,[1] Vassallo iddedikali waħda mill-poeżiji tiegħu 'Ġieh u Għajb', miktuba fl-10 ta' Diċembru, 1942.

Kmieni fl-1941 il-perjodiku *Malta Missjunarja* nieda Konkors Letterarju Missjunarju, u Karmenu ħa l-ewwel premju fit-taqsima tal-poeżija bil-versi tiegħu 'Tliet Allat' (13.II.1941). Meta ħarġu r-riżultati tal-Konkors jien kont ikkummentajt f'*Il-Berka* u għedt li "mill-poeżijiet li nkitbu dik ta' Karmenu Vassallo *Tliet Allat* tisboq bil-bosta lill-oħrajn, sewwa għal dik li hi sengħa u ħlewwa tal-versi, kif ukoll għas-sinċerità u t-tifsir tajjeb tal-ħsibijiet."[2]

Kien f'dak iż-żmien ukoll li Vassallo kiteb erbgħa mill-aqwa poeżiji tiegħu, jiġifieri: 'Lil Binti' (28.4.41) li dehret fil-ħarġa ta' *Il-Malti* ta' Ġunju, 1941, 'Lil Ibni Herman-Baruch' (8–10.10.42), fl-istess rivista ta' Marzu, 1943, 'Lil Marti' (23.11.42) f'*Leħen il-Malti* ta' Lulju–Diċembru, 1942, u 'Lil Ibni Oliver Paul' (6.II.44) f'*Il-Malti* ta' Marzu, 1944. Lili kienu għoġbuni ħafna dawk il-poeżiji, l-iżjed fosthom 'Lil Ibni Oliver Paul.' Niftakar li malli qrajt din il-poeżija kont ktibt lil Vassallo biex nifraħlu. L-ittra li bgħattlu, bid-data tal-11 ta' Marzu, 1944, tinqara fil-ktieb *Kwiekeb ta' Qalbi* (1944, pp. 145–6). Kont ktibt ukoll reċensjoni twila ġmielha ta' din it-tieni ġabra tal-poeżiji ta' Vassallo f'*Il-Malti* ta' Ġunju, 1945, u l-poeta kien irringrazzjani ħafna tagħha, forsi wisq iżjed milli kien jistħoqqli.

Sa fl-aħħar il-Gwerra spiċċat, u l-mogħdijiet tal-ħajja ħaduna fit-triqat differenti ta' xogħol u ta' ħidma, sakemm wara ħafna snin, bejn l-1959 u l-1965 Vassallo u jien sibna rwieħna naħdmu fl-istess Uffiċċju, fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni. Aħna lkoll f'dak l-Uffiċċju konna nqisuh bħala ħabib tal-qalb lil Karmenu, u konna nħossu li kellna magħna kollega mhux tas-soltu – għax poeta. Meta Dun Karm, il-poeta nazzjonali, miet nhar it-13 ta' Ottubru, 1961, l-għada konna għaddejna

1. K. VASSALLO, 'Self Portrait' (3), *Civilization*, No. 8, 1983, p. 223.
2. Ara 'Eku tal-Konkors Letterarju Missjunarju,' *Malta Missjunarja*, Għadd ta' Settembru, 1941, Nru. 9, pp. 156–157.

għal Karmenu, is-Siġġiewi, bil-karrozza ta' l-Uffiċċju u ġie magħna għall-quddiesa u l-funeral li saru fil-Knisja u fiċ-Ċimiterju ta' Ħaż-Żebbuġ.

Illum niftakar, u nfakkar, bi pjaċir illi fil-kariga li kelli, u għal xhur twal ukoll bħala Aġent Kap f'dak id-Dipartiment, jiena stajt inkun ta' xi għajnuna lil ħabibi, fost ħwejjeġ oħra fil-ħruġ tal-ktejjeb tiegħu *Mill-Art sas-Sema (kitbiet letterarji-reliġjużi)* fl-1960 mill-istess Dipartiment. Fis-sena ta' wara kelli okkażjoni wkoll nikteb studju "Karmenu Vassallo u l-Familja" li deher f'*Leħen il-Malti* (1961, pp. 21–27) – studju li Karmenu baqa' jsemmili b'sens esaġerat ta' gratitudni sa l-aħħar ta' ħajtu. Kien jimbarazzani meta, minkejja li għal ma nafx kemm-il darba insistejt miegħu biex isejjaħli b'ismi, huwa baqa' jindirizzani, jew jiktibli bis-"Sur."

Illum nista' ngħid ukoll kemm kien ta' għajnuna għalija Karmenu kull meta fl-Uffiċċju kien ikollna naqilbu għall-Malti, malajr malajr, diskorsi jew stqarrijiet importanti f'dawk is-snin – bħalma kienu d-Diskorsi tal-Budget jew tal-Ftuħ tal-Parlament, kif ukoll xandiriet u stqarrijiet ta' Ministri Ingliżi u ta' Delegazzjonijiet Maltin f'Londra dwar il-futur kostituzzjonali u l-għoti ta' l-Indipendenza lil Malta fl-1964. Biex inħaffu x-xogħol, konna nqassmu t-test bl-Ingliż bejn l-*iScriptwriters* u kulħadd jittraduċi l-biċċa tiegħu, imma mbagħad jiġi kollox għandi għall-aħħar limatura biex sa fejn huwa possibbli joħroġ bi stil u b'diċitura uniformi. Jiena kont insejjaħ lil Karmenu biex joqgħod miegħi għal dil-biċċa xogħol, u huwa kien jieħu gost meta nurih kemm napprezza l-għajnuna tiegħu.

F'April ta' l-1967, fuq stedina tiegħi, Vassallo bagħatli studju dwar "Ġużè Aquilina Poeta" għall-għadd speċjali ta' *Leħen il-Malti* li l-Għaqda tal-Malti (Università)" kellha ħsieb toħroġ dwar Aquilina, – studju li wara li nbidel il-ħsieb oriġinali sab postu u deher ma' oħrajn fil-ktieb tiegħi *Aquilina u l-Malti* (K.K.M. 1974).

Wara li rtira bil-pensjoni fl-4 ta' Settembru, 1968 Vassallo u jien ma bqajniex naraw 'il xulxin ta' sikwit. Niftakar li rajtu żgur, u fraħtlu, meta nhar it-12 ta' Frar, 1972, huwa ngħata l-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi". Tlitt ijiem wara, 15 tax-xahar, bagħat jirringrazzjani, u fuq il-biljett kitibli: "nżżik ħajr tassew minn qiegħ [qalbi] talli għoġbok tifraħli għall-Medalja "Ġ.M.A." li għoġobhom jagħtuni u talli dejjem kellek l-isbaħ u l-oħla kliem għalija . . ."

L-aħħar darba li ltqajna u kellimtu kien f'raħal twelidu, is-Siġġiewi, nhar il-Ħadd 4 ta' Ottubru, 1981, meta huwa kien għamel diskors sabiħ ħafna ta' l-okkażjoni fiċ-ċerimonja tal-kxif ta' lapida b'ġieħ Patri Ġużè Delia mill-President tar-Repubblika Dr. Anton Buttigieg, li kienet organizzata mill-Għaqda Kulturali Siġġiewi.

Wara dan konna ta' sikwit nitkellmu fuq it-telefon, inżommu kuntatt bejnietna b'telefonati aktarx twal. Kultant kien jiktibli u jien kont inwiegħbu bil-kitba wkoll; jonkella jibgħatli, biex inżommu b'tifkira, tagħrif personali jew l-abbozz oriġinali ta' xi poeżiji tiegħu li, flimkien mal-korrispondenza, qiegħed noħroġ hawnhekk

fl-Appendiċi A, B u Ċ biex jiswew għal studjużi oħra li jkunu jridu jiktbu iżjed dwar il-poeta Karmenu Vassallo.

## *A. Xi Ittri ta' Karmenu Vassallo*

Ħafna qarrejja kienu impressjonati meta, fl-1982, dehret bl-isem *Għażiż Karmenu* ġabra ta' 446 ittra magħżulin minn numru akbar ta' ittri mibgħuta lil Karmenu Vassallo. U kienu impressjonati bir-raġun għaliex ittri bħal dawk jiswew, fost ħwejjeġ oħra, biex għada pitgħada kittieb bħal Vassallo jista' jkun studjat kif imissu.

Madankollu, kien hemm ukoll min qal illi dik il-ġabra kienet turi naħa waħda biss għaliex bosta drabi ma kienx fiha wkoll l-ittri miktubin minn Vassallo ħalli nkunu nafu l-istorja kollha.

Karmenu Vassallo għandu mnejn kien żamm u rafa' l-kopji ta' l-ittri li huwa kiteb tul il-medda twila ta' ħajtu, u jekk inhu hekk dak li ma setax isir fl-1982 għad jista' jindaħal għalih xi ħadd biex joħroġ volum ieħor ta' ittri mibgħuta minn Vassallo lill-korrispondenti tiegħu – ħbieb letterati u m'humiex. Forsi għadu kmieni wisq biex nistennew li dan iseħħ, iżda żgur li m'huwiex kmieni biex tibda tintwera l-ħtieġa li min għandu xi ittri tiegħu manuskritti – u fil-biċċa l-kbira Vassallo kien jikteb bil-pinna, mhux jittajpja l-ittri – iżommhom u jiġborhom ħalli biż-żmien tkun tista' ssir il-ġabra sħiħa li semmejna.

Biex nagħtu bidu għat-twettiq ta' dan, qegħdin inġibu hawnhekk xi ittri ta' Vassallo li jinsabu f'idejna. Waħda minnhom għaddihielna huwa nnifsu ftit żmien qabel mewtu, u l-oħrajn jew kienu fdati f'idejna mill-werrieta tal-mibki Ninu Cremona jonkella kien bagħathomlna Vassallo bejn l-1981 u l-1987. Fejn nistgħu, ma' l-ittra mibgħuta minn Vassallo nġibu wkoll it-tweġiba li waslitlu u li ma tinqarax fil-ktieb *Għażiż Karmenu*.

Kelma fil-qosor dwar l-epistolarju bejn Vassallo u Cremona. Minbarra s-siwi intrinsiku tagħhom, dawn l-ittri għandhom interess ieħor partikulari, marbut maż-żmien ta' bejn l-4 t'Awissu, 1941, u t-12 ta' Ottubru, 1944, li fih il-poeta kien suldat maqbud bil-lieva fil-K.O.M.R. Huwa magħruf biżżejjed l-effett psikoloġiku ta' dan il-perjodu ta' servizz militari li fih il-poeta ħassu "vittma ta' umiljazzjonijiet kbar u tbatijiet ħorox" (ara *kwiekeb ta' Qalbi*, 1944, p. 9). Dak li ma tantx huwa magħruf hu li kien Ninu Cremona li tħabat u rsista biex Vassallo joħroġ minn suldat. Tmintax-il sena wara, fl-ittra tiegħu tas-27 ta' Novembru, 1962 miġjuba fil-ktieb *Għażiż Karmenu*, (pp. 195–6) Cremona għarraf lil Vassallo kif kienet il-biċċa u qallu:

> ". . . niftakar, riedu jqabbdu lili [nara l-abbozzi fil-kodifikazzjoni tal-liġijiet fi żmien il-gwerra] filwaqt li kont impenjat fl-Uffiċċju tal-Biedja bħala traduttur tal-*broadcasts*

ta' esperti Ingliżi u kont *de facto* Editur ta' *Il-Bidwi*, u Hurst ma riedx jitlaqni minn idejh. Talbuni nirrikkmandalhom lil xi ħadd floki u rrikkmandajtilhom lilek, meta kont għadek suldat, iżda ma ridux jisimgħu mħabba l-*lieva*. Għidtilhom ikollkom toħorġuh minn suldat "għax *ma hawn ħadd* li hu kapaċi ħliefu *din l-epoka* li jista' jaqdikom fir-reviżjoni tal-abbozzi ta' l-istampa." U fl-aħħar ħarġuk, kif taf tajjeb. Qed ngħidhulek dan mhux biex niftaħar, imma ġiet ix-xoqqa f'moxtha, u għidthielek, għax forsi int ma kontx taf is-sehem li kelli fiha dil-ħaġa. Jien illum inħoss soddisfazzjoni kbira, l-ewwelnett għax l-iskop tiegħi serva ta' ġid lilek, it-tieni għax ħriġtni ta' raġel fir-rikkmandazzjoni tiegħi lis-Sur Camilleri li kellu dik il-ħabta dan l-inkariku, is-Segreterija, qabel ma sar Dwanier. . . ."

Fid-dawl ta' dan għandu mnejn jiftiehem aħjar is-sens ta' rispett kbir li Vassallo kellu lejn Cremona, kif jidher l-iktar mill-korrispondenza ta' bejniethom mill-1959 'il quddiem.

### 1. Lil Ġużè Aquilina[1]

24/7/29

Għażiż Professur,

Bgħattlek kopja tal-*Berka* fejn għandek issib *Paġna Letterarja* sħiħa u biċċa oħra magħha fuq is-Salm "Miserere" tiegħek. Nittama li l-artiklu, jekk mhux wisq, ftit jogħġbok żgur.

Għandi ngħarrfek li nhar il-Ħadd li għadda, 23 ta' Lulju, 1939, wara nofs in-nhar, il-Banda *St. Nicholas* tas-Siġġiewi, li jiena Viċi-President tagħha, marret iddoqq f'Sannat ta' Għawdex, raħal twelidek, għall-għid ta' Santa Margerita. Jien u xi 200 ruħ oħra mis-Siġġiewi morna mal-Banda. Nifraħ ngħidlek li Sannat għoġobni bla tarf. Mhux ta' b'xejn ħareġ minn Sannat dak il-'ġenju' ta' Ġużè Aquilina! Emminni: raħal twelidek ġibidni u seraqni sħiħ. Tgħid, għax ħabibi Aquilina ħalla xi xbiha tiegħu minquxa fih?!?

Saħħa wisq

K. Vassallo

### 2. Lil Ninu Cremona[2]

42-43, Sda. Parrocchiale, Siġġiewi
28-XI-1937

Għażiż Sur Nin,

Qis, jekk jogħġbok, li ma tonqosx taslilna wasla nhar il-Ħadd li ġej flimkien mas-Sur Chetcuti jew waħdek, kif trid. Jekk, imbagħad, tkun trid tiġi t-Tnejn, nhar il-Għid ta' San Nikola, ejja wkoll: tant l-aħjar. Il-karrozzi tas-Siġġiewi miżbugħin sofor kollha

1. Din l-ittra bagħathieli Vassallo biex ngħożżha, nhar l-14 ta' Marzu, 1986, b'tifkira ta' egħluq sninu (ara l-ittra Nru. 18). F'Lulju 1939 Aquilina kien jinsab Londra.
2. It-tweġiba ta' Cremona għal din l-ittra, bid-data 7 ta' Diċembru 1937, tinqara fil-ktieb *Għażiż Karmenu* (ittra Nru. 33). Mill-ittra t'hawn fuq nafu li Vassallo kien iltaqa' l-ewwel darba ma' Cremona dakinhar stess li kitiblu, għalkemm kien ilu s-snin igħożż il-ħidma tiegħu. Ta' min ifakkar li xhur qabel, fl-istess sena, Cremona kien ikkommenta fit-tul dwar il-poeżija 'Ċaħda' li biha Vassallo rebaħ l-ewwel premju fil-Konkors ta' *Malta Missjunarja* ta' Mejju, 1937 (ara K. Vassallo, *Nirien*, 1938, p. 97).

bil-faxx aħmar. Jien bejn il-ħamsa u s-sitta ta' fil-għaxija jew qabel inkun nistenniekom ħdejn l-istatwa ta' Santa Margerita – bidu ta' Strada Parrocchiale.

Il-laqgħa li kelli miegħek u mal-bqija mlietli qalbi b'ferħ kbir u fetħitli quddiemi xefaq imdawwal ta' tamiet u ta' . . . glorja!

Għajnejja rawk dalgħodu, imma qalbi ilha tħobbok u tgħożżok is-snin!

Nixtieq u nittama li l-kobor tiegħek intellettwali ma jonqosx li jimla l-baħħ tax-xejn imsejken tiegħi.

Bil-qima kollha
Karmenu Vassallo

### 3. Oħra lil Ninu Cremona

Dar San Ġużepp, Ħamrun.
14-I-1938.

Għażiż Sur Nin,

Dalgħodu qrajt fit-*Times of Malta* l-ismijiet ta' dawk il-persuni barranin li ġew maħturin *Honorary Members* tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*. It-*Times* qalet li din għalihom hija '*well merited distinction*'. U qalet sewwa. Imma inti, ħabibi u mgħallmi Sur Nin, ma jidhirlekx li kieku qabel l-ismijiet tal-barranin ixxandru dawk tal-persuni ġewwiena kien ikun aħjar, kienet tkun ħaġa aktar flokha? S'issa għadu ħadd (ħliefna) ma jaf jekk sarux xi Membri Akkademiċi żgħażagħ, u jekk saru, min huma dawn. Għaldaqstant flok ktibt korrispondenza u bgħattha lil wieħed mill-ġurnali lokali, ħsibt u rajt li jkun aħjar li ngħarraf b'dan *lilek biss*, bħala ħabibi tal-qalb u bħala Dak li tista' tgħidlu: *Intelligenti pauca*. U Inti issa tifhem li jaqbel għal darba darbtejn li xi ħadd minnkom il-kbar[1] igħarraf u jxandar f'xi ġurnal lokali l-ismijiet ta' dawk li ġew maħturin ġodda fil-'Għaqda'.

U jekk b'dan kollu nqast f'xi ħaġa Lejk, nitolbok tagħdirni u taħfirli.

Kollni tiegħek,
Karmenu Vassallo

### 4. Oħra lil Ninu Cremona

214 Triq Zerafa, Marsa.
22 ta' Diċembru, 1954.

Għażiż Sur Nin,

L-ewwelnett il-Milied it-Tajjeb u Sena Ġdida mfawra b'kull barka u b'kull riżq.

Int kont diġà bgħattli Ċirkulari qabel din ta' l-aħħar. Ma weġibtekx għaliha għax dak in-nhar ma kontx f'qagħda li naqtagħlek xewqtek. U b'sogħba kbira tiegħi, lanqas

1. Fit-tweġiba tiegħu tas-17 ta' Jannar, 1938 Cremona fisser li t-*Times* kienet ħadet il-lista ta' nies barranin 'min ġurnal ieħor ta' l-Eġittu li ġieb dik il-lista għax *bagħathielu Ivo Muscat Azzopardi*, wieħed mill-istess Membri Onorarji'' (ara *Għażiż Karmenu*, ittra Nru. 34). Vassallo kien inħatar Membru Akkademiku tal-'Għaqda' nhar id-19 ta' Diċembru, 1937 flimkien ma' seba' kittieba oħra, i.e. Patri Wistin Born, O.P., Ġużè Chetcuti, Ġużè Diacono, M. Kissaun, Mary Meylak, Ġorġ Ransley, u Arthur Vassallo. Il-Membri Onorarji barranin li isimhom kien imxandar fit-*Times*, kif igħid Vassallo f'din l-ittra, kienu Rev. C. L. Dessoulavy, Ph.D., Ivo Muscat Azzopardi, P.L., Ant. G. Said, Laurent Ropa, u r-Rev. Ed. F. Sutcliffe (Ara l-lista tal-Membri tal-Għaqda mxandra f'*Il-Malti*, ħarġa ta' Diċembru, 1937, p. 132, u ħarġa ta' Marzu, 1948, p. 32.).

illum ma nista' noffri dik ix-xi ħaġa li l-'Għaqda' tagħna teħtieġ. Meta stajt nagħti, dejjem tajt. Imma minn xi żmien 'l hawn raġa' waqa' fuqi u fuq il-familja daqsxejn tal-għaks. Jien għandi mara u erbat itfal; u bis-salarju li għandi qajla nlaħħaq mal-ħtiġiet tal-ħajja ta' kull jum; aħseb u ara kemm nista' llaħħaq ma' nefqiet oħra.

Għall-informazzjoni tiegħek, għandi ngħidlek li fl-aħħar laqgħa li kellna tal-Kunsill ta' l-'Għaqda', kont issuġġerejt li l-'Għaqda' tagħna jmissha tagħmel dak li qegħdin jagħmlu Għaqdiet jew Xirkiet oħra letterarji, i.e. tagħti xi xandiriet minn fuq ir-*Rediffusion* li tagħhom tirċievi xi ħlas bħalma qegħdin jirċievu Għaqdiet oħra. Imma l-President qabeż qalli: 'L-Għaqda tagħna mhix Għaqda *pekunjarja*'.

Is-sliem u l-barka.

Tiegħek,
K. Vassallo

**5. Tweġiba ta' Ninu Cremona**

53, By St. Ubaldesca's Str.,
Paula,
30/12/1954.

Għażiż Sur Karm,

Iċ-ċirkulari dwar il-kontribuzzjonijiet għall-ħlas tal-kera tad-Dar tal-Għaqda għas-sena 1955 intbagħtet lil kull Membru Akkademiku mingħajr ma wieħed qagħad iħares min jista' jew ma jistax jikkontribwixxi. Kienet tkun ħaġa kontra ċerta etiketta li kieku kelli nibgħat Ċirkulari lil dawk biss li skond ma jidhirli jistgħu jikkontribwixxu; għax wara kollox ħadd m'hu fil-but ta' ħadd. Tarġa', nista' ngħidlek mil-lista tal-kontributuri illi l-kontribuzzjoni ta' dawk li kont naħseb li ma jistgħux iħallsu tagħleb lil ta' dawk li kont naħseb li jistgħu jħallsu.

Wara kollox il-kontribuzzjoni m'hix ħaġa ta' bilfors; hija volontarja għal kollox, għalkemm wieħed għandu jistenna li kull membru għandu jagħmel daqsxejn ta' sagrifiċċju għall-ġid tal-Għaqda. Iżda mill-banda l-oħra wieħed m'għandux jistenna li jagħmel dan is-sagrifiċċju meta l-mezzi ma jippermettu b'xejn.

Is-suġġeriment tiegħek li jsiru trasmissjonijiet minn fuq ir-*Rediffusion* jiena kont diġà semmejtu lil Dr. Ġalea, u, biex ingħidlek, dan is-suġġeriment, wara li ktibt lill-President, iktarx sa jidher fl-Aġenda fl-ewwel Laqgħa tal-Kunsill.

Fil-waqt li nixtieqlek l-isbaħ riżq għas-Sena l-Ġdida,

Għoddni dejjem tiegħek,
Ninu

**6. Minn għand Ninu Cremona**[1]

*Privata*

53, Triq Wara Sant'Ubaldeska,
Raħal Ġdid,
7 ta' Jannar, 1959.

Ħabibi Karmenu,

Għalkemm, milli jidher, m'iniex magħruf u magħdud mill-Editur u fost il-qarrejja

1. Din l-ittra, li ma tinqarax fil-ġabra *Għażiż Karmenu*, kif ukoll it-tweġiba ta' Vassallo, f'ta' wara din, għandha x'taqsam maż-żmien li fih Vassallo kien jaħdem bħala *Scriptwriter* fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, fejn kien jithejja għall-ħruġ il-*Young Listener*, maħsub għat-tfal ta' l-iskejjel biex isegwu aħjar ix-xandiriet edukattivi li kienu jsiru għall-iskejjel. Vassallo kien jibgħat lil Cremona kopji tal-*Young Listener* (Ara *Għażiż Karmenu*, ittra Nru.178).

tal-*Young Listener* bħala wieħed mill-kwiekeb tal-Poeżija Maltija kif, milli jidher ukoll, tal-Proża Maltija, hawnhekk nibgħatlek xi versi li kienu diġà deħru band'oħra (f'ġurnal edukattiv) u li, kif għandi naħseb, jekk mhux wisq għandhom igħoddu *xi ftit* għal rivista ta' Tfal bħalma hi dik tal-*Young Listener*. Għalhekk, kif nittama, għandkom issibulhom daqsxejn ta' rokna; u dana mhux bit-tama li nkabbar ismi! għax ismi kiber u xjieħ biżżejjed, u b'din id-daqsxejn ta' poeżija mhu se jżid xejn warajh għall-ġenerazzjoni li tielgħa.

Ix-xjuħ bħali m'għandhomx ħajta f'ilsienhom. Għalhekk sa ngħidlek ħaġ'oħra. Min qed jikteb fil-*Young Listener* fuq il-Letteratura Maltija jidher illi l-biblijografija tiegħu hija nieqsa mhux ftit minn xi materji. Fost materjal ieħor, *Il-Qdumijiet Tagħna* (li m'hix imsemmija fl-elenku tal-poeżiji dwar *Il-Qedem*) kienet waħda mill-poeżiji l-iktar bikrija fuq it-tifkiriet arkejoloġiċi li jien kont ktibt fl-1916 (mat-42 sena ilu, meta l-awtur tal-*Ġgantija* naħseb li kien għadu fil-fisqija), jiġifieri meta b'*riħti* nkixef it-Tempju megalitiku ta' Ħal Tarxien, u li fuqu kont ktibt dil-poeżija deskrittiva, mitoloġika u folkloristika. Din il-poeżija mirquma b'xi noti tinsab fil-*Weraq mar-Riħ*, u għoġbu jdaħħalha (dnub mingħajr noti) Dr. Oliver Gulia f'*Mill-Ġnejna Maltija*.

Mill-bqija nsellimlek bil-qalb kollha, għax naf li wara kollox lilek il-lum nista' ngħoddok bħala wieħed li b'xi mod taf tiżen u tapprezza, u, għalhekk, nista' nagħżlek minn dawk li moħħhom għadu daqsxejn waħda moħor biex itiegħmu l-moħħ ta' ħaddieħor u ta' min hu ixjeħ minnhom fl-arti letterarja, u li kif jidher huma neqsin mis-sens kritiku.

Kollni tiegħek,
Ninu

**7. Lil Ninu Cremona**

Dipartiment ta' l-Informazzjoni,
24, Triq il-Merkanti, il-Belt.
16 ta' Jannar, 1959.

Għażiż Sur Nin,

L-ewwelnett niżżik ħajr għaż-żewġ ittri[1] li għoġbok tibgħatli – waħda uffiċjali u l-oħra ta' ħabib – kif ukoll għal kull ma fissirtli fihom bi kliem ċar u tond kif ħareġ safi minn qalbek, ta' poeta u letterat kbir li int.

Meta għedtli li m'għandekx ħajta f'ilsienek mhux talli ma darrastnix, imma talli aktar ġbidtni lejk. Naħseb li f'hekk jien qajla u xejn niġi warajk. Imm'issa, Sur Nin, nitolbok tħallini nfiehmek dak li int għandek imnejn ma bsartx bih.

Ibda biex, dawk li jiktbu fil-*Young Listener* fuq il-Letteratura Maltija huma aktar minn wieħed. Terġa', għad li jien magħdud magħhom, ma nagħmilx li rrid, li jogħġobni u jfettilli. U lanqas ħaddieħor. Kull *script* li joħroġ minn taħt idejna jrid igħaddi mill-għarbiel ta' żewġ *Vetting Boards*: wieħed ġewwieni, i.e. magħmul minn nies li jaħdmu miegħi, u ieħor barrani, i.e. dak maħtur mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Barra minn hekk, kull *script* jeħtieġ li ma jkunx fih materjal tqil jew iebes iżżejjed

1. Għalkemm hawn jissemmew żewġ ittri, dik 'uffiċjali' ma tinsabx mal-karti ta' Cremona li għandi f'idejja – Ġ.C.P.

għat-tfal ta' l-Iskejjel Primarji. Fl-aħħarnett, hawn fejn qed naħdem jien bħalissa ħadd m'hu sid assolut ta' dak li jikteb. Kollox jiġi mgħarbel bl-akbar reqqa, u kull *script* irid jogħġob mhux lil min ikun kitbu, imma lil dawk li jgħarbluh.

Dwar *Żmien il-Qedem* (L-Istorja fil-Letteratura) nixtieq sinċerament ngħarrfek li dak ma kienx xogħli. Lil min kitbu tarraftlu xi ħaġa dwar l-ilment tiegħek; u hu qalli li l-poeżija tiegħek 'Il-Qdumijiet Tagħna' sabuhielu iebsa u tqila wisq għat-tfal. Għalhekk, kontra qalbu, kellu jħalliha barra.

Haġ'oħra, Sur Nin. Kieku kellek tgħarbel sewwa l-kopji kollha tal-*Young Listener*, inti kont issib li ismek u xi siltiet mix-xogħlijiet tiegħek letterarji daħlu s'issa f'xi żewġ *scripts* u xxandru wkoll. Fix-xandira għall-klassijiet il-kbar ta' l-Iskejjel Primarji, "Poeti Ħbieb tan-Natura", li nstemgħet fit-18 t'Ottubru, 1957, fit-3.30 p.m., kien intqal fuqek dan li ġej:

> "Bħal Dun Karm, Ninu Cremona jsib il-għaxqa tiegħu qalb l-egħlieqi, it-tgeġwiġ ta' l-agħsafar, il-ħdura tas-siġar u tal-kappar, il-widien u s-srabat ta' l-ilma, id-dwieli mtaqqlin bil-għeneb, u l-liedna mxebilka mal-ħitan. Igħidilna dan il-poeta, kif ikun qalb il-għelieqi:
>
> Żerniq ta' sema ħiemed, geġwiġija
> ta' mitt għasfur ipespes fuq il-frieghi
> tas-siġar malli x-xemx troxx l-ewwel dija:
> blat għoli bil-kappar, fikom din qalbi
> issib il-faraġ u l-mistrieħ. . . ."

F'xandira oħra, dik dwar "Kittieba ta' Drammi", li nstemgħet f'Mejju, 1958, kien intqal fuqek dan:

> "Wieħed mill-aħjar kittieba ta' drammi letterarji bi Lsienna huwa Ninu Cremona. Id-dramm sabiħ tiegħu, *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, ġie stampat l-ewwel darba 22 sena ilu, fl-1936. Il-ġrajja li fuqha jinbena d-dramm hija dik ta' żmien l-Ispanjoli f'Malta . . ."

Nieqaf hawn għax ma jidhirlix li hemm għalfejn inġiblek f'din l-ittra l-bqija taż-żewġ faċċati *typewritten* li hemm fuqek.

U għal-lum ser inħallik hawn. Nittama li tajtek ftit tas-sodisfazzjon u li 'l quddiem ikollok, 'kk Alla jrid, sodisfazzjon akbar. Is-sliem u s-saħħa!

Tiegħek sal-mewt,
K. Vassallo

**8. Lil Ninu Cremona**[1]

"Pulvis et Umbra",
New School Street, Siġġiewi.
27 t'Awissu, 1959.

Għażiż Sur Nin,

Fl-aħħar waslet! Tinkurlax għalija. Naħliflek li San Pawl u jien LILEK nafuha din

1. Din hija tweġiba għall-ittra li biha Cremona nhar il-5 ta' Lulju, 1959 ħeġġeġ lil Vassallo biex jikteb poeżija biex tkun pubblikata ma' oħrajn minn għand membri tal-"Għaqda" fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji ta' San Pawl (ara *Għażiż Karmenu*, ittra Nru. 173). Il-versi ta' Vassallo dehru

il-poeżija. Kieku mhux għax sthajt minnek, daqskemm ħeġġiġtni bil-fomm u bil-pinna, din il-poeżija ma kont niktibha qatt.

Int għandek tkun taf, Sur Nin, li jien raġel marid: u l-marda tiegħi mhix waħda taċ-ċajt. Ħafna ma jemmnunix, jew jagħmlu ta' bi ruħhom ma jemmnunix, meta ngħidilhom hekk. Imma hekk hu, tabilħaqq. U għadd ġmielu ta' versi minn din il-poeżija ħsibthom fis-sodda tal-mard, ħażżiżthom fuqha, għasarthom mill-ħedla ta' ġismi u xarrabthom bid-dmugħ ġej mill-uġigħat.

Jien lilek dejjem ħabbejtek u ammirajtek għal bżulitek, għal ħiltek f'ħafna oqsma tal-Kitba Maltija sew b'Ilsienna u kemm b'oħrajn barranin, għall-ħidma lieżma tiegħek. Ta' dan tajtek prova ħajja b'wieħed mis-sunetti tiegħi dwarek li deher stampat fil-ktieb *Kwiekeb ta' Qalbi* (p. 93); u għad, 'kk Alla jrid, nagħtik provi oħra wkoll jekk int u jien nibqgħu ħajjin. Qed nalludi għall-ktieb, jew ktejjeb, *Il-Malti u Ħajr Ġmielu*, li fih int tissemma kif jistħoqqlok u jixraqlek tassew. Imma, taf int, mhux la kemm taqbad u tistampa biċċa xogħol daż-żmien!

Bit-tama, mela, li taħfirli talli, kontra qalbi, domt ma weġibt daqshekk għas-sejħa ħanina tiegħek, inselli minn qalbi għalik waqt li nixtieqlek għomor itwal imħenni bil-faraġ, bis-saħħa u bis-sliem. *Ave*!

K. Vassallo

**9. Oħra lil Ninu Cremona**[1]

9/5/1960

Sur Nin,

Qed nibgħatlek il-poeżija li ktibt b'tifkira ta' egħluq it-80 sena tiegħek, bit-tama li togħġbok xi ftit. Ma seħħlix nagħmel aħjar.

Din il-poeżija jien kont bgħattha lill-Professur Aquilina. Imma hu bagħathieli lura wara li jien għarraftu li kont bgħatt kopja oħra tagħha lis-Sur Chetcuti biex tidher f'għadd speċjali ta' *Il-Malti*.

Is-sliem, ir-riżq u s-saħħa.

Tiegħek,
Karmenu

**10. Lil Ġużè Cassar Pullicino**

"Pulvis et Umbra"
Triq Ħal Xluq, Siġġiewi.
26 t'Awissu, 1981.

Għażiż Sur Ġ.C.P.,

Billi meta ċempiltli xi jiem ilu semmejtli waħda mill-ftit poeżiji tiegħi bit-Taljan,

fil-ktieb li kien ħareġ stampat, bil-permess tal-Gvern, mill-Istamperija tal-Gvern li kienet taqa' taħt id-Dipartiment ta' l-Informazzjoni. Interessanti ħafna, f'din l-ittra, il-kliem ta' Vassallo dwar Cremona fit-tieni u t-tielet paragrafi. M'hux ċar liema hu l-ktieb *Il-Malti u Ħajr Ġmielu* li Vassallo jsemmi, jekk ma kienx l-ewwel tifsila tax-xogħol voluminuż *Vatum Consortium*, miktub bejn is-sajf tal-1963 u l-15 ta' Novembru, 1966!

1. Nhar is-Sibt, 4 ta' Ġunju, 1960 Ninu Cremona ngħata d-Dottorat tal-Letteratura (Honoris Causa) fl-*Aula Magna* ta' l-Università, u b'tifkira l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" kienet ħarġet Numru Speċjali ta' *Il-Malti* (Ġunju–Settembru, 1960) dedikat lil Cremona. Il-poeżija li Vassallo jsemmi f'din l-ittra tinqara f'dak il-għadd speċjali (pp. 47–49) u ġġib l-isem "Is-Sur Nin Cremona poeta, filologu, folklorista u grammatiku f'egħluq it-80 sena tiegħu."

ħsibt u rajt li ma jkunx dnub jekk nibgħatlek kopja ttajpjata tagħha u, magħha, ta' xi oħrajn ukoll. Agħmel bihom li trid. Biex tkun taf xi ħaġa oħra dwar frughati fil-qasam letterarju qed nibgħatlek ukoll kopja tar-rivista *Malta Letteraria* ta' Sett. – Diċ. 1952, fejn f'paġni 196 – 206 issib xi tagħrif dwar il-ħolm u l-ġenn ta' ħajti (jew ta' sehem minnha). Din ta' l-aħħar kienet tathieli Miss Ileana Curmi. Billi jien diġà kelli kopja oħra tagħha, din li qed nibgħatlek ngħaddi mingħajrha.

Niġi issa għal dawk iż-żewġ ittri u magħhom xi versi li, meta kont ngħix fl-Oratorju ta' Birkirkara bħala membru tal-M.S.S.P., kont bgħatt lill-edituri (Alla jaħfrilhom) ta' *Leħen il-Malti*, Dr. Ġużè Bonnici u l-Prof. Dun P. P. Saydon.[1]

(. . .)

Dak li kien, għadu u jibqa' jsallabni l-aktar sa mewti naħseb li jidher ċar biżżejjed minn għadd ta' poeżiji tiegħi bil-Malti u minn xi oħra 'l hawn u 'l hinn bit-Taljan. Billi bkejt u krobt u sħett xortija kemm-il darba, fejn kont bqajt u ser nibqa' b'li ħadt mindu tnissilt u rajt id-dawl tal-ħajja. Ebda qawwa jew setgħa tas-Sema u ta' l-art ma fejqitni minn dik li jien bqajt inħobb insejħilha 'marda misħuta'! Xi ħtieġa hemm li nżidu nkattruha?

Niftaħar ma rridx u lanqas għandi biex. B'danakollu nħoss li hemm xi ħaġa li tagħmilli tajjeb u sseddaqni bħala poeta – ċkejken u msejken kemm nista' nkun: dik li, barra milli poeżiji tad-dmugħ u ta' l-uġigħ, ktibt ukoll oħrajn li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-'miżerji fiżiċi' ta' ħajti. In-Natura xxaħħet miegħi kemm felħet, iżda ma ħallitnix għal kollox b'xejn: tatni, biex tfarraġni jew tferraħni, ftit, biċċa mill-Ġenna li għandha għal nies bħali l-Poeżija. Saħħa!

K. Vassallo

**11. Oħra lil Ġużè Cassar Pullicino**

"Pulvis et Umbra",
Triq Ħal Xluq, Siġġiewi
Tel. 605582.
Il-Ħadd, 6/2/1983.

Għażiż Sur Ġ.C.P., ħabibi,

(. . .)

Ir-reċensjoni tiegħek dwar *Il-Kaċċatur u Stejjer Oħra* fis-*Sunday Times* tal-lum qrajtha, xtarrejtha u berikthielek! Ma stajtx tagħmlilhom reklam isbaħ u aħjar lil D.M. u 'l F.K.[2] l-awturi ta' dak il-ktieb ta' 63 paġna! First Class English! Tassew ħadt gost naqraha. Sabu xorti miegħek. Fejn tidħol il-kelma 'iswed' bħala aġġettiv komparativ naqbel miegħek. Il-verb 'lejjel' fakkarni fil-verb 'nahar' ta' Dun Karm:

1. Il-poeta qed jalludi għal żewġ poeżiji bikrin, miktubin bl-idejn waħda bid-data tal-21 ta' Frar, 1932 mibgħuta lill-Prof. Saydon, u l-oħra mibgħuta lil Ġużè Bonnici flimkien ma' ittra bid-data tat-3 ta' Marzu, 1932, li Vassallo kien minn għalih intilfu u li jien kont għedtlu li jinsabu għandi ma' xi karti oħra li kien għaddieli Saydon nhar il-31 ta' Marzu, 1947. Vassallo kien urieni, fil-biċċa ta' l-ittra li ħallejt barra għax personali wisq, li ma xtaqnix nippubblikahom, u jien għalissa ser nagħmel kif xtaq hu!

2. L-awturi tal-ktieb imsemmi huma Denise Mikallef u Frank Kassar.

"Għaddew ġranet bla ma nahar."

Jekk max-xogħol li qed nagħtik nazzarda nżidlek xi talba ċkejkna b'riżqi, tgħidx li jien wiċċi sfiq. Fit-talb qatt ma hemm xejn żejjed: jiswa dejjem. Tinsiex li jien għadni (u ma nistax ma nibqax) marid u, barra minn hekk, f'xi ħinijiet iggrunċat u mgħattab bl-uġigħ. Għal kulma għandi naħti jien biss. La Dak ta' Fuq Nett u lanqas Dak tal-Qiegħ ma xtaquni hekk. . .

Grazzi għal darb'oħra u Saħħa.

Tiegħek dejjem,
Karmnu.

**12. Oħra lil Ġużè Cassar Pullicino**

"Pulvis et Umbra",
Siġġiewi, 3/3/1983.

Għażiż Sur Ġużè,

(. . .)

Żomm f'moħħok li jien għadni marid u ma nafx jekk ħin bla waqt jagħtinix xi attakk serju ieħor tal-qalb bħal dak li ħafinni fis-7 tax-xahar l-ieħor. Ma' tal-qalb għandi wkoll il-mard tal-kliewi, tal-pulmun u tad-djabete li nfexxitli f'ferita f'sieqi l-leminija. Ma' dawn kollha tintrabat bi mrarha xjuħiti. B'dankollu, nittama li nibqa' ħabrieki u qalbieni sa mewti.

Meta mmut ma ndejjaq lil ħadd aktar bi frugħati. Min jaf kif ser naħbat ma' Dak ta' Fuq Nett?!? Nista' nobsor. – Grazzi u Saħħa.

Tiegħek,
Karmnu

**13. Tweġiba ta' Ġużè Cassar Pullicino**

"Lares", Triq it-Tabib Zammit,
Balzan.
7 ta' Marzu, 1983.

Għażiż Karmenu,

Grazzi ta' l-ittra tiegħek tat-3 ta' dan.

Nifhem kull ma għedtli u tassew nixtieq li tgħaddiha dis-sħaba sewda biex tibqa' għal ħafna żmien, kif għedtli, 'ħabrieki u qalbieni.' Naf ħafna bħali li mhux talli ma ddejjaqhomx int, imma li jingħaqdu u jitwaħħdu mal-ħsus imżewqa li int għaraft tfisser bis-sengħa fil-versi tiegħek dejjem sħan – anzi jaħarqu daqs in-*Nirien.*

*Iktar minna lkoll DAK TA' FUQ NETT jifhmek sewwa u jgħabbar il-miżien favur l-għannej tas-sewwa. Qawwi qalbek, ħabib. Bħalma naqraw f''Rabbi Ben Ezra': "Look not thou down, but up."* Tajjeb ikollna kontro-bilanċ – ifhimni. . .

Ħabibek,
Ġużè

**14. Lil Ġużè Cassar Pullicino** (fuq kartolina tal-Milied)

9/12/1983

Dalgħodu smajtek titkellem fil-programm "Irnexxew minkejja kollox"[1] dwar il-Kav.

1. Il-produzzjoni tal-programmi f'dik is-sensiela kienet fdata f'idejn is-Sur Tonio Bonello.

Ġużè Muscat-Azzopardi u ħassejt li għandi nifraħlek tabilhaqq għal kulma għoġbok u seħħlek tgħid dwaru u dwar Ilsienna. Kliemek, barra milli ta' min jisimgħu, hu aktar u aktar ta' min jarah u jibqa' jgħożżu *miktub*.

K. Vassallo

**15. Lil Karmenu Vassallo**

"Lares" Triq it-Tabib Zammit,
Ħal Balzan, 8 ta' Settembru, 1984.

Għażiż Karmenu,

Niktiblek biex infissirlek kemm iddispjaċiena – jiena u l-familja tiegħi – meta sirna nafu bit-telfa kbira li kellek iġġarrab ftit ġranet ilu.[1]

Naf li kull kliem jinħass fieragħ, u li xejn ma jiswa biex jimla l-baħħ jew itaffi l-hemm u n-niket li bih tħossok imdawwar. Imma naf ukoll illi, f'waqtiet bħal dawn "*il refrigerio d'una parola amica*" jista' jgħin, jekk mhux għal ħaġ'oħra, biex l-egħjun ta' l-ispirtu ma jixxuttawx għal kollox. Fir-rassenjazzjoni Nisranija hemm żerriegħa oħra ta' tama, u inti stess, ħabib Karmenu, kont qawwejtilha qalbha lis-sieħba għażiża tiegħek, bil-kelmiet: "Qatt taqta' jiesek . . . Alla ma jgħabbi 'l ħadd b'salib aktar minn ħiltu!"

Għalhekk, u f'dan is-sens, qed nikteb biex minn qalbi nagħti "l-għomor lilek u 'l min baqagħlek!".

Ħabibek bħal dejjem,
Ġużè Cassar Pullicino

**16. L-aħħar Ittra lil Ġużè Cassar Pullicino**

"Pulvis et Umbra",
Triq Ħal Xluq, Siġġiewi.
14 ta' Marzu, 1986.

Għażiż Ħabibi, Sur Ġużè Cassar Pullicino,

Erbat ijiem oħra (18.3.86) nagħlaq 73 sena, naturalment jekk inkun għadni mal-ħajjin. Bħala tifkira ta' egħluq snini, qed nibgħatlek kopja *rough* ta' ittra li kont bgħatt lil ħatnek Prof. Dr.G. Aquilina.[2] Int għandek imnejn tgħożżha: għalhekk qed nibgħatha *lilek*. Tqattagħhiex. Żommha b'riżq ħatnek, u b'tifkira ta'

K. Vassallo

1. Maria Vassallo, mart Karmenu, mietet fil-5 ta' Settembru, 1984, fil-għomor ta' 66 sena.
2. L-ittra lil Ġużè Aquilina tinqara hawnhekk fil-bidu ta' din it-taqsima – ara l-ittra Nru. 1.

## *B. Poeżiji m'humiex magħrufa ta' Karmenu Vassallo*

Xi kittieba ħbieb tiegħi għoġobhom, minn żmien għal ieħor, igħadduli l-oriġinali jew l-ewwel abbozzi ta' xi poeżiji tagħhom. Fdawhomli f'idejja, għandi nifhem, biex meta jasal il-waqt jiena nagħmel l-aħjar użu minnhom b'riżq il-poeta li jkun.

Karmenu Vassallo kien wieħed minn dawn: nhar it-3 ta' Marzu 1983 huwa bagħatli, f'envelop imdaqqas, l-abbozzi – għall-inqas hekk jidhru li huma – ta' disa' poeżiji miktubin minnu bil-Malti bejn l-1935 u l-1941. Tlieta minnhom, stampati diġà imma mingħajr data fil-ġabra tiegħu *Nirien* (1938), iġibu dawn id-dati fil-ms. tagħhom: 'Ix-Xmajjar tas-Snin' (14.X.1935), 'Raħal Twelidi' (22 ta' Frar, 1937) u 'Lil Ħabibi Ġużè Aquilina' (24.IV.1937). Poeżija oħra stampata fit-tieni ġabra *Kwiekeb ta' Qalbi* (1944) bid-data sewwa tagħha hija 'Sultan tas-Slaten.' Il-versi 'Il-Pronostku Malti 1941', bla data, li dehru fil-Pronostku ta' Muscat ta' dik is-sena, huma tiegħu wkoll.

Għar-reqqa tas-sewwa ngħidu li l-versi 'Lil Ġużè Aquilina' fil-ms. iġibu l-isem 'Lil Ħabibi Ġużè Aquilina, B.A.,LL.D.', u flok id-dedika 'B'Turija ta' ħbiberija mwaqqfa fuq l-imħabba tiegħu għal-Lsien Malti' li naqraw fil-ktieb (*Nirien*, p. 50), fiha l-kelmiet "letterat u kritiku Malti" wara ismu. Fir-rokna ta' fuq, max-xellug Vassallo kiteb "għal meta jilħaq Avukat jew Profs."[1]

L-erba' poeżiji l-oħra li s'issa għad ma rnexxilix insib stampati fil-ġabriet maħruġin ta' Vassallo huma dawn: 'Se' Norqod' (aktarx fl-1935), 'Musa Sapientium' (*Il-Banana*) (L-Ewwel ta' Mejju, 1937), 'Alla' (16–17 ta' Ottubru, 1939) – mibgħuta għal *Il-Pronostku Malti* ta' l-1941 imma ma ġietx stampata, u 'Itfi b'Dawlek, Mulej' (13.8.1941).

Semmejna l-versi ta' Vassallo *Il-Pronostku Malti 1941*. Mill-ideat, għażla ta' kliem u tħaddim ta' versi issa nistgħu ngħidu li Karmenu Vassallo kien ikkomponiehom huwa wkoll il-versi bl-istess isem li dehru bħala ġejjin mill-edituri bejn l-1941 u l-1950, u forsi wara dawn is-snin ukoll. Fihom kien isemmi xi ġrajjiet jew taqlib li Malta, jew id-dinja kienet għaddejja minnhom f'dawk iż-żminijiet, jonkella jagħmel riferenza diretta għall-kitba bil-Malti. Ngħidu aħna, f'*Il-Pronostku Malti 1947* naqraw:

. . . X'ferħ u hena li darb'oħra,
Bħal familja miġburin,
Terġa' f'darek il-kittieba
U l-poeti kbar Maltin!

1. Aquilina ħa l-lawrja ta' avukat fil-bidu ta' Ottubru, 1937. L-Università ħarġitlu n-nomina bħala Professur nhar it-2 ta' Ottubru, 1937. L-applikazzjoni tiegħu għall-Professorat iġġib id-data tat-3 ta' Marzu, 1937. Karmenu Vassalli, mela, kien ġà jaf li Aquilina applika għall-Kattedra meta, fl-24 ta' April, 1937, kitiblu l-versi msemmija hawn fuq.

Bla ma rrid kieku niftaħar,
Ma nistax misteru nżomm
Li jien mixtla letterarja,
Li mhux ftit jgħożżuni b'omm. . .

Jonkella, fil-*Pronostku* tas-sena ta' wara, 1948, dawn il-versi:

Imma l-għawġ f'dinja marida
Teħles minnu ma tistax;
Ġiet mal-paċi kemm-il kriżi:
Ħlief b'xi saram ma tismax.

Laqgħat fiergħa kull fejn tisma':
"Strikes" u storbji bla waqfien:
Min irid l-Indipendenza!
Min is-'saħħa' tal-ġirien!

Fil-ħarġa ta' l-1949, imbagħad, naqraw:

U madwari, u midħla tiegħi,
X'ismijiet ta' nies ta' ġieh!
Kemm poeti! Kemm kittieba!
Kemm tagħrif ta' siwi u ġieh!

Infakkru wkoll illi fl-istess żmien li qed insemmu, e.g. fl-1947 u fl-1948, l-edituri ta' *Il-Pronostku Malti* kienu qabbdu lil Vassallo biex ikun eżaminatur taż-żewġ konkorsi tal-Poeżija u tal-Proża.

Għalkemm ma jżidux wisq mal-mertu u l-prestiġju li Vassallo bħala poeta kien ilu li kiseb sa minn qabel l-aħħar Gwerra, huwa xieraq li llum, wara mewtu, il-versi tiegħu li għadhom m'humiex stampati jaraw id-dawl, jekk mhux ħaġ'oħra biex min għandu xi poeżiji oħra manuskritti jitħajjar huwa wkoll joħroġhom f'din ir-rivista jew f'oħrajn letterarji:

SE' NORQOD[1]

B'daħket is-sliema fuq xufftejh u qalbu
bil-hena mfawra tas-smewwiet, żagħżugħ
fiż-żmien li għexu ta' tarbija, rajtu
donnu jsejjaħ il-mewt, faraġ ir-ruħ.

1. Minbarra l-abbozz oriġinali ta' dil-poeżija, Vassallo bagħatli kopja pulita, biż-żjieda ta' din in-nota: "Dawn il-versi kienu nkitbu b'tifkira ta' ħabibi, Leli Bonnici, mis-Siġġiewi, li miet fit-28.11.35, meta kellu 24 sena. Meta ktibt dawn il-versi ma nafx." Inżidu ngħidu li wara seba' snin Vassallo reġa faħkar il-mewt ta' ħabibu b'sunett miktub fil-15 ta' Jannar, 1943 li jinqara fil-ġabra *Kwiekeb ta' Qalbi* (1944, p. 78).

U rajt maġenbu, ħdejn l-imħadda, mnikkta
lil zitu t-twajba li ħabbitu sħiħ,
rajtha maġenbu bl-ikbar ħlewwa tishar,
tagħmillu l-qalb u tħeġġu u tistaqsih:

"Issa fejn sejjer, fejn int sejjer, Leli? . . .
Itlob għalina lil Ġesù Bambin. . ."
U Leli fehem x'riedet tfisser zitu,
u wieġeb b'leħen ta' min qed inin.

Qallha: "Se' norqod. . ." U għad-dalma kbira
li satret minnufih id-dawl t'għajnejh
bexxaq fommu kemm kemm, tniehed u siket,
hdiet qalbu mit-taħbit, sfaru ħaddejh.

Minn ġuf il-ħemda, li sa l-aħħar wieġbet
għal-lehġa għajjiena tal-marid maħbub,
ħarġet il-karba ta' l-ilfiq u l-biki,
xhieda tal-hemm li l-firda ġġib fil-qlub.

Qalb ta' poeta li jħoss fih għanjietu
tikwi bl-imħabba daqs ħuġġieġa nar
quddiem dehra bħal din tiksaħ, titmewwet,
iddub bin-niket u tinħall bl-imrar.

## MUSA SAPIENTIUM
(Il-Banana)

Lill-Prof. Dr. * * * li għoġbu jagħtini għanqud.

Tuni l-frotta tal-banana,
– frotta bnina tal-għorrief,
frotta ħelwa tal-poeti –
li trabbili ġwienaħ ħfief:
ġwienaħ sbieħ li l-bniedem bħalhom
għadu s'issa qatt ma ra,
ġwienaħ kollha lwien tal-għaġeb
li ħadd bħalhom qatt ma ta:
ġwienaħ l-isqra li jien bihom
nogħla 'l fuq minn l-art u ntir
fejn m'hemmx żmien u fejn m'hemmx wisa',
fejn sultan tal-għana nsir!

*L-Ewwel ta' Mejju, 1937.*

ALLA

Le. Alla ma jsaltanx. Boloh u għomja
dawk illi jemmnu Bih. Min rah? Min semgħu
xi darba jlissen kelma? Min qatt ġarrab
it-tbissima ta' fommu, nkella x-xrara
tal-qilla ta' għajnejh? Il-kelma "Alla"
m'hi xejn, m'hi xejn ħlief ħoss ta' leħen fieragħ,
li toħroġ mix-xufftejn, tfaqqa' u tispiċċa
kif tinfaqa' bużżieqa tas-sapun!
Igħidu li Alla jista' kollox; jgħidu
li hu ħanin bla tarf; iżda l-ħaqq tiegħu
kbir u tal-biża'; jgħidu wkoll li jidħol
għall-fqar u l-imsejknin, għal min hu mjassar
u maħqur mingħajr ħtija; jżidu jgħidu
li 'jippremja' t-tajbin u jikkastiga
lill-ħżiena' . . .

Xejn minn dan. Fejn hi setgħatu
u l-ħakma tiegħu fuq il-ġnus? Min jiflaħ,
qed jagħmel dak li jrid. Min qatt ma ħabat
għal ħadd, jaħbtu għalih, ijassruh u jeħdulu
l-hena u l-ġid ta' daru. Fqir li jemmen
bis-Sewwa, jmut bil-ġuħ: għani li jkasbar
u jisħaq 'l għajru taħt riġlejh, jissokta
jikseb ġid akbar u ħajja itwal. Kburi
issibu aktarx miqjum: l-umli u t-twajjeb
jara fuq wiċċu biss. L-ogħna ħakkiema
ta' l-akbar artijiet u l-aqwa imperi
issibhom mingħajr dîn jew jemmnu b'kollox
barra bil-qodos tal-Vanġelu. Is-sewwa
maħnuq mill-ħjiena; il-ġid magħlub mid-dnub,
miż-żina s-safa. Dawk li jemmnu b'Alla
mheddin b'saħta tal-biża'; iżda l-egħdewwa
t'Alla u ta' dawk li jemmnu Bih, ħlief barka
u kliel ta' rand u palm għalihom m'hemmx.

* * *

Iva. Alla jsaltan. U s-smewwiet u l-ibħra
u l-art u l-ħlejjaq u kull m'hawn madwarna
jixhduh u jistqarruh. Hu kien minn dejjem
u jibqa' għal dejjem. Meta ż-Żmien u l-Wisa'
kienu għadhom ħsieb f'moħħu, u x-xejn u l-għera
u l-baħħ waħedhom kienu jsaltnu, Wieħed
qal kelma: u kollox sar mix-xejn! Min jiċħdu
ikun iwettqu fl-istess ħin: għax Ismu
stqarrija ta' saltnatu u ħadd ma joħlom
jiċħad ħaġa li m'hix. . .

Kull wieħed minna
'l Alla jarah kull meta u xħin iħares
ġol-lenti tal-ħolqien; leħnu jisimgħu
jidwi fil-għana msaħħar ta' l-agħsafar
jew fit-tvenvin tar-riħ jew fl-għajta mkarrba
tal-mewġ tal-baħar; it-tbissim ta' fommu
iġarrbu meta, f'xi lejliet sajfija,
jara l-kwiekeb jilmaw, jonkella meta,
f'xi għodwa mbierka tar-rebbiegħa, l-ġonna
bin-nwar ibajdu; xrar il-qilla Tiegħu
iħossu jfawwar meta waħda f'waħda
jara l-beraq ileħħ minn sħab tal-biża'
jew jisma' ċċaqċaq fuq il-ħġieġ tat-twieqi
kull silġa daqs ġellewża u jfaqqgħu fl-ajru
is-sajjetti f'xulxin u r-ragħ'd ikarwat
u jitheżżu l-ħitan.

Ħadd, l-ebda bniedem,
minn ewl id-dinja sa dal-ħin, ma sawwar
l-iċken ħaġa mix-xejn. Ħadd, l-ebda ħliqa
ma tat il-ħajja lilha nnfisha, nkella
lil xi ħliqa oħra. Wieħed biss, Hu waħdu,
Dak li ma jafx bi Tmiem u Bidu, Wieħed
li hu l-Qofol u l-Għajn tal-ħwejjeġ kollha
li jidhru u ma jidhrux, li b'Mulej Sidhom
stqarrewh Adam, Ġakobb, Abram u David,
Wieħed waħdu u Dak biss hu s-Sid, il-Ħâkem,
Alla tas-Sema Ħaj, Ħallieq ta' kollox,
Sejf u Tarka tal-Ħaqq, tas-Sew, tat-Tjieba,
tal-Fidwa u tal-Ħelsien, li jżoqq u jgħajjex
sa l-iċken dud ta' l-art u t-tajr ta' l-ajru,
li jżomm bla ma jintfew ix-xemx u l-kwiekeb,
li jnibbet fl-oqsma l-frott, li lill-miżżewġa
bil-barka jseddaq ta' l-ulied. . .

Iva. Alla
jirbaħ, jaħkem u jsaltan! U jkun Alla
Dak li mill-bnedmin kollha għad jagħmel ħaqq!

16–17 ta' Ottubru, 1939

## ITFI B'DAWLEK, MULEJ

Itfi b'dawlek, Mulej, id-dawl t'għajnejja
biex ma jgħammxuhulix tad-dinja l-lwien.
Ħalli, Mulej, jidwi f'widnejja leħnek
biex ilħna ħliefu ma jdoqquli mkien.

Nixxef ġenbejja [daqs] għasluġ bl-għekiesi;
għabbi bis-sfura ħaddejn wiċċi sħiħ;
ħażżimli biss bl-azzar tal-qodos ruħi
biex ġismi fuqha ma jisfax rebbieħ.

X'jiswewli l-ġid u l-ġmiel u l-għors tad-dinja?
X'jiswieli kollox jekk fix-xejn idub?
M'hemmx għerf asaħħ minn dak li tiċħad kollox
u għall-erwieħ tmut ma' Ġesù mislub.

* * *

Hlaqtna, Mulej, minn rajk u tajtna rajna
biex nagħżlu Bejnek u l-allat tat-tajn:
bejn il-Hallieq u l-ħlejjaq l-oħra kollha
li tagħhom Inti biss is-sies u l-għajn!

13.2.41

## *Xi Poeżiji bit-Taljan*

Ma' l-ittra tiegħu tas-26 ta' Awissu, 1981 (ara l-ittra Nru. 10, pp. 62–63) Karmenu Vassallo bagħatli disa' poeżiji tiegħu bit-Taljan, ittajpjati, li hu kien stampa f'rivisti lokali. Dawn huma:

"Per la decapitazione del Battista", iffirmata "F.T (i.e. Fra Tommaso) Vassallo, S.S.P." – fir-rivista *Malta Letteraria*, N(uova) S(erie), Anno IX, No. 12 – Dicembre, 1934, pp. 383–384.

"Rievocando la morte di Giacomo Leopardi", iffirmata 'V', *op. cit.*, N.S., Anno X, No. 4 – Aprile 1935, pp. 115–117.

"Alla poetessa Ada Negri", iffirmata "Aedo Maltese', *ibid.*, N.S., Anno X, No. 6 – giugno 1935, pp. 176–178.

"Fatalità", iffirmata "Aedo Maltese', *ibid.*, Anno X, No. 9 – Settembre 1935, pp. 269–271.

"A Giacomo Leopardi", iffirmata 'Aedo Maltese', *ibid.*, Anno XI, No. 3 – Marzo 1936, pp. 83–84.

"Sospiri", iffirmata 'C. Vassallo', *La Brigata – Rassegna Universitaria*, Anno I, No. 6 – Giugno 1932, p. 157.

"Il mio Collegio", iffirmata 'Carmelo Vassallo', *St. Aloysius College Magazine* – Oct.–Nov. 1936, No. 149, p. 19.

"Nave curiosa", iffirmata 'Carmelo Vassallo', *Malta Letteraria*, N.S., Anno XIV, No. 7 – Luglio 1939, p. 203.

"La mia mèta", iffirmata 'Carmelo Vassallo', *St. Aloysius College Magazine*, Dec. 1939 – January 1940, No. 165, p. 30.

Kien bagħatli wkoll silta mill-komponiment tiegħu "Il mio ideale", stampat

fil-magazin tal-Kulleġġ (ħarġa ta' Ġunju–Lulju, 1932, Nru. 131, pp. 23–24).

Fl-aħħarnett Vassallo tani żewġ poeżiji oħra li jidhru li m'humiex stampati, jew għall-inqas jien għadni ma sibthomx stampati. Waħda minnhom tintrabat ma' isem Gaspare Pace, poeta popolari mis-Siġġiewi (1878–1964) li lilu fl-1955 Vassallo kiteb waħda mill-iżjed poeżiji importanti "Lil Gaspare Pace". L-oħra jinħass fiha xi diwi tal-poeżija "A Psalm of Life," ta' H. W. Longfellow, li tibda bil-versi: *Tell me not, in mournful slumbers/Life is but an empty dream. . .* Iż-żewġ poeżiji huma dawn:

LA TORRE DI GASPARRE PACE

D'in su la mia terrazza, allo svegliare
del sol ridente all'umile collina
con l'aura mattutina,
quando forte e tenace
ogni spirito in me ribelle tace,
gradito assai mi torna il rimirare
l'aprica torre di Gasparre Pace.

Piantata intra lo verde
ondeggiante qual mare,
s'erge marmorea come bianco altare,
coronata d'aiuole,
l'alta, solenne mole.
L'occhio mio, vagheggiandola, si perde
nel suo mistico albore: e si compiace
di questa torre di Gasparre Pace.

O, nei tuoi nidi ascosi
fa', torre, che riposi
del mio pensier l'uccello.
Per lui un tal asìlo è dolce, è bello:
e, piú che altrove, in te contento giace,
o bianca torre di Gasparre Pace.

2.I.1940.

NON MI DITE . . .

Non mi dite che la vita
È un breve sogno vano,
Pieno di malinconia
E talora di letizia e di piacer.

Non mi dite che domani
Ci farà dimenticar
Ciò ch'abbiam oggi sofferto:
La speranza, qual miraggio, serve solo ad ingannar.

Non mi dite che noi altri
Siamo figli dell'Amor,
Quando dappertutto infuria
L'odio umano tra le risa sopraffatte dal dolor.

Non mi dite che la Morte
O la Tomba apporti guai. . .
Come avremmo sopportato
Tanta noia se la vita non dovesse finir mai?

10/VI/56

Wieħed jinnota r-rifless u r-rabtiet bejn il-motivi ewlenin imħaddma fil-poeżiji li Vassallo kiteb bit-Taljan u dawk bil-Malti – Leopardi, Ada Negri, eċċ. Insibu wkoll illi l-versi tal-'Ballata' li tinqara fil-ġabra *Nirien* (p. 37) jintrabtu ħaġa waħda fl-ispirazzjoni mal-poeżija bit-Taljan 'Fatalità' imsemmija hawn fuq li dehret fl-1935, u li hija wkoll traduzzjoni tagħha. Inġibu ħdejn xulxin tliet strofi mill-waħda u mill-oħra biex wieħed jara aħjar ix-xebh li qegħdin insemmu:

*Fatalità*

Angiolina, Angiolina, Angiolina,
quante volte al telaio contenta
io ti vidi seder tutta intenta
lavorando, il tuo sposo lontan!

Angiolina, Angiolina, Angiolina,
come il cor mi rapiva il tuo canto
materiato di gioia e di pianto,
faticando l'assidua tua man!

Angiolina, Angiolina, Angiolina,
una sera, però, come avvolta
nel tuo sangue ti vidi e sepolta,
Fredda e muta tra il monte ed il pian!

*Ballata*

Ġolina, Ġolina, kemm drabi
ilmaħtek jew tinseġ jew tħit,
jew taħsel, jew tonxor il-ħwejjeġ,
u taqdi 'l omm żewġek sikwit!

Il-għanja ta' mħabbtek kemm drabi
smajt tidwi mar-riħ u tirtogħ'd
imsaħħra b'dak l-isem ta' żewġek
li kien ikun jaħdem fil-bogħ'd!

Ġolina, Ġolina, 'mma darba
kif sibtek imgħar'ra fid-demm. . .
bil-kesħa tal-mewt ġewwa sidrek,
maqtula fin-niket u l-hemm!



Karmenu Vassallo, G. Casolani u Nikol Biancardi li kienu jiffurmaw l-Istaff Editorjali ta' *Il-Berqa*. Vassallo kien ukoll editur tal-paġna letterarja ta' l-istess ġurnal.

Il-Poeta tan-Nirien flimkien mal-kompatrijott Patri Ġużeppi Delia waqt wirja tal-fjuri fis-Siġġiewi.



# Xi Aspetti ta' l-Esperjenza Leopardjana ta' Karmenu Vassallo

*Oliver Friggieri*

## Daħla dwar il-metodu kritiku

IR-RELAZZJONI bejn poeta u ieħor kienet u għadha qasam ta' stħarriġ importanti fi ħdan il-fergħa tal-kritika magħrufa bħala l-kritika komparata. Teħtieġ aktarx wieħed mill-itqal metodi kritiċi ladarba hu faċli daqskemm diffiċli "tilmaħ" influwenza vera ta' awtur fuq ieħor; hu dejjem itqal li ssib il-mogħdijiet preċiżi li minnhom tkun għaddiet din l-influwenza biex imbagħad ħadet ix-xejra finali tagħha fit-tieni awtur. Fil-kritika komparata hi l-influwenza meqjusa bħala aspett pożittiv li hi, fil-fatt, mistħarrġa bl-għodod l-iżjed xjentifiċi tal-kritika ta' żmienna; dan jimplika li hemm "influwenza" oħra li m'hix għajr il-jasar ta' awtur żgħir taħt il-ġwienaħ ta' awtur kbir veru u proprju. M'hix din l-influwenza li l-iżjed tinteressa lill-kritika, iżda hi l-influwenza li fil-fatt tixhed li l-kuxjenzi kollha qegħdin igħixu f'dinja waħda li ma tagħrafx fruntieri nazzjonali, storiċi jew etniċi u l-bqija. F'xi każijiet, awtur ifittex is-sħubija ta' awtur ieħor, ta' żmienu jew ta' żmien ieħor, u għalhekk dik li tidher bħala influwenza tkun anki qawwa aktar penetranti li tinvadi l-persunalità kollha tat-tieni awtur. Hekk hu, għal għadd ta' raġunijiet, ir-rapport bejn Leopardi u Karmenu Vassallo. Dawn li ġejjin huma xi aspetti tal-preżenza Leopardjana fil-poeta Malti, daqskemm huma wkoll definizzjonijiet tan-naturi differenti li għandhom l-eżempji varji ta' din il-preżenza.

## Il-kriżi eżistenzjali

Wieħed mis-sentimenti li jsieħbu lil Vassallo ma' Leopardi jikxef minnufih is-sies psikoloġiku persunali li hi mibnija fuqu l-poeżija ta' kull wieħed: in-nuqqas ta' ħila ta' l-individwu li jsib is-sehem xieraq tiegħu fil-kumpless soċjali, u għalhekk ukoll fl-ambjent uman. Kriżi tas-soċjevolezza tispiċċa biex tiżviluppa fi kriżi eżistenzjali. Vassallo jagħraf l-isforzi tiegħu, iżda l-kunflitt ġewwieni joħloq l-ispazju kbir fejn jistgħu jeħduha kontra xulxin żewġ xejriet opposti: il-qawwa tar-rieda u l-kundizzjonament mitwieled. Fuq il-livell ideoloġiku, dan it-tiġrib jieħu s-sura ta' taqbida bejn il-possibbiltajiet dgħajfa tal-volontariżmu u l-qilla ta' determiniżmu li ma jżommu xejn. Is-sentenza fundamentali, imtennija b'insistenza kemm bħala tali u kemm bħala qagħda tar-ruħ li titfisser fi frażijiet differenti, hi "irrid u ma nistax". Fuq naħa hemm l-isforz individwali, u min-naħa l-oħra hemm l-impożizzjoni ta' qagħda li ma tistax tingħeleb (li hi kemm storika u kemm naturali). Dan hu l-motiv li jgħajjex lil 'Kollu Għalxejn', imnebbħa

mill-versi

> Sento serrarmi il cor, sento ch'al tutto
> consolarmi non so del mio destino,[1]

li Vassallo jagħżel bħala epigrafu għall-poeżija:

> Inħoss għafsa u diqa f'sidri,
> inħoss ħajti tmut kull ħin,
> meta rrid, bla jirnexxili,
> ngħix bħall-bqija tal-bnedmin.[2]

L-iskuraġġiment inissel fih dispożizzjoni li tħoll in-niket f'biki, anzi li ġġiegħlu jidentifika l-esperjenza tiegħu kollha ma' l-egħmil tal-biki: li teżisti jfisser li tibki; jew aħjar, nibki u għalhekk neżisti. Bħallikieku hi konklużjoni Cartesjana maħlula f'kundizzjoni psikoloġika. Huwa l-att li jagħżlu mill-bqija:

> Jiena rrid ngħanni. Ma nistax. Flok għana
> joħroġ minn fommi tagħlim ġdid ta' dmugħ:
> għax *ħlief* nibki ma nafx.[3]

L-għażla persunali permezz tal-biki hi mfissra minn Vassallo bil-kelma *ħlief*, u minn Leopardi b'*altro*:

> ed a questi occhi
> non *altro* convenia che il pianger sempre.[4]
> e d'*altro*
> non brillin gli occhi tuoi se non di pianto.[5]

Għal din ir-raġuni, iż-żgħożija titbiddel fi xjuħija:

> *Żgħużiti mxejħa*.[6]
>
> Qiegħed *nixjieħ* fil-milja ta' *żgħużiti*.[7]
>
> *Giovane* son, ma si consuma e perde
> la *giovinezza* mia come *vecchiezza*
> (. . .)

1. 'Le ricordanze', vv. 93–94. Fil-v. 88 Leopardi jqiegħed f'qagħda ta' oppożizzjoni lill-falliment preżenti u lil "speranze antiche," u jtella' fil-wiċċ il-kuntrast bejn ix-xewqa u l-possibbiltà, jiġifieri bejn l-ideali u r-reali.
2. Vv. 13–16. Cfr. Ukoll 'Imsejken Jien', 'Vanġelu Ieħor', vv. 17–18, 21, 27, 33–36, 'L-Aħħar Taqbida', vv. 17–19.
3. 'Il-Biża' Tiegħi', vv. 9–11.
4. 'La vita solitaria', vv. 54–55.
5. 'La sera del dì di festa', vv. 15–16.
6. 'Dejjem . . . Qatt', v. 25.
7. 'L-Aħħar Taqbida', v. 3.

Ma poco da *vecchiezza* si discorda
*il fior dell'età mia.*[8]

Waqt li jifhem li m'għandux il-ħila meħtieġa biex igħix, Vassallo jfittex ġustifikazzjoni tat-twelid. Il-problema tinħall fi stħarriġ ta' l-essri fih innifsu, jiġifieri f'kundanna tiegħu nnifsu, li jasal għaliha bis-saħħa ta' sensiela ta' interrogazzjonijiet serji li jesiġu r-raġuni għala kellu jitwieled mingħajr ma ngħata l-opportunità li jagħżel minn qabel bejn l-eżistenza u x-xejn, bejn l-eżistenza umana u l-eżistenza tal-livell sensittiv u veġetattiv. L-omm u l-missier huma mċaħħda mill-jedd li jwelldu tarbija mingħajr ir-rieda tagħha, u mingħajr l-aċċertament li din l-impożizzjoni hi ħielsa minn kull tweghir:

Ma nafx kif ġejt jew għax ġejt jien, mhux ieħor.[9]

Ma stajtx kont ieħor jew ħaġ'oħra? Mela
għaliex fid-dinja, bla ma ridt, ġejt jien?
(. . .)
U għax ġejt jien? U kif ġejt jien? X'jedd kellhom
missieri w ommi li jġibuni fl-art?[10]

Hemm żewġ punti li jitolbu stħarriġ: l-identifikazzjoni tal-jien proprju, u l-impożizzjoni tat-twelid. F'Leopardi l-istess mistoqsija fundamentali ssir mir-ragħaj:

Ed io che sono?[11]

kif ukoll mill-mejtin:

Che fummo?
Che fu quel punto acerbo
che di vita ebbe nome?[12]

Dwar it-tieni problema Vassallo ma jitlaqx minn konċezzjoni mekkaniċistika tal-ħajja; m'hemmx fih il-medda u l-profondità ta' l-influwenza tar-razzjonaliżmu Franċiż, iżda biss dispożizzjoni intellettwali li trid tirrazzjonalizza bla ma tasal sax-xifer tal-konklużjonijiet qarsa. Jinqeda bil-forma tal-monologu (u b'hekk jaħrab mill-ħtieġa li jindirizza lil Alla) jew jixħet il-ħtija fuq l-aġenti tat-twelid. Leopardi

8. 'Il sogno', vv. 51–52, 54–55.
9. 'Habbejt u ma Tjassartx', v. 3. Cfr. ukoll v. 1.
10. 'Jien', vv. 1–2, 9–10. Cfr. ukoll vv. 5–8, 11–12, 'Nothus', vv. 18–19, u 'Waħdi', vv. 13–16. Hu l-istess mottiv tal-monologu ta' Foscolo fl-*Ortis* hu u jidħol f'meditazzjonijiet tqal fuq il-qawwa moħbija u qalila tan-natura, riflessjonijiet ta' xeħta sikwit Pascaljana: "Io non so né perché venni al mondo né come; né cosa sia il mondo, né cosa io stesso mi sia. E s'io corro ad investigarlo, mi ritorno confuso d'una ignoranza sempre più spaventosa."
11. 'Canto notturno di un pastore errante dell'Asia', v. 89.
12. 'Coro di morti', vv. 20–22.

jambjenta l-istess dilemma fil-kwadru tal-bniedem imgħaffeġ mil-liġijiet qawwija tan-natura: "T'ho io forse pregato di pormi in questo universo? O mi vi sono intromesso violentemente, e contro mia voglia? Ma se di tua volontà, e senza mia saputa, e in maniera che io non poteva sconsentirlo né ripugnarlo, tu stessa, colle tue mani, mi vi hai collocato: non è egli dunque ufficio tuo, se non tenermi lieto e contento in questo tuo regno, almeno vietare che io non vi sia tribolato e straziato, e che l'abitarvi non mi noccia?"[13] Huma l-istess mistoqsijiet li Leopardi jtenni fil-forma poetika:

Ma perché dare al Sole,
perché reggere in vita
chi poi di quella consolar convenga?[14]

Già se sventura è questo
morir che tu destini
a tutti noi che senza colpa, ignari,
né volontari al viver abbandoni. . .[15]

**Il-poeżija ta' l-'eros' u t-'thanatos'**
Vassallo jissieħeb għal kollox ma' Leopardi f'żewġ waqtiet tassew gravi tal-vjaġġ ġewwieni: il-waqt meta jisħet il-ħajja, u l-waqt meta jixtieq il-wasla tal-mewt. Huwa wkoll ilissen is-sentenza fatali, u jtenni ma' l-imgħallem tiegħu l-verdett ta' Ġob u Sofokli:

Kemm drabi
xtaqt li f'ġuf ommi, qabel sirt, nintemm![16]

Mai non veder la luce
era, credo, il miglior.[17]

Wara s-saħta tal-ħajja, jew aħjar tat-twelid (il-problema), tasal is-sejħa tal-mewt (bħala s-soluzzjoni). Il-poeta jsejħilha bi frażarju ta' tenerezza u tjieba, bħallikieku qiegħed isawwar ambjent amoruż: ir-rabta bejn l-*eros* u t-*thanatos*, wara kollox, hi komuni fil-poeżija kollha, u l-aktar fil-Griegi u f'xi Leopardi, romantiku daqskemm klassiku fin-nisel tiegħu:

13. 'Dialogo della natura e di un islandese', *Opere*, I, a c. di S. Solmi – R. Solmi, Milano-Napoli, R. Ricciardi, p. 534.
14. 'Canto notturno di un pastore errante dell'Asia', vv. 52–54.
15. 'Sopra un basso rilievo antico sepolcrale', vv. 75–78.
16. 'Lit-Tfajla ta' Mħabbti', vv. 21–22.
17. 'Sopra un basso rilievo antico sepolcrale', vv. 27–28. Tinsilet l-istess konklużjoni miż-żewġ sentenzi "Saħta għalija t-twelid" ('Vanġelu Ieħor', v. 37) u "È funesto a chi nasce il dì natale" ('Canto notturno di un pastore errante dell'Asia', v. 143).

Għax *xejn aqwa*
u xejn aħjar mill-mewt ma jista' jtini
min iħobbni tassew.
(. . .)
Marzu ta' qalbi
jekk kont darba ħanin meta wellidtni,
kun mitt darba ħanin issa w iġborni.[18]

Dan it-taħdit qiegħed isir f'termini ta' esklusività assoluta biex tisseddaq l-idea tal-mewt bħala l-aqwa ġid; hekk ukoll Leopardi:

*Null'altro* in alcun tempo
sperar, se non te *sola*.[19]

Il-kliem *iħobbni* u *ħanin* igħaqqdu l-ħsieb tat-tmiem ma' l-imħabba u l-ġentilezza, u jfakkru waqtiet tipiċi tal-frażarju Leopardjan, bħal "gentilezza del morir", "morte pietosa"[20] u "conforto dolcissimo."[21]

**Is-solitudni: kundanna u distinzjoni**

Il-ħajja meqjusa bħala qagħda solitarja: hi l-qofol tal-viżjoni ta' Vassallo. Fl-istrofa li ġejja jinġabru l-motivi ewlenin tal-qagħda tiegħu ta' barrani, imkeċċi mill-qafas tas-sigurtà tat-"tribù": in-nuqqas ta' ħila tiegħu li jieħu sehem fl-att kreativ tar-raġel, il-marda li tbiddel liż-żgħożija fi xjuħija, u l-iżolament psikoloġiku:

Inħossni waħdi; waħdi jien u nibqa';
ma nkattarhiex ix-xita tal-bnedmin.
Inħossni waħdi; waħdi jien u nibqa';
żagħżugħ poeta mejjet ħaj fis-snin![22]

L-esklużjoni, imħabbra diġà mil-lirika bikrija 'Inħobbok' (1932), imġarrba bis-saħħa kollha għal bosta snin, tixref taħt żewġ aspetti. L-ewwel aspett jinsilet mill-konfront bejn il-poeta nnifsu u s-soċjetà li tinħass qiegħda tifraħ madwaru, waqt li hu kkundannat għas-solitudni tal-ħażen fiżiku u ta' dak kollu li jċaħħdu mis-soċjevolezza. Il-konfront hu ambjentat, qabel xejn, f'jum ta' festa tradizzjonali. 'Żewġ Għidien' tissawwar minn żewġ kwadretti kuntrarji għal xulxin. Fl-ewwel wieħed tidher il-festività ta' post partikulari; fit-tieni kwadrett titfassal id-dehra mnikkta ta' żagħżugħ marid għall-mewt li qiegħed jinġarr lejn l-isptar. Mill-kontemporaneità taż-żewġ dehriet, li jseħħu f'post wieħed, jitnissel il-kuntrast.

18. 'Marzu', vv. 5–7, 18–20.
19. 'Amore e morte', vv. 120–121.
20. *Ibid.*, vv. 73, 98.
21. 'Dialogo di Plotino e di Porfirio', *Opere cit.*, I, p. 649.
22. 'Waħdi', vv. 29–32.

Bħal Leopardi ta' 'La sera del dì di festa', 'A Silvia', 'Il passero solitario', Vassallo jqiegħed f'konflitt ma' xulxin żewġ ċirkustanzi, waħda hienja u l-oħra mnikkta; u mit-taħlita ta' bejniethom joħloq fużjoni ta' innu u eleġija, biex b'hekk jidher isħeħ il-kuntrast u aktar imnikket il-kwadrett negattiv. Din il-poeżija tal-kontrappunt, hena–niket, tispjega għala l-poeta, għad li solitarju, jaħseb il-ħin kollu fil-festa soċjali li qiegħda sseħħ madwaru:

Dehra ta' qsim il-qalb u ġġib il-biki,
għid ieħor naqra fik u nħoss illum;
il-għid tal-mard u l-mewt ta' qalb żagħżugħa
li qatt għal ħajja ġdida iżjed ma tqum![23]

L-esklużjoni ta' Vassallo hi Leopardjana wkoll fit-tilwima tagħha kontra l-banalità tal-kotra ta' żmienu. Hu kollu diwi tal-poetika, ta' nisel Petrarkesk u mbagħad Alfierjan, li f'Leopardi hi mħabbra diġà b''All'Italia' u li tissokta tikber sa ma ssir waħda mill-preokkupazzjonijiet ewlenin ta' ħajtu. Vassallo tas-snin 1932–1944 jiżvolġi tilwima mal-folla li ma tifhimx, imċaħħda mill-valuri li jgħollu 'l-bniedem 'il fuq mil-livell ta' l-annimalità.[24] Id-definizzjoni tan-nies kontemporanji, differenti u mbiegħda mill-poeta, hi mnissla, kemm f'Vassallo u kemm f'Leopardi, mill-kunċett klassiku-romantiku tas-superjorità etika tal-poeta quddiem il-kotra.[25] It-tnejn, fl-aħħar mill-aħħar, iqisu lilhom infushom egħdewwa tan-nisel uman; l-iżolament, li f'xi waqtiet jidher li hu l-effett ta' telfa persunali, jitbiddel bil-kburija kollha f'motiv ta' distinzjoni li tixraq lill-kbar:

Hbiebi kulma ħlaqt int: barra l-bnedmin![26]
E sprezzator degli uomini mi rendo.[27]

It-tieni konfront li jinsilet minnu l-kwadru tal-bniedem imħolli barra, dejjem bis-saħħa tat-tlaqqigħ kontemporanju ta' żewġ qagħdiet opposti, hu bejn il-proċess

23. 'Żewġ Għidien', vv. 37–40.
24. Cfr., fost l-oħrajn, 'Mysterium mysteriorum', vv. 37–40 u 'Il-Biża' Tiegħi', vv. 19–36.
25. Tista' titqabbel, fost l-oħrajn, ix-xbieha tal-poplu f''Iftaħli Mà' u 'Int Biss' ma' "la codarda gente" ('Amore e morte', v. 12) li hi preżenti f''Il pensiero dominante', vv. 53–58, 65–68 u f''Le ricordanze', vv. 30–33. L-istmerrija li kellu Leopardi għall-"borgo natio", li tinħass diġà fl-ewwel ittri ta' l-epistolarju, taqbel ma' l-istmerrija ta' Vassallo għall-ġenerazzjoni ta' żmienu; huwa argument li jerġa' jidher bis-saħħa kollha fl-aħħar perijodu tal-poeta (1947–1970) meta jinħass wisq inqas il-kunflitt bejn id-dinja ta' ġewwa u r-realtà medjokri tal-kontemporanji, u jinbeda proċess li jikxef l-ipokresija u l-waqgħa morali tas-soċjetà. Fost il-poeżiji ta' l-aħħar perijodu cfr. 'Jekk. . . ', 'Illum', 'Unknown Island', 'Il-Bniedem', 'Lil Dun Mikiel Xerri'. L-introverżjoni tgħib u jidher l-estrovers rassenjat, il-Vassallo tal-perijodu post-Leopardjan, li jixħet kontenuti kritiċi mingħajr, madankollu, ma jirtira u ma jfakkar fil-miżerji persunali.
26. 'Hbiebi', v. 40.
27. 'Le ricordanze', v. 42.

kotran u mimli, bla waqfien, tan-natura, u x-xeħta ħawlija, sterili, mewwieta, tal-poeta. In-natura u l-individwu, il-kollox u l-wieħed, il-proċess ġenerali u l-esperjenza persunali: huma ż-żewġ naħiet tal-konfront. Fuq naħa hemm it-tiġdid tal-programm staġunali li ma jinħela qatt, u fuq in-naħa l-oħra hemm il-waqfa, l-istatiċità ta' qagħda umana, persunali u mbagħad, b'implikazzjoni, universali. Min-naħa stilistika jista' jingħad li dan il-konfront hu msejjes fuq żewġ kelmiet, waħda li tfakkar il-festosità ta' l-ispettaklu mlewwen tan-natura, u l-oħra li tfakkar il-mixja bla ħniena tal-proċess naturali.

L-ewwel kelma hi *jitbissem* jew *daħkan*. In-natura "tidħak", iżda l-ħajja tal-poeta hi eleġija dejjiema:

Xi ġmiel madwari!
X'seħer hu dan! X'milja ta' ħajja! X'qawwa
tiġġedded fil-ħolqien! Kemm hi ta' l-għaġeb
il-miġja tiegħek, Marzu tiegħi! Kollox,
kollox joħla u jfuħ; kollox jitbissem;
kollox *jogħxa* bil-ferħ! Jien biss, jien waħdi
irrid u ma nistax inkun bħall-bqija
tal-ħlejjaq fuq ċin l-art.[28]

Dan hu l-istess kuntrast Leopardjan, meqjus mill-aspett tad-"daħka", hienja għan-natura, u kawża ta' rimors, għaliex ma tistax isseħħ, għall-poeta. Il-malinkonija kollha titnissel mill-esperjenza tal-kuntrast. L-ispettaklu saħħari ta' l-elementi tan-natura jsawwar il-konflitt mal-qagħda solitarja ta' l-ispettatur li ma jista' jieħu sehem qatt fid-"daħka" li qiegħda tiġri madwaru:

Bello il tuo manto, o divo cielo, e bella
sei tu, rorida terra. Ahi di cotesta
infinita beltà parte nessuna
alla misera Saffo i numi e l'empia
sorte non fenno.
(. . .) A me *non ride*
l'aprico margo, e dell'eterea porta
il mattutino albor; me non de' faggi
il murmure saluta; e dove all'ombra
degl'inchinati salici dispiega
candido rivo il puro seno, al mio
lubrico piè le flessuose linfe
disdegnando sottragge
e preme in fuga l'odorate piagge.[29]

Iż-żwieġ bejn l-innu u l-eleġija hu komuni għaż-żewġ poeti. Biswit

28. 'Marzu', vv. 11–18.
29. 'Ultimo canto di Saffo', vv. 19–36.

iċ-ċelebrazzjoni tas-sbuħija tad-dinja barranija tixref it-tnehida, jew aħjar tissawwar id-dehra deżolata, xbieha tad-dinja ġewwiena; is-sebħ ta' l-oġġett u l-agunija tas-suġġett, is-superlattivi magħżula għan-natura u l-kliem taċ-ċaħda magħżul għall-poeta, jintisġu f'ħaġa kumplessa waħda. Minn barra, it-temi jidhru bħallikieku mqegħdin ħdejn xulxin, iżda fl-aħħar mill-aħħar jitwaħħdu għaliex ir-relazzjoni bejn il-barrani u l-ġewwieni għandha x-xeħta ta' kawża u effett. Aktar ma n-natura tikxef is-seħer tagħha, aktar titnikket il-qagħda tar-ruħ.

Din l-istess djalettika tinħass mill-ġdid f'"April", ix-xahar li Vassallo jsejjaħlu donnu biex iseddaq il-burdata tiegħu, tax-xi ħadd li qiegħed jixxennaq għalxejn li jara il-"fior di gioventù, il bello april degli anni;"[30] il-metafora ewlenija tad-"daħk" titbiddel f'motiv li jiżviluppa l-kuntrast qares:

Arawh kollu *daħkan jiżfen u jgħanni*
darb'oħra l-għanja tiegħu;
arawh b'elf ġenna miegħu
darb'oħra jixxaħxaħ
jitgħawwem, jitbaħbaħ
f'baħar bla tmiem.
(. . .)
Kollox, mgħaxxaq bi ġmielu,
darb'oħra reġa' fih;
darb'oħra tájjar ngħasu,
dilek bil-fwieħa xuxtu,
kellel biż-żahar u bil-weraq rasu,
demmem bil-qroll lelluxtu
(. . .)
Iżda mhux hekk, imsejkna,
fl-għanja ta' qalbi ċkejkna
reġgħu dis-sena
tal-ferħ, ta' l-hena
ħaddru t-tamiet.[31]

Il-metafora tad-daħka tan-natura, ippersonifikata f'figura umana ta' seħer idealizzat, tixref sikwit fil-lingwaġġ Leopardjan, anki f'waqtiet meta m'hux meħtieġ punt ta' riferiment għall-iżvolġiment fantastiku tal-motiv ta' l-esklużjoni. Dawn li ġejjin huma wħud mis-siltiet li juru b'liema saħħa Leopardi jara u jumanizza lis-seħer tan-natura, u għalhekk, b'liema sogħba jseddaq il-fatt li hu nnifsu jinsab imħolli barra minnu:

e di natura il riso;[32]

30. 'Al Conte Carlo Pepoli', vv. 101–102.
31. 'April', vv. 5–10, 12–17, 21–25.
32. 'Alla sua donna', v. 6.

solitario riso;[33]

A un campo verde che lontan sorrida;[34]

a gara intorno
ogni cosa sorride;[35]

Tu sai, tu certo, a qual suo dolce amore
rida la primavera.[36]

Il-metafora li jieħu sehem fiha l-vers imsemmi "ħaddru t-tamiet" iddur fi ħdan in-nukleu figurattiv li fil-lingwaġġ Leopardjan ibiddel liż-żgħożija, bħala medda ta' żmien mogħnija b'tamiet ġejjiena, fi *primavera* jew f'*età verde*.[37] Vassallo jqiegħed poetikament lil żgħożitu fl-istess xenarju veġetattiv li fih, madankollu, jinħass aktar in-nuqqas tal-"veġetazzjoni" mixtieqa milli t-twarrid veru. Fis-sewwa, hemm xitwa li tixtieq il-wasla ta' rebbiegħa ta' tħaddir. Waqt li jiġbor minn kull naħa lin-nukleu metaforiku, Vassallo jibqa' fi ħdan l-istess limiti figurattivi, u għalhekk jitbekka l-fatt li jinsab f'*deserto*[38] għaliex għalih ukoll "il *verde* è spogliato alle cose":[39]

agħmel li *nħaddar* bix-xewqat u t-tama;[40]

Bħalma mis-siġar
ta' ħajti tiġbor waħda waħda l-weraq
midbiel, niexef, safrani; u bħalma tgħoddli
waħda waħda t-tamiet li jinxfu u jaqgħu
minn qalbi msejkna ta' kuljum fuq l-art;[41]

Tamieti sofor u nexfin kif kienu
għadhom u jibqgħu u ma *jħaddru* qatt.[42]

It-tieni kelma li jinbena fuqha l-konfront bejn in-natura u l-poeta hi negattiva: *ma jasal qatt* għal Vassallo, u *non torna* għal Leopardi. Wieħed jiċċelebra s-sbuħija

33. 'Al Conte Carlo Pepoli', v. 129.
34. 'Il pensiero dominante', v. 31.
35. 'Le ricordanze', vv. 123–124.
36. 'Canto notturno di un pastore errante dell'Asia', vv. 73–74.
37. Cfr., fost l-oħrajn,' Il passero solitario', v. 26, 'La sera del dì di festa', v. 24,' Al Conte Carlo 'Pepoli', v. 116, 'Le ricordanze', v. 28.
38. Cfr. 'Amore e morte', v. 35, 'Alla sua donna', v. 18, 'Il pensiero dominante', v. 97, 'Al Conte Carlo Pepoli', v. 118.
39. 'Ad Angelo Mai', vv. 118–1:9.
40. 'Fil-Knisja ta' Pinu', v. 51.
41. 'Ottubru', vv. 25–29. Jidwu hawn il-vv. 5–6 ta' 'Autunno' ta' Antonio Gazzoletti:

Il cader d'ogni foglia
mi ricorda il cader d'una speranza.

42. 'Dejjem . . . Qatt', vv. 39–40.

ta' l-ambjent naturali Malti, l-iżjed tar-raħal fejn twieled u trabba; l-ieħor ifakkar il-kampanja ta' Recanati. Iżda t-tnejn iħossu ruħhom esklużi miċ-ċiklu staġunali li jwassal il-ħajja wara l-mewt tax-xitwa. L-alternanza kumplessiva taċ-ċelebrazzjoni mimlija faraġ tax-xenarju u tar-rivelazzjoni mweġġgħa tal-kriżi persunali tinħall minn Leopardi f'nisġa ta' kwadri, waqt li f'Vassallo tagħti l-ispunt għall-ħolqien ta' żewġ kwadri, li minn barra jidhru bħallikieku ħielsa wieħed mill-ieħor, maħsubin biex jillustraw ir-relazzjoni ferħ—tbatija, l-ammirazzjoni għall-mixja staġunali tad-dinja u l-ħasra ta' qagħda tar-ruħ li ma tistax titbiddel:

Se *torna* maggio, e ramoscelli e suoni
van gli amanti recando alle fanciulle,
dico: Nerina mia, per te *non torna*
primavera giammai, *non torna* amore.
Ogni giorno sereno, ogni fiorita
piaggia ch'io miro, ogni goder ch'io sento,
dico: Nerina or più non gode; i campi,
l'aria non mira;[43]

Xejn, xejn għal kollox ma jintemm; kull ħaġa
titbiddel dejjem u ħaġ'oħra ssir;
(. . .)
Jiena, msejken, mhux hekk. . . Żgħużiti mxejħa,
u qalbi mnikkta f'ġuf il-ferħ ukoll
(. . .)
Għax sew jekk jiġi s-sajf u tiġi x-xitwa,
kemm il-ħarifa u r-rebbiegħa, jien
dejjem u dejjem mejjet ħaj; għalija
*ma jasal qatt* tal-ward . . . tal-frott iż-żmien.[44]

L-esklużjoni, imfissra miż-żewġ poeti b'kostrutti negattivi qawwija, ittella' għal kollox fil-wiċċ in-naħiet imbiegħda minn xulxin: il-jien u l-ieħor, il-wieħed u l-kollox. Il-kontrappunt Leopardjan jikkonfronta l-''infinita beltà'' ma' l-''a me non ride'',[45] it-''tutta vestita a festa'' ma' l-''io solitario'',[46] it-''tu non ti acconci più'' ma' l-''ogni giorno sereno, ogni fiorita piaggia.''[47] Vassallo jikkonfronta l-''kollox, kollox joħla u jfuħ, kollox jitbissem, kollox jogħxa'' mal-''jien biss, jien waħdi,''[48] il-''kollu daħkan . . . kollu mgħaxxaq'' ma' l-''iżda mhux hekk

43. 'Le ricordanze', vv. 162—169. L-istess motiv, marbut ma' element ieħor tan-natura, jerġa' jidher fil-vv. 51—69 ta' 'Il tramonto della luna'.
44. 'Dejjem . . . Qatt', vv. 21—22, 25—26, 33—36. Hekk ukoll jikteb Petrarca: ''Primavera per me pur non è mai'' (*Quanto 'l pianeta. . . .* v. 14).
45. 'Ultimo canto di Saffo', vv. 21, 27.
46. 'Il passero solitario', vv. 32, 36.
47. 'Le ricordanze', vv. 161, 166—167.
48. 'Marzu', vv. 14—16.

. . . il-għanja tiegħi,''[49] il-''kull ħaġa'' mal-''jiena, msejken, . . . jiena''.[50]

**L-imħabba: is-soluzzjoni tal-bniedem-poeta**

Il-ħsieb ta' Vassallo, bħall-ħsieb ta' ħafna romantiċi, fosthom ta' Leopardi nnifsu fil-profondità kollha tiegħu, mhux biss ma jiħux is-sura ta' sistema organika, iżda xi drabi jinħall f'għadd ta' kuntradizzjonijiet. Fih ukoll, il-milja sħuna tas-sentiment sikwit ma taqbilx mas-sentenzjożità filosofika. Fl-esperjenza ta' l-imħabba, fost l-oħrajn, jilmaħ l-isfida l-iżjed iebsa tal-poeta; iżda fl-1944 hu nnifsu jammetti li ż-żwieġ tiegħu għandu jitqies bħala miraklu.[51]

Min-naħa l-oħra, waqt li jingħarfu dawn iż-żewġ estremitajiet, jista' jingħaraf ukoll it-tielet mument meta Vassallo, miexi fil-mogħdija Leopardjana, jikkonkludi li, ladarba wasal sa dan il-punt partikulari, jista', għallinqas ideoloġikament, jinfired minn Leopardi. Hawn hu l-waqt aħħari tas-sejba ta' l-imħabba, jiġifieri tal-kwalità li, bħalma jfakkar Vassallo nnifsu, Leopardi jfittex dejjem bla ma jasal li jsib.

Mill-esperjenza sentimentali ta' Leopardi jinsiltu x-xejriet ewlenin li jiddeterminawha bħala dik li hi; Vassallo jgħaddi minnha hu wkoll, u bi stħarriġ metodiku tagħha jistgħu jinstabu dawn il-punti tar-riferiment. L-ewwel wieħed hu l-għarfien ta' l-imħabba bħala l-valur ewlieni ta' l-eżistenza, u bħala l-ankra waħdanija li l-bniedem jista' jsalva biha fl-eżistenza. Flimkien ma' l-għarfien tad-dulur u tal-konsegwenza tiegħu, l-esklużjoni, tinħass ukoll it-tiftixa tar-rimedju:

Nagħ'rfu l-Imħabba li ħalqitna u fdietna,
nagħ'rfu li *ħliefha* kollox baħħ u xejn.[52]

Sbejħa l-Imħabba! Ħelu l-ħlas ta' ġufha.
Min jiżra' fiha ma jiżrax fit-tajn![53]

49. 'April', vv. 5–12, 21–26.
50. 'Dejjem . . . Qatt', vv. 21, 25–41. Ma jinħassx f'Vassallo l-kuntrast bejn il-konsapevolezza umana tan-niket u n-nuqqas ta' konsapevolezza fuq il-livell annimal, li jixref sikwit f'Leopardi (cfr. 'Il passero solitario', vv. 45–49, 'Canto notturno di un pastore errante dell'Asia', vv. 105–132, *Detti memorabili di Filippo Ottonieri*, *Opere* cit., I, p. 580, *Zibaldone*, *Opere* cit., II, p. 41, *Pensieri*, *Opere* cit., I, p. 732, 'Bruto minore', vv. 61–64). Madankollu, il-mottiv jidher sikwit f'għadd ta' poeti Maltin oħrajn, bħal Dun Karm ('Lill-Kanarin Tiegħi') u Rużar Briffa ('Lil Għasfur Igħanni'). Għal Vassallo, differenti sa ċertu punt minn Leopardi li jsib fis-setgħa intellettiva l-kawża ewlenija tal-kundanna tal-bniedem, hemm l-ordni veġetattiv li jrodd il-figura li tippreżenta d-distanza li hu jfisser poetikament bejn ħajja mimlija u ħajja għajjiena, jew aħjar bejn ħajja u agunija.
51. *Biex niftiehmu minn Qabel*, *Kwiekeb ta' Qalbi*, Malta, G. Muscat 1944, p. 10.
52. 'Lit-Tfajla ta' Mħabbti', vv. 31–33.
53. 'Formosa', vv. 21–22. Cfr. ukoll il-vv. 15–16, 23–32 u 'Ħabbejt u ma Tjassartx', li l-v. 22 tagħha, ''milja ta' ġid,'' ifakkar l-''un tanto bene,'' v. 99, ta' 'Il pensiero dominante'.

Pregio non ha, non ha ragion la vita
*se non* per lui, per lui ch'all'uomo è tutto;[54]

*Altro* il mondo non ha, non han le stelle,
nasce dall'uno il bene,
nasce il piacer maggiore.[55]

Bħal fil-każ tal-biki bħala l-egħmil li jagħżel lill-bniedem u jiddefinih bħala ħlejqa, hawn ukoll iż-żewġ poeti jitkellmu dwar l-imħabba f'termini ta' esklusività, u jagħżlu l-istess żewġ kelmiet: *ħlief* u *altro*.

Mill-għarfien tas-setgħa fuqanija ta' l-imħabba bħala l-kenn uman, il-kuxjenza tgħaddi biex tagħraf il-mod waħdani li hu mogħti lit-tnejn biex jiltaqgħu mal-mara maħbuba, dik li għal Vassallo hi solitarja, imbikkija, imnikkta,[56] u għal Leopardi hi "un'infelicissima fanciulla."[57] Din ta' l-aħħar hi mbiegħda, ma tidhirx sewwa, anzi hi "una di quelle immagini, uno di quei fantasmi di bellezza e virtù celeste e ineffabile, che ci occorrono spesso alla fantasia (. . .) È la donna che non si trova. L'autore non sa se la sua donna (. . .) sia mai nata finora, o debba mai nascere; sa che ora non vive in terra."[58] Dik li jpinġi Vassallo hu u jfittex li jikkonkretizza l-esperjenza mistħajla u li jagħtiha s-sura ta' oġġett, hi kemm kemm eżistenti, imbiegħda ħafna miż-żagħżugħ li jsejħilha mingħajr ma jirnexxilu jiltaqa' magħha.[59] Vassallo jieħu l-ispazju ideali li jbiegħed lil Leopardi mill-mara vera, dik li "lunge m'ispiri o nascondendo il viso,"[60] u jikkonkretizzah, igħawġu skond ix-xejriet ta' nisġa ħafifa li tinqeda bid-distanza fiżika biss biex turi kemm hi mitlufa l-fantasija.

L-esperjenza tal-ħolm ta' Vassallo twasslu biex jiltaqa' mat-"tfajla li ma nafx u noħlom" u jitlobha tixref quddiemu:

Kemm xtaqtek (. . .) toħroġli
għad-dawl minn ġuf id-dlam tal-ħolm li ħlomt.[61]

54. 'Il pensiero dominante', vv. 80–81. M'hemmx għalfejn wieħed ifakkar is-siltiet kotrana taz-*Zibaldone* fejn l-imħabba hi msemmija u mistħarrġa b'qima kbira.
55. 'Amore e morte', vv. 4–6.
56. 'It-Tfajla tal-Poeta ta' bla Isem', *Alla taż-Żgħażagħ*, Malta, G. Muscat, 1939, pp. 25–26.
57. 'Il sogno', v. 75.
58. *Prefazioni e annotazioni alle dieci canzoni stampate in Bologna nel 1824 – Annuncio delle canzoni*, *Opere* cit., I, pp. 190–191.
59. *It-Tfajla tal-Poeta ta' bla Isem*, *loc. cit.*, pp. 25–26.
60. 'Alla sua donna', vv. 1–2.
61. 'Lit-Tfajla ta' Mħabbti', vv. 25–26. Cfr. ukoll il-vv. 1, 29, u 'Formosa', vv. 1–2. Leopardi jitkellem dwar "la formosissima donna", 'All'Italia', v. 10. L-istess aġġettiv jużah Vassallo biex jiddeskrivi l-figura femminili tiegħu:

Formosa tfajla li trabbiet għalija,
Formosa tfajla li sebbaħtha jien,
Formosa tfajla li taf tħobb u tagħder,
Formosa tfajla li ma tmutx maż-żmien.

(*Formosa*, vv. 5–8). Leopardi jitħaddet ukoll dwar Aspasia u Nerina.

Il-mara ta' Leopardi hi wkoll "imago," "ombra,"[62] "bella qual sogno," għaliex:

Un sogno
in molta parte onde s'abbella il vero
sei tu, dolce pensier.[63]

Hemm għadd ta' punti ta' kuntatt oħrajn li jistgħu jkunu mistħarrġa biex tinstab in-nisġa stilistika u spiritwali li ssieħeb liż-żewġ erwieħ imnikkta f'kor żgħir wieħed li jtenni, b'awtentiċità daqskemm b'xebh profond, kelma waħdanija, komuni bejniethom. Wara li Leopardi jbiddel poetikament lill-mara tiegħu u jagħraf il-mewt fiżika ta' Targioni-Tozzetti, igħaddi kważi b'ċerta trankwillità mill-eleġija għal ħolma oħra, il-qagħda dejjiema, tipika tal-bniedem-poeta:

Perch'io te non amai, ma quella Diva
che già vita, or sepolcro, ha nel mio core.[64]

Min-naħa tiegħu, meta jilħaq dan l-istadju, u jirbaħ it-theddida tal-waqgħa Leopardjana ta' l-"inganno estremo," Vassallo jimxi lejn iż-żwieġ (1939); minn dik il-ħabta 'l quddiem il-qarrej kritiku jassisti għal proċess aktarx imgħaġġel ta' fejqan ta' l-ispirtu, li jħaddan għamla ta' rikostruzzjoni persunali,[65] u li ma jfissirx għajr tbegħid gradwali mill-egħluq tad-dinja bikrija. Min-naħa l-oħra, l-influssi diretti jdubu qajl qajl fi sfumaturi li jibqgħu jixirfu minn waqt għal ieħor, donnhom ilħna qodma li d-diwi tagħhom m'hemmx li jgħaddi.

62. 'Alla sua donna', vv. 4, 45.
63. 'Il pensiero dominante', vv. 108–110.
64. 'Aspasia', vv. 78–79.
65. Cfr. is-sensiela ta' poeżiji "tal-familja," 'Lil Marti, *Lil Ibni Oliver Paul, Lil Ibni Herman Baruch', miktuba bejn l-1942 u l-1944. Anqas f'"Binti' (1941), l-eleġija lil bintu Rosanna, ma jerġgħu jitilgħu fil-wiċċ il-kontestazzjonijiet reliġjużi u s-sens qawwi ta' sfiduċja fil-ħajja.*



Karmenu Vassallo u martu Maria flimkien man-neputijiet.

Karmenu Vassallo flimkien ma' martu (tarf lemin), ibnu Oliver Paul u martu fl-okkażjoni tal-preċett tan-neputija.



# Reċensjoni

## *STILISTIKA MALTIJA*
## *L-Isbaħ Rigal għal Sena Ġdida Letterarja*

IL-POETA, rumanzier u drammaturgu Ġużè Chetcuti għamel ħaġa li dawk li huma midħla tal-Letteratura Maltija setgħu ilhom snin u snin li xtaquha sseħħ. Ma saret qatt qabel dan l-aħħar, jiġifieri bejn tmiem is-sena 1985 u l-bidu ta' din is-sena 1986. Din il-ħaġa tikkonsisti fi ktieb imdaqqas ta' 220 paġna li jikxfulna u juruna kemm hi sabiħa u vasta l-mergħa letterarja tal-kittieb li, hu min hu u kien x'kien ilsien artu, jagħraf iħaddem u jinqeda bil-pinna tiegħu tajjeb kemm jista' jkun kif jitolbu u jesiġu minnu r-rwiegel ta' sengħet il-kitba, kitba ta' sempliċi ittra, jew *essay*, novella, rumanz, dramm jew poeżija. Fi kliem ieħor, il-qofol tal-ktieb ta' Ġużè Chetcuti hu dak li jgħallem u juri "kif wieħed għandu jitkellem u jikteb bil-proprjetà u b'sengħa artistika," għalkemm il-kittieb jibqa' dejjem is-sid ta' kif iħaddem il-għodda tiegħu fil-bini tas-suġġett li jkun għażel biex jitkellem fuqu.

Bil-ktieb tiegħu, *Stilistika Maltija u Movimenti Letterarji*, l-Awtur (li hu magħruf biż-żejjed għall-ħila kbira u s-sengħa ta' mgħallem li wera fis-26 biċċa xogħol letterarja li tana qabel din ta' l-aħħar, kotra minnhom oriġinali u oħrajn traduzzjonijiet) nistgħu ngħidu li rregalalna teżor letterarju – biċċa xogħol kbira, stupenda u tassew ta' min ifaħħarha. Għalija, fil-qasam letterarju Malti, dan il-ktieb tas-Sur Chetcuti mhux għajr *tour de force*.

B'din il-frażi ta' l-aħħar ma rridx infisser li fil-ktieb *Stilistika Maltija* . . . ta' Ġużè Chetcuti għandna xi xogħol letterarju purament *kreattiv* bħalma huma, ngħidu aħna, ir-rumanzi tiegħu *Id-Dawl tal-Ħajja*, *L-Isqaq* u *Nirien ta' Mħabba*, jew id-drammi tiegħu *Il-Kerrejja* u *Imħuħ Morda*. Dan ix-xogħol għandu, biex ngħid hekk, minn dak ta' grammatka jew ta' dizzjunarju tajjeb. Kittieb ta' grammatka jew ta' dizzjunarju ma joħloqx minn moħħu; xogħlu ma jistax jissejjaħ kreattiv jew ħolqien il-moħħ. B'daqshekk dejjem hemm x'wieħed jammira u jfaħħar fi grammatka bħal, fost oħrajn, Edmund F. Sutcliffe S.J., l-awtur magħruf ta' *A Grammar of the Maltese Language* (O.U.P. 1936), u bħal Ninu Cremona, jew f'lessikografu bħal M. A. Vassalli u Erin Serraċino Inglott. L-istess, bejn wieħed u ieħor, jista' jingħad dwar l-awtur ta' *Stilistika Maltija u Movimenti Letterarji.*

Hu x'inhu, il-ktieb li dwaru qed nuru b'xi mod fehmitna joqgħod għalih, u ieħor bħalu jew tal-qatgħa tiegħu fi Lsienna m'għandniex. Ried ikun tassew kittieb tajjeb bħal Ġużè Chetcuti, studjuż lieżem, għaqli u ġudizzjuż bħalu, u bħalu wieħed li donnu ma jaħrablu xejn bħala qarrej u osservatur fin letterarju biex seħħlu jagħtina xogħol hekk interessanti, estensiv u eżawrjenti bħalma hu dan.

Kif jixhed l-isem ewlieni tal-ktieb, kollox idur jew għandu x'jaqsam mal-kelma "stil". Fi kliem l-awtur innifsu, "l-istil hu l-mod kif wieħed ifisser, jesprimi kunċett jew sentiment bil-kliem, bl-ilwien, bil-ħsejjes u b'kull mezz ieħor li tagħtina l-Arti. Hu manjiera ta' kitba u jiġbor fih il-kwalitajiet karatteristiċi tal-letteratura. Għalhekk l-Istilistika turina fejn hemm it-tajjeb u fejn hemm il-ħażin fil-kitba. . ."

Meta nitkellmu – tant inkunu drajna nlissnu ċertu kliem b'ċertu mod – li anqas, jew bilkemm, nindunaw li qegħdin inħallu parti minn din jew dik il-kelma barra, bħal *Qas* flok *Lanqas* (*Qas* biss tajt kasu); *'kk* flok *jekk* (Jiġi *'kk* irid); *'ma* jew *'mma* flok *imma* ("Ma stmerrejtx – int l-imnikket ġewwa darek/ *'ma* tbissimt minn fuq altarek. . ."). Hekk

ukoll naghmlu jew nistgħu naghmlu meta niktbu, għad l: dan naghmluh b'għajnejna miftuħa għax inkunu rridu hekk. Dawn u oħrajn tal-qatgħa tagħhom jissejħu ġeneralment *figuri tad-diskors* u jagħmlu sehemhom daqqa mas-sintassi, daqqa mal-morfoloġija, daqqa mar-retorika, u daqqa mal-prosodija.

Sehmi mhux dak li ntenni jew li niġbor fuq fuq dak li jgħid u jfisser fi ktiebu Ġużè Chetcuti. Biex wieħed jara sew xi frott tagħti din jew dik is-siġra, irid iduqu. U, biex wieħed ikun jaf x'jaħżen fih il-ktieb *Stilistika Maltija*. . . , jaqbillu jiksbu, jaqrah u jixtarru kif imiss. Biżżejjed jingħad hawnhekk li f'dal-ktieb tas-Sur Chetcuti jissemmew 270 kittieb Malti flimkien ma' kittieba kbar ta' pajjiżi oħra, kif ukoll ishma minn għadd kbir ta' xogħlijiet letterarji, kollox imsaħħaħ u mirfud minn bosta u bosta eżempji magħżulin bl-akbar għaqal u reqqa minn wieħed mill-iprem kittieba u awturi Maltin, Ġużè Chetcuti, li bl-*iStilistika Maltija*. . . tiegħu jidhirli li tana l-isbaħ rigal għal Sena Ġdida Letterarja.
15/1/86. *K. Vassallo.*

Ritratt ta' Karmenu Vassallo meħud lejn Wied iż-Żebbuġ, is-Siġġiewi u li ntwera waqt programm fuq l-istazzjon tat-televiżjoni lokali.




*Il-Malti* jista' jinġabar
f'enċiklopedija ta'
Letteratura Maltija.
Ibgħat għall-kopji ta'
l-imgħoddi
lis-Sur Pawlu Mifsud,
24 Triq il-Linja l-Qadima,
B'Kara.